FRAR 2025
ĦARĠA NRU. 082

# il-pont



RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 11 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 14 | L-Intervista \| Norman C. Borg |
| 17 | L-Intervista \| Rowena Grech |
| 20 | L-intervista \| Gabriel Lia |
| 22 | L-Intervista \| Nedeljko Terzic |
| 26 | Id-Djaletti Wirt il-Kotra - Philip Borg |
| 28 | Reċensjoni *L-Imħabba Oħt il-Ġenn* |
| 30 | Riflessjoni ta' Victor V. Vella |
| 32 | Dwar *Il-Ħabib tas-Soru tal-Klawsura* |
| 33 | Rakkont ta' Joseph Bonello |
| 35 | Rakkont ta' Mario Attard |
| 38 | Reċensjoni *Fis-Sajf ta' Żewġt Ibliet* |
| 40 | Reċensjoni *Allat tal-Qerq* |
| 43 | Il-Poeżija mill-Pinna tal-Maltin |
| 48 | Versi lil Hinn minn Xtutna |
| 51 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Kemm hi b'saħħitha l-Kelma! Għandha saħħa ħafna iktar minn kull arma tan-nar, minn kull inġenju tal-qirda tal-massa! Imma bħal kull ħaġa, il-Kelma tista' tintuża kemm għal għanijiet tajbin kif ukoll għal għanijiet ħżiena. Illum iktar minn ilbieraħ għandna nifhmu kemm il-Kelma hija qawwija. Fuq fomm il-ħakkiema u d-dittaturi taf tnissel il-mibegħda fil-qlub tal-ħafna u l-firda fost il-popli. Taf tikkonvinċi lil eluf, anzi miljuni, biex iħallu warajhom l-imħabba, is-sliem, il-familja, u dak kollu li jgħożżu, sabiex jaqbdu l-azzarini u joqtlu lil bnedmin bħalhom f'isem ideoloġiji kiefra, diżumani qatigħ! Hemm imbagħad il-Kelma fuq fomm min jemmen fil-Paċi fost il-bnedmin, fl-Imħabba, fir-Rispett reċiproku, u fl-Armonija fost il-popli tad-dinja kollha. Il-Kelma hawn hi dik fuq fomm persuni ta' rieda tajba, u fost dawn hemm il-Poeti, il-Poeti mid-dinja kollha li jiktbu b'ilsna differenti, imma fl-istess ħin jitkellmu ilsien komuni: dak tal-Għaqda u s-Sliem fost il-popli kollha, popli ta' kull twemmin reliġjuż, ta' kull kulur tal-ġilda, ta' kull razza... Huwa issa l-waqt li l-Poeti jiktbu l-versi ta' Paċi tagħhom, jekk hemm bżonn jgħajtuhom, ixerrduhom fost il-popli b'modi differenti, fosthom permezz tal-midja soċjali u mezzi tal-komunikazzjoni oħra. Il-Kelma fuq fomm il-Poeti hija l-Kelma li tfakkar, mhix il-kelma li tnessi. Min jinsa jħalli l-iżbalji u l-atroċitajiet tal-imgħoddi jerġgħu jieħdu l-ħajja u jirrepetu ruħhom. Min jinsa jaf iħalli lil min jemmen fil-Gwerra u fil-firda jaħkmu mill-ġdid. U dan mhu xejn tajjeb! Mhu xejn sabiħ! Anzi huwa Dlam, Demm u Mewt! IL-PONT ifakkar li huwa dmir tal-Poeti u tal-Kittieba kollha ta' Rieda Tajba li jiktbu u jsemmgħu leħenhom, jitkellmu mal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar favur il-Paċi fuq kollox, imma anki dwar dak kollu li jagħmilna bnedmin ta' Rieda Tajba.

Fuq nota differenti, kemm jaħbu fihom teżori bla mistennija l-kotba mhux ġodda li niddubbaw mingħand ħaddieħor jew li nixtru *second hand*! Mhux l-ewwel darba li bejn il-paġni ta' kotba bħal dawn insib affarijiet antiki tassew: kartolini, kupuni li kienu jiġġemmgħu tant snin ilu, paġni ta' gazzetti mitnijin u li fuqhom ikun hemm xi poeżija jew kitba ta' xi poeta jew kittieb magħruf jew inqas magħruf, xi ittra mitwija u miktuba u ffirmata mill-pinna ta' xi kittieb partikolari... Dan huwa vantaġġ ieħor ta' meta tixtri jew tiddobba ktieb mhux ġdid, u dan bla ma nsemmi l-bosta marki jew annotazzjonijiet li jkunu ħallew fuq il-paġni l-proprjetarji ta' qabel.

L-imħabba għall-ktieb u l-qari għandhom jibdew minn meta nkunu żgħar. U hawn huma importanti l-ambjent familjari imma fuq kollox l-iskola u s-sistema edukattiva. L-għażla ta' kotba għall-qari u diskussjoni offruta lill-istudenti f'kull livell għandha titwessa' u ma tibqax limitata għal ftit kotba u awturi li spiss jibqgħu l-istess għal snin twal. Għandu jingħata iktar ħin matul is-sena skolastika lill-qari u l-apprezzament ta' xogħlijiet letterarji kemm lokali kif ukoll barranin, iktar u iktar illum fejn uliedna qed jittellgħu f'soċjetà fejn qed jaħkmu n-numri, l-idea tas-suċċess u r-rikkezza f'qasir żmien u akkost ta' kollox bil-konsegwenza li qed jitwarrbu dejjem iktar il-veru rispett lejn il-persuna umana, il-valuri, il-pedamenti li fuqhom għandhom jiffurmaw ġenerazzjonijiet tal-futur responsabbli u li verament jafu x'inhuma jagħmlu f'xogħolhom u fid-dmirijiet tagħhom lejn is-soċjetà. Hija l-letteratura li tgħinna nifhmu iktar minn xiex inhi magħmula n-natura umana: jekk ma naqrawhiex se nibqgħu dejjem iktar nitbiegħdu minn dak li xi darba konna biex fl-aħħar mill-aħħar ninbidlu f'magni bla emozzjoni maħkumin min-numri.

IL-PONT ifakkar li kull okkażjoni hija tajba biex tagħti ktieb bħala rigal, kull okkażjoni hi tajba biex issib ftit ħin u taqra.


Edicola S. Agostino
NEON LECCO
AutoCapital
RANGE ROVER SPORT
epocAuto
ALFA 164
RUOTECLASSICHE
FERRARI 456 GT
Youngtimer
ELABORARE 4x4
ERCaos
AUTO
PORSCHE CAYMAN
La Manovella
ASI VINCE
TRENO
nautica
Barche
LOWRIDE
SuperBike
Motociclismo
Fuoristrada d'Epoca
CAMPER
alvento
Aeronautica e Spazio
RISTORANTI D'ITALIA
BARBANERA
LINGUAGGIO

# Aħbarijiet

MID-DINJA LETTERARJA

### JANE MICALLEF BĦALA WAĦDA MIR-REBBIEĦA TAL-PREMJU MONDJALI NOSSIDE 2024



Nhar id-29 ta' Novembru 2024 fl-Awla Magna tal-Università Mediterranea, f'Reggio Calabria, l-Italja, saret il-ċerimonja ta' premjazzjoni tad-39 edizzjoni tal-Premju Mondjali tal-Poeżija Nosside. Fost ir-rebbieħa mid-dinja kollha, kien hemm ukoll Maltija, Jane Micallef, li bil-poeżija tagħha 'Salmo 2024 A.D.' ingħatat il-Premju Speċjali "Nosside - Teàgene di reghion". Il-poetessa Maltija ġiet intervistata fuq kanal tat-televiżjoni lokali u qrat il-poeżija rebbieħa tagħha kemm bit-Taljan kif ukoll bil-Malti.

### RISKOPERT DIZZJUNARJU TAL-MALTI MITLUF GĦAL TANT SNIN



[Ritratt u tagħrif minn www.um.edu.mt/newspoint]

Dr Steve Borg skopra mill-ġdid il-manuskritt ta' dizzjunarju Malti-Ingliż u Ingliż-Malti mhux ippubblikat, xogħol li Salvatore Mamo ħadem fuqu iktar minn seklu ilu u li lesta qabel ma miet fl-1918. Dr Steve Borg illum huwa Direttur Anzjan fl-Uffiċċju Biblijografiku Nazzjonali fi ħdan il-Malta Libraries, u d-dokument imsemmi ġie diġitalizzat sabiex jiġi ppreservat u studjat. L-istess dizzjunarju qed jiġi traskritt mid-Dipartiment tal-Malti tal-Universita ta' Malta sabiex ikun disponibbli għall-pubbliku. Dan intqal f'Diċembru 2024 waqt ftehim li ġie ffirmat bejn il-Malta Libraries u l-Università ta' Malta. Akkademiċi mid-Dipartiment tal-Malti mmexxija minn Dwayne Ellul, flimkien mal-gradwati Javier Degiorgio u Maria Simiana, se jistudjaw id-dizzjunarju, jittraskrivuh u jippreparawh għall-pubblikazzjoni. Intqal li sejba bħal din hija importanti fil-qasam avvanzat kemm tal-istudji lingwistiċi kif ukoll ta' dawk kulturali. Skoperta bħal din tiċħad dak li – waqt li kien qed jaħdem fuq id-dizzjunarju tiegħu (1947-1955) - kien sostna Dun Karm Psaila, jiġifieri li d-dizzjunarju-manuskritt ta' Salvatore Mamo kien inqered waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Dwar Salvatore Mamo għandna ftit tagħrif: twieled fl-1838 u kien edukatur ewlieni filwaqt li ħadem għal bosta snin biex għaqqad id-dizzjunarju tiegħu.

## IMUT IL-KRITIKU U RUMANZIER DAVID LODGE



David Lodge (1935-2025)
[Ritratt yahoo.com]

Fl-1 ta' Jannar 2025 f'Birmingham, l-Ingilterra, miet fl-età ta' 89 sena l-kritiku u rumanzier David Lodge. Huwa għallem il-letteratura għal 26 sena sħaħ, u ismu jibqa' miftakar l-iktar għat-triloġija romanżeska u ironika: *Changing Places: A Tale of Two Campuses* (1975), *Small World: An Academic Romance* (1984), u *Nice Work* (1988). Lodge twieled fit-28 ta' Jannar 1935, f'Dulwich, fil-periferija ta' Londra, fejn ftit kienu jafu bl-università. Imma, ladarba l-għalliema tal-liċeo minħabba t-talent tal-kitba tiegħu hu jidħol fl-University College ta' Londra biex jistudja l-letteratura. Iggradwa fl-1955 u fl-1960 kiseb dottorat tar-riċerka u fl-istess ħin beda jgħallem illetteratura Ingliża fl-Università ta' Birmingham fejn qatta' l-karriera tiegħu. L-ewwel rumanz tiegħu kien *The Picturegoers* (1960), segwit minn *Ginger, You're Barmy* (1862). Apparti r-rumanzi Lodge kiteb ukoll bosta saġġi ta' ktitika letterarja dwar it-teorija tar-rumanz u billi ttratta wħud mill-kittieba ewlenin ta' fama dinjija, bħal Graham Greene u Evelyn Waugh. Huwa wkoll l-awtur ta' xogħlijiet teatrali u kiteb adattamenti għat-televiżjoni. Ippubblika anki tliet awtobijografiji: *Quite a Good Time To Be Born: a Memoir, 1935–75* (2015); *Writer's Luck: A Memoir: 1976–1991* (2018); *Varying Degrees of Success: A Memoir: 1992–2020* (2020).

## JITĦABBAR IL-MANUSKRITT REBBIEĦ TAL-KONKORS TA' KITBA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2024




DOI Omar Camilleri

[Tagħrif u ritratt minn www.ktieb.org.mt]

Il-manuskritt rebbieħ tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ 2024 huwa *Kristalli tas-Silġ*, li kien sottomess minn Kirsten Spiteri u li tħabbar waqt ċerimonja speċjali fil-Bibljoteka Nazzjonali l-Belt nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar. Il-konkors jittella' b'ħidma bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) u Aġenzija Żgħażagħ. Iċ-ċerimonja kienet ippreżentata mill-awtur, liriċist u preżentatur televiżiv Lon Kirkop. Ir-rebbieħa tas-sena l-oħra, Leanne Ellul, qrat silta mill-manuskritt *bejn il-kmiem* li bħalissa jinsab fil-fażi tal-editjar, u wara kellha konverżazzjoni ma' Kirkop li fiha tkellmu dwar l-importanza ta' dan il-Konkors biex jixpruna aktar xogħlijiet f'dal-ġeneru letterarju. Irreferew ukoll għall-enfasi li jagħmel dal-Konkors fuq l-editjar tal-manuskritt rebbieħ. Attendew għaċ-ċerimonja l-Ministru tal-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Innovazzjoni u Riċerka, l-Onorevoli Clifton Grima u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, l-Onorevoli Keith Azzopardi Tanti. L-On. Grima enfasizza l-irwol tal-Konkors fit-tisħiħ tal-lingwa Maltija: "Irridu naħdmu flimkien biex ilsienna ma jitwarrabx, u dan ifisser li rridu naħdmu biex insaħħuh. Huwa għalhekk li daħħalna miżuri u inizjattivi fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni li jenfasizzaw mill-ġdid l-importanza tal-Malti bħala suġġett essenzjali. Barra minn hekk, bħalissa għaddej xogħol fl-iskejjel kollha bis-saħħa tal-programm Rimonta fil-Qari". Is-Segretarju Parlamentari Keith Azzopardi Tanti żied jgħid li l-parteċipanti tal-Konkors qishom attivisti tal-lingwa Maltija, għax b'xogħolhom jassiguraw aktar xogħol bil-Malti li jiġbed iż-żgħażagħ lejh. Spiteri ngħata trofew, ċertifikat u premju monetarju ta' €1,000, kif ukoll sussidju ta' €3,000 li se jintużaw fil-pubblikazzjoni tar-rumanz ma' dar tal-pubblikazzjoni tal-għażla tiegħu wara li jiffirma l-kuntratt tal-pubblikazzjoni. L-organizzaturi tal-konkors irringrazzjaw lill-membri tal-ġurija, li kienu Josianne Block, Matthew Schembri u Glen Calleja. Il-manuskritt rebbieħ intgħażel minn fost tliet sottomisjonjiet li ġew evalwati skont damma ta' kriterji stabbiliti, fosthom l-iżvilupp tal-istorja u l-karattri, l-oriġinalità, il-lingwa, u l-kwalità.

## STEDINA BIEX TIKSEB BILJETT GĦAL-LONDIN BOOKFAIR 2025




[Tagħrif u ritratt minn www.ktieb.org.mt]

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) bi pjaċir qed joffri ammont ta' biljetti lil pubblikaturi, awturi u tradutturi minn Malta biex jattendu l-London Book Fair 2025, organizzata mill-11 sat-13 ta' Marzu fl-Olympia, Londra. Din l-iskema tagħmel parti mill-Inizjattiva ta' Esportazzjoni Letterarja 2025 tal-KNK, li tniedet fl-2023. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirrikonoxxi l-isfida li l-pubblikaturi, l-awturi u t-tradutturi Maltin jaffaċċaw biex jinnavigaw fis-suq tal-pubblikazzjoni internazzjonali u impenjat biex irawwem suċċess fih. Il-KNK qed joffri opportunità unika għall-imsieħba biex jibnu pont ma' mkejjen ewlenin fl-industrija

fis-suq globali tal-kotba. Qed jiġu offruti b'kollox 20 biljett għal pubblikaturi, awturi u tradutturi minn Malta, li se jiġu allokati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Filwaqt li l-biljett jagħti aċċess għal-London Book Fair 2025 tul it-tlett ijiem (mil-11 sat-13 ta' Marzu), l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għandhom jitħallsu mill-applikant. Applikanti prospettivi huma ġentilment mitluba jimlew l-applikazzjoni sas-7 ta' Frar 2025.

### JIFTAĦ IL-KONKORS TA' LETTERATURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2025




Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ hu miftuħ għas-sottomissjonijet bejn il-21 ta' Jannar u l-5 ta' Settembru 2025 f'nofsinhar. Dan huwa konkors organizzat bejn l-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. L-għan tal-konkors huwa li jintgħażlu, jiġu ppremjati u ppubblikati rumanzi bil-Malti miktubin apposta għaż-żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-18-il sena li jesploraw id-dinja tagħhom tal-lum, b'dak kollu li din il-fażi tal-ħajja ġġib magħha. B'hekk l-organizzaturi jittamaw li jiżdiedu aktar kotba f'dan il-ġeneru u ż-żgħażagħ isibu qari bil-Malti li jinteressahom u jimmotivahom. Permezz ta' dan il-konkors, l-organizzaturi jaspiraw li l-manuskritti sottomessi jkunu tal-ogħla livell letterarju. Fuq kollox, l-organizzaturi jaspiraw ukoll li jippromovu letteratura ta' livell għoli billi jippremjaw testi ta' kontenut letterarju għoli. Barra minn hekk ikun hemm inċentiv għall-awturi biex jissottomettu rumanzi oriġinali u innovattivi b'kontentut mhux didattiku u li ma jaljenax liż-żgħażagħ b'attidudni moralistika. B'hekk iż-żgħażagħ jibdew igawdu wkoll minn letteratura miktuba speċifikament għall-etajiet u ż-żminijiet tagħhom – rumanzi li jħeġġuhom jaqraw aktar u aħjar. Il-konkors jiġi ġġudikat b'mod anonimu minn tliet ġudikaturi maħtura mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li jagħżlu l-manuskritt rebbieħ skont damma ta' erba' kriterji stabbiliti: l-iżvilupp tal-istorja u l-karattri, l-oriġinalità, il-lingwa u l-kwalità. L-awtur tal-manuskritt rebbieħ jirċievi: i. Trofew u ċertifikat kommemorattiv; ii. Premju ta' €1,000; u iii. Fondi għall-pubblikazzjoni tar-rumanz ma' pubblikatur lokali tal-għażla tal-awtur. Għal iktar tagħrif u biex tipparteċipa ara: www.ktieb.org.mt/konkors-ta-kitba-letteratura-ghaz-zghazagh

### IMUT IL-POETA IRLANDIŻ MICHAEL LONGLEY

Nhar it-22 ta' Jannar 2025 fil-belt ta' Belfast, miet il-poeta Irlandiż Michael Longley. Huwa kellu 85 sena. Huwa twieled fis-27 ta' Lulju 1939 f'Belfast fejn għex ħajtu kollha. Bħala skola attenda r-Royal Belfast Academical Institution, fejn twieldet ukoll l-imħabba tiegħu għar-rugby. Tard matul is-snin '50 huwa mar f'Dublin fejn studja fi Trinity College u sar



Michael Longley (1939-2025)

midħla sewwa tad-dinja tal-poeżija. Wara li żżewweġ f'nofs is-snin '60 Longley ingħaqad ma' grupp ta' poeti żgħażagħ bl-isem ta' The Belfast Grupp li bħala membri fih kien hemm ukoll poeti bħal Seamus Heaney, Derek Mahon, Paul Muldoon u oħrajn. *No Continuing City* kienet l-ewwel ġabra poetika ta' Longley li ħarġet fl-1969, hekk kif beda l-inkwiet politiku fl-Irlanda ta' Fuq. Il-vjaġġi li Longley kien jagħmel fl-Irlanda tal-Punent ħajruh jikteb versi dwar in-natura imma qatt ma waqaf jikteb poeżiji dwar il-kunflitti u l-vjolenza madwaru. Fost il-premji prestiġjużi li rċieva hemm il-Premju T.S. Eliot u l-Premju Whitbread Poetry. Tnejn mill-aħħar ġabriet poetiċi tiegħu huma *The Slain Birds* (2022), u *Birds & Flowers* (2024).

### SERATA MUŻIKO-LETTERARJA U TNEDIJA TA' KTIEB F'RAĦAL ĠDID



John Demanuele u fl-isfond Miriam Ellul Costantino

Nhar it-22 ta' Jannar 2025 fis-Sala Antoine De Paule, Pjazza Raħal Ġdid, tnieda l-ktieb ġdid bl-isem ta' *Dedika* (Pubblikazzjoni Faraxa) ta' Miriam Ellul Costantino. Is-Sur Jesmond Sharples qara d-Daħla għal din il-ġabra ta' novelli ċkejkna, filwaqt li matul is-serata nqraw kemm poeżiji kif ukoll siltiet differenti mill-ktieb minn qarrejja diversi, fosthom Joe Dimech, Charles Casha, Trevor Żahra, Omar Seguna, Ellie Cilia Ferris, Amanda Busuttil, Antonella Galea Loffreda, u Patrick Sammut. Kien hemm ukoll intervalli mużikali mill-kantanta Maria Luana u mill-mużiċisti Norbert Camilleri (pjanu), Riccardo Rossano (vjolin) u Ray Ellul (kitarra). Mexxa s-serata John Demanuele. Il-Prof. Toni Aquilina għamel diskors qasir f'rabta mal-Pubblikazzjonijiet Faraxa, filwaqt li Miriam Ellul Costantino għalqet b'diskors ta' ħajr. Wara kien hemm ukoll riċeviment żgħir.

# Reazzjonijiet



Ittri

Ideat

**Email mingħand Philip Borg, it-2 ta' Diċembru 2024**

Għażiż Patrick,

Nifraħlek għall-ħarġa ta' IL-PONT ta' Diċembru. Afli fiha biċċa xogħol ta' impenn u ħila biex jirnexxilek tiġbor tant kitbiet u rapporti u tqassamhom f'kategoriji apposta!

Laqatni l-editorjal u l-kummenti dwar il-Festival tal-Ktieb li sar f'Novembru. Kif xieraq int sħaqt fuq l-imħabba għall-kotba u għall-qari kif ukoll l-isforzi li qed isiru mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Qari. Ta' min ifaħħar il-programm ta' sessjonijiet "Aqra miegħi" għat-tfal u l-ġenituri jew kustodji, li ġew organizzati wkoll fi spazju adattat matul l-istess Festival.

Minn dak li smajt u sirt naf, dawn is-sessjonijiet, f'diversi bliet u rħula, qed jiġbdu għadd sabiħ ta' tfal - saħansitra trabi - f'atmosfera ferriħija li tattira saħansitra lil ġenituri/ kustodji u anki nanniet u zijiet. Il-qari ta' rakkonti sempliċi imma dejjem b'xi tagħlima, akkumpanjati minn kant ta' għanjiet tradizzjonali, joħolqu ħajra ġenwina f'kull min jattendi lejn is-siwi tal-kotba u l-qari.

Dawn is-sessjonijiet li jsiru kull ġimgħa f'postijiet fissi jiżirgħu minn kmieni fit-tfal żgħar id-drawwa frekwenti għal sessjoni li toffrilhom il-pjaċir li jqattgħu ftit ħin flimkien ma' oħrajn - bejn wieħed u ieħor tamparhom. Ovvjament, l-atmosfera ferriħija tiddependi mill-ħila u d-dedikazzjoni tal-għalliema li tmexxi kull sessjoni u mir-riżorsi attraenti li tħejji apposta.

Isiru sessjonijiet bil-Malti biss u oħrajn bl-Ingliż biss biex tkun evitata l-kawlata bejn iż-żewġt ilsna fl-ulied żgħar li għadhom qed jitgħallmu jibnu l-vokabolarju tagħhom. Sessjonijiet bħal dawn jgħinu wkoll biex tinbena ħbiberija u kooperazzjoni anki fost il-familji li jaqsmu bejniethom ideat u esperjenzi ta' kif jestendu l-attività fi djarhom bejn sessjoni u oħra.

Ta' min jifraħ lill-Aġenzija u lill-għalliema dedikati, kif ukoll lill-Kunilli Lokali - dawk li juru interess billi jikkooperaw mal-ħeġġa tal-għalliema - li b'xorti ħażina mhumiex imħallsin kif jixraq għax-xogħol kbir ta' tħejjija professjonali li jagħmlu għal kull sessjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, dan hu programm ta' fejda biex tinbet minn kmieni fit-tfulija l-imħabba għall-kotba u l-qari. Naf ġenituri żgħażagħ li jagħmlu kull mezz biex ma jitilfux sessjoni waħda għal uliedhom f'età hekk bikrija. Jekk xejn, jibda minn kmieni l-ilqugħ kontra l-invażjoni diġitali li, tajba kemm hi tajba, ukoll jekk iktar komda u attraenti, m'għandha qatt toħnoq sa mit-tfulija l-ħiliet bażiċi għall-qari!

Grazzi lill-editorjal tiegħek, għażiż Patrick, biex stajt nesponi din l-inizjattiva ferm siewja mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Qari.

Tislijiet u xewqat sbieħ għal Milied qaddis u hieni.
Philip Borg

**Email mingħand Charles Flores, it-2 ta' Diċembru 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna u prosit bħal dejjem. Li tagħmel, tagħmlu tajjeb. Grazzi xejn inqas tal-ispazju li tajtni għall-pr tal-ektieb. Se nkun qed nibgħatilhom kopja għax naf li jieħdu pjaċir ferm.

Tislijiet u awguri mill-qalb.
Charles

**Email mingħand il-Prof. John P. Portelli, it-2 ta' Diċembru 2024**

Għażiż Patrick,

Qed nikteb biex tassew nifraħlek għal ħarġa oħra ta' IL-PONT. Kif taf, ilni nsegwi dan il-ġurnal letterarju mill-bidu nett. Tassew żviluppa f'ġurnal professjonali mżewwaq minn kollox: informazzjoni dwar avveniment letterarji lokali u barra minn Malta, studji u riflessjonijiet dwar kotba bil-Malti ta' diversi pubblikaturi, intervisti, ittri, u kitbiet letterarji, inklużi poeżiji. Tassew napprezza x-xogħol kollu li tieħu u d-dedikazzjoni tiegħek lejn il-kitba bil-Malti u l-letteratura inġenerali.

Grazzi u tislijiet,
John P. Portelli

**Email mingħand Victor V. Vella, it-3 ta' Diċembru 2024**

Sur Editur,

Mal-bidu tas-sena l-ġdida naħseb li tkun idea tajba li tibda serje ta' riċerca li twassal li tiġbor l-ahjar għaxar/għoxrin pubblikazzjoni/kotba bil-Malti li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar 50 sena. Mhux għax rebħu xi premju imma minħabba l-istorja u l-iżvolgiment tagħha jew il-kontenut, jew il-karattri, l-istil, il-ħoss li għamel fil-pajjiż avolja l-popolarità mhux bilfors hi kollox! Is-suggett mhux daqshekk importanti, basta ma jkunx direttament rigward il-politika patiġjana Maltija!

Dan jista' jsir l-ahjar bejn numru ta' persuni, ngħidu aħna bil-kuntatt ta' għalliema, professuri, kittieba oħra, ġurnalisti, insomma nies tal-affari taghhom u l-aħjar li għexu f'dan iż-żmien u jew għallmu jew kitbu fuqhom. Hi biċċa xogħol għal wieħed waħdu jew waħda waħedha. Imma proġett bħal dan jista' jkun ta' fejda għax jista' jqajjem ċertu interess fost il-'moderni'. M'hemmx għalfejn inżid li tidħol

ukoll il-mistoqsija għaliex għażilt dan il-ktieb li imbagħad tidhol il-parti kritika u l-apprezzament dettaljat tal-'kapulavur'.

Proġett bħal dan jista' jqajjem interess għax jista' jirxoxta ċerti kitba/kotba li ntesew u wkoll li tidħol il-kritika tal-aspetti tal-kitba barra li tidhol ukoll il-varjetà tas-suġġetti li ġew ittrattati matul iż-żmien. Biex ma nsemmix il-varjetà tal-gudizzji li l-kittieba prospettivi aktarx li jkollhom.

Dan hu biss suġġeriment miftuħ u mistenni li jibda diskussjoni fuq is-suġġett li jista' jkun fih ħafna benefiċċji.

Victor Vella M.A. (Sydney Univ.)

**Email mingħand Amanda Busuttil, it-3 ta' Diċembru 2024**

L-għodwa t-tajba Patrick u nirringrazzjak ħafna ta' dan ix-xogħol tant sabiħ u pożittiv li inti tagħmel.

Grazzi u l-jum it-tajjeb,
Amanda

**Email mingħand Therese Vella, it-3 ta' Diċembru 2024**

Bonġu Patrick,

Grazzi u bħas-soltu prosit! Wasalt fl-intervisti ... nieħu wisq pjaċir naqrahom. Insibhom tassew interessanti.

Sabiħ li kopja ta' IL-PONT qed tiġi merfugħa f'postijiet importanti (bħall-Melitensia fl-Uninersità ta' Malta, l-arkivji tal-Akkademja tal-Malti u l-Biblijoteka Nazzjonali (kopja diġitali)). Hu xieraq, kemm għax-xogħol li tieħu u kemm għall-informazzjoni li jkun hemm kull darba fiha. IL-PONT mhux biss qed iservi ta' ġid illum imma għad ikun għodda importanti għar-riċerka.

Grazzi u tislijiet,
Therese

**Email mingħand Joe Axiaq, id-9 ta' Diċembru 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi għal darba oħra tal-aħħar ħarġa ta' IL-PONT. Wasalna fl-aħħar tas-sena 2024 u dan kien Nru 81. Kif jgħaddi ż-żmien u x'minjiera ta' tagħrif u kitba letterarja f'dawn il-volumi. Is-sabiħ ta' pubblikazzjoni bħal din hija li b'għafsa ta' buttuna, tibgħat dan il-magażin lil eluf ta' nies mhux biss f'Malta, imma anke f'pajjiżi bħall-Awstralja. Minkejja li l-mezzi tal-komunikazzjoni llum tjiebu u d-dinja saret kif jgħidu villaġġ wieħed, il-ftit rivisti kulturali/letterarji li joħorġu f'Malta u f'Għawdex dan ż-żmien, xorta għadhom mhumiex diġitali jew fuq l-internet u trid tagħraq l-għaraq tad-demm jekk ifettillek tordna kopja. Ħafna drabi ma tasalx, avolja tħallas aktar għall-posta milli għar-rivista.

Grazzi mill-ġdid u nawgura lilek u lill-għeżież tiegħek, Milied hieni. Jalla s-sena d-dieħla l-Bambin ikompli jagħtik is-saħħa u r-rieda biex tkompli b'dan ix-xogħol.

Saħħa u tislijiet,
Joe (L-Awstralja)

**Email mingħand Rita Gatt, l-10 ta' Diċembru 2024**

Għażiż Patrick,

Ħajr minn qalbi tal-ħarga tant sabiħa ta' IL-PONT. Bħal dawk kollha ta' qabilha din il-ħarġa miżgħuda b'informazzjoni, poeżiji, kitibiet, intervisti sbieħ u interessanti. Għadni ma sibtx ftit ħin biex naraha sew u nkompli dejjem nitgħallem. Hi rivista li filwaqt li tlaqqgħek ma' nies differenti kemm Maltin kif ukoll barranin, tgħallmek anki kulturi kif ukoll użanzi differenti.

Ħajr minn qalbi li għoġbok twassal it-tislima tiegħi lill-għażiż Ġużeppi, apprezzajt immens.

Grazzi minn qalbi tal-impenn tiegħek, xahar wara xahar u sena wara sena , b'ħidma kontinwa biex dejjem twasslilna din il-ġawhra f'idejna.

Tislijiet mill-qalb, saħħa u s-sliem,
Rita

**Email mingħand Frank Zammit, il-15 ta' Diċembru 2024**

Għaziz Patrick,

Bħal dejjem, IL-PONT reġa' wassalni mhux biss lura f'art twelidi imma wkoll f'moħħ u f'qalb tant kittieba gwappi mhux biss Maltin imma anki barranin!

Mhux għax f'dil-ħarġa nnutajt ukoll in-naqra ta' poezija tiegħi dwar ir-rotta u l-karrotta, iżda l-għażla ġenerali tal-kontenut tassew għoġbitni. Min jaf x'uġigħ ta' ras tikkaġunalek!

Għalhekk intenni l-ħajr tiegħi u speċjalment ta' sħabi emigranti għal dan is-servizz regolari li ilek tipprovdielna.

Nieħu l-opportunità biex nixtieq lilek, lill-qarrejja ta' IL-PONT u l-familji tagħkom l-isbah xewqat għall-Milied u s-sena 2025.

Ħabibkom
Frank Zammit, minn Sydney

**Email mingħand Charles Bezzina, il-5 ta' Jannar 2025**

Għażiż Patrick,

Temmejt naqra IL-PONT b'sodisfazzjoni kbir li għal darba oħra ġbart tant tagħrif letterarju li huwa ta' siwi kbir f'dinja materjalista, u fi żmien meta l-ktieb qiegħed jitwarrab, u naqraw fuq tablet jew mobile. Sabiħa r-riħa tal-ktieb għal min jagħraf ixommha u jħoss f'idejh li għandu pubblikazzjoni biex jaqraha. Minkejja kollox ħerġin kotba ġodda u dan huwa ta' kuraġġ f'dinja li qiegħda malajr tinbidel, u tħalli bosta riħa tqila.

Nixxik ħajr ukoll li fl-aħħar ħarġa ġibtli l-intervista li għamilna.

Tislijiet,
Charles


SHUR

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' NORMAN C. BORG DWAR *ŻARBUN IMSAĦĦAR*, Merlin, 2024.

**Meta u kif bdiet il-ħajra tiegħek li tikteb? Għandek rakkonti oħra miktubin jew kotba oħra ppubblikati? Fejn dehru?**

Ili minn tfuliti nħobb inħarbex xi ħaġa, kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Naħseb li kien il-qari l-aktar li xprunani nikteb xi ħaġa tiegħi. Fit-tmeninijet Ġorġ Mallia u Victor Fenech, li kienu l-edituri tar-rivista *Sagħtar*, stednuni biex nikteb xi xogħol għalihom, u ppubblikajt xi stejjer f'episodji, fosthom *Il-Ħofra tal-Ilwien*, *It-Torri l-Griż* u *L-Astrofittiexa*. Għas-*Sagħtar* kelli wkoll l-opportunità nikteb adattament ta' *Is-Saħħar ta' Oż*. Għal dawn ix-xogħlijiet kont għamilt l-illustrazzjonijiet jiena stess. Aktar tard ktibt storja għal *Tużżana* (Merlin Publishers) u tajt xi illustrazzjonijiet għal *Taħt Sema Kwiekeb*, maħruġ mill-Merlin Publishers ukoll. Din is-sena ħriġt l-ewwel ktieb tiegħi, *Żarbun Imsaħħar*. Bl-għajnuna ta' Chris Giordano, l-editur kurrenti ta' *Sagħtar*, qiegħed naħdem ukoll fuq sensiela ta' artikli għar-rivista.

**Bħala ftuħ - imma anki l-qalba – ta' dan ir-rakkont għażilt logħba tal-futbol, bit-tajjeb u l-ħażin ta' dan l-isport. Għaliex din l-għażla?**

Ma kellix xi għan partikolari. Qatt ma kont għadni daħħalt l-isport jew il-futbol bħala tema prinċipali fil-kitba tiegħi, u fil-bidu dan kien aktar bħala esperiment. Malli bdejt nespandi t-tema rajt li stajt indaħħal xi temi sekondarji oħra, bħall-bullying u r-reżiljenza, u rajt li l-ambjent tal-isport fl-iskola kien adattat ħafna għal dan.



Norman C. Borg
[Ritratt minn facebook.com]

**Inti tikteb biex tagħti gost, jew biex tqanqal ukoll diskussjoni dwar ċerti kwistjonijiet? Liema eżattament?**

Kif għedt, fi tfuliti bdejt nikteb sempliċement għall-gost, u naħseb li dik għadha l-ispinta prinċipali tiegħi sal-lum. Naturalment, aktar ma timmatura u tgħaddi minn esperjenzi fil-ħajja, mingħajr ma trid se tirrifletti ftit minnhom fil-kitba tiegħek. Barra minn hekk jien għalliem, għaldaqstant insibha ftit diffiċli biex ma ngħaddix xi kummenti dwar kwistjonijiet kurrenti jew xi tagħlima, iżda dawn ma nikkunsidrahomx bħala l-iskop ewlieni ta' kitbieti. Għat-tagħlim hemm il-kotba tal-iskola. Jien irrid inħeġġeġ lill-qarrejja żgħar jaqraw għall-pjaċir l-ewwel u qabel kollox.




**Ingredjenti ewlenin li tinkludi fir-rakkont tiegħek huma r-rwol tat-tfal u d-dinja tal-maġija/seħer. Huma elementi li żgur isaħħu l-interess tal-qarrejja żgħar fil-qari ta' dan il-ktieb. Reazzjonijiet tiegħek?**

S'issa fil-kitba kollha tiegħi għad m'hemmx xogħol wieħed li m'għandux xi element fantastiku jew inverusimili. Il-fantasija u l-fantaxjenza kienu minn dejjem temi favoriti tiegħi. Illum il-ġurnata ndaħħal dak l-element xi ftit jew wisq f'kull xogħol ġdid. Bl-istess mod nara li ndaħħal karattri ta' tfal fir-rakkont biex ngħin lill-qarrejja żgħar jidentifikaw ruħhom f'dik l-istorja partikolari. Huwa importanti wkoll li nrawmu l-immaġinazzjoni fit-tfal u nħalluha ħajja kemm jista' jkun fihom ħalli jżommuha wkoll meta jikbru. Il-maġija u dak li hu straordinarju nemmen li huma għodod importanti biex insaħħu dan.

**Il-kitba li tqanqal jew tinkuraġġixxi ċerti valuri bħall-ħbiberija, ir-rispett lejn il-kbar, is-sinċerità, il-maħfra u r-rikonċiljazzjoni, li temmen fik innifsek... X'taħseb dwar dan?**

Dawn huma temi li jispikkaw speċjalment f'*Żarbun Imsaħħar*. Tista' tgħid li l-messaġġ aħħari tal-istorja huwa li l-maġija vera hija dik li hemm ġo fik bħala bniedem, u li tista' ssarrafha f'dawk il-valuri li kulħadd jista' jilħaqhom bil-kuraġġ u, għaliex le, anki bl-għajnuna tal-ħbieb.

**Kemm taħseb hu importanti li rakkont bħal dan ikun akkumpanjat minn tpinġijiet ispirati minnu? X'kien li għal dan il-ktieb it-tpinġijiet fdajthom f'idejn ħaddieħor – Clàudia Mata Serra – anki jekk inti stess taf tpinġi?**

Tassew mistoqsija interessanti din! Hemm ħafna raġunijiet personali. Bl-impenni li għandi bħalissa sfortunatament m'għandix il-ħin naghmel l-illustrazzjonijiet jien, għalkemm kienet tkun ħaġa sabiħa. It-tpinġijiet tiegħi huma aktar frott ta' namra milli professjoni. Barra minn hekk illum il-ġurnata l-ħafna kotba sbieħ għat-tfal li qegħdin joħorġu għandhom illustrazzjonijiet minn artisti professjonali, u parti mill-ħolma tiegħi li nippubblika ktieb kienet li jkun akkumpanjat minn tpinġijiet ta' artist professjonali. Nixtieq nirringrazzja lil Christopher Gruppetta, is-CEO ta' Merlin Publishers, talli ssuġġerieli x-xogħol ta' Clàudia, u naturalment lil Clàudia, talli għamlet xogħol tant sabiħ u fidil ħafna għad-dettalji żgħar tal-istorja.

**Iż-żarbun bħala persunaġġ ieħor fl-istorja, mela l-oġġett li jsir aġent, kważi kważi b'ħajja tiegħu nnifsu. Xi tgħid dwar dan?**

L-istess, hawnhekk qed inħares lejn l-istraordinarju bħala waħda mit-temi prinċipali tal-istorja, u naqbel ħafna mal-idea li huwa karattru ħaj fih innifsu, l-istrument li jiġbor il-partijiet tal-ġrajja kollha flimkien.

**Illum inti qed tiffoka fuq il-proġett Kotba fil-But (www.normancborg.net/kfb/), sit elettroniku fejn issib addattamenti ta' rumanzi klassiċi popolari maqlubin għal-lingwa Maltija. Xi tgħidilna dwar proġett bħal dan? Għal min hu mmirat?**

L-għan prinċipali tal-proġett huwa li jħajjar lit-tfal biex jaqraw aktar bil-Malti. Qiegħed nipprova nindirizza bosta problemi hawn. L-ewwel nett, inħoss li f'Malta għadha qawwija ħafna l-idea li l-Malti mhux importanti daqs ilsna oħra – speċjalment meta mqabbel mal-Ingliż. Din naraha ġejja kemm minn xi għalliema, minn tfal tal-iskola, kif ukoll minn ġenituri li jaħsbu li bil-Malti t-tfal tagħhom m'għandhomx futur u għalhekk ma jħeġġuhomx jużaw il-Malti (la fil-kitba, la fit-taħdit u lanqas fil-qari). Punt ieħor huwa l-fatt li mill-aħħar ftit ġenerazzjonijiet 'l hawn tfal qegħdin jippreferu l-midja elettronika aktar minn dik tradizzjonali stampata – li qed tkabbar il-problema tal-firxa tal-Malti għax hemm ftit wisq materjal Malti onlajn meta mqabbel ma' ilsna oħra. U din hija t-tielet problema. Punt ieħor hu li għalkemm ma tidhirx ħafna, teżisti l-firda bejn min jista' jħallas għal ċertu materjal fuq l-Internet u min għadu le, għalhekk il-proġett tiegħi joffri l-materjal mingħajr ħlas jew reġistrazzjoni. Għalkemm il-proġett huwa l-aktar immirat għal tfal Maltin minn għaxar snin 'il fuq, jista' jservi wkoll ta' taħriġ għal dawk il-barranin residenti f'Malta – jew lil hinn – li qegħdin jistudjaw il-Malti u li l-






livell tagħhom jippermettilhom jipprattikaw ftit qari f'dan il-livell. Sintendi, il-fatt li l-proġett jinsab onlajn ifisser li prattikament kulħadd jista' jaċċessah u jaqra dak li hemm! Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil David Muscat, CEO tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, u lit-tim professjonali tiegħu, għall-għajnuna u s-sapport tagħhom f'dan il-proġett.

**Min hu Norman C. Borg illum, l-iktar meta ma jkunx qed jikteb?**

Togħġobni ħafna l-mużika, speċjalment dik klassika u orkestrali, u nħobb insegwi wkoll id-dinja taċ-ċinema. Madankollu, għalkemm issa jien irtirat, għad għandi xorta interessi li b'xi mod jew ieħor jorbtu mal-professjoni tiegħi ta' għalliem, u bħalissa Kotba fil-But huwa l-proġett tiegħi ewlieni li nista' ngħid joħodli ħini full time. Bih nista' nżewweġ tnejn mill-interessi tiegħi, li huma l-lingwa u x-xogħol fuq il-kompjuter; infassal programmi żgħar jew siti elettroniċi. Naturalment għandi ppjanati xi xogħlijiet ta' kitba oħrajn.

## IT-TNEJN 10 TA' FRAR 1997

Dalgħodu jien u nħares
fl-ilma mdardar tal-għadira
wara ħalba xita ta' filgħaxija
stajt nilmaħ
il-ħlew tal-bieraħ
imqabbel mad-diq tal-lum
u maċ-ċpar li jkebbeb l-għada.

Mill-għoljiet wasal f'widnejja
l-eku ta' mitt talba
imxierka ma' dmugħ sħun
li dewa ma' kull riħ;
imbagħad rajt mewġ imqareb
jirkeb fuq ix-xtajta
u jħassar ix-xewqat
li darba ktibt fuq ramel lixx, dehbien
f'dijet il-qamar mimli, tond, fiddien.

**ALFRED MASSA**
(Minn: *Fl-Għabex*, Dom Communications, 2015)

## JIEN U L-POETESSA

fl-għalqa tal-battalja t-tajr jistenna
u ż-żwiemel lesta bil-korazzi,
tliet leġjuni se jitqatlu bejniethom;
min jilbes ir-randa rebbieħa jiret bużżieqa tespandi.
wara li nsaffar is-suffara tibda t-taqbida
u jien niġi ntektiklek mal-ħġieġ ta' kamartek. mieghi nġib
kewkba taħraq minn ġnien il-galassji
mċappsa b'dell ix-xemx.

int kun lesta u aqfel fil-kradenza ta' żmien l-irġejjen
bi tliet kxaxen bla qiegħ
il-ħolm mistur fil-kamp ta' għada minsi
l-memorji fis-saltna tal-bieraħ mhux użat
u l-issa fil-ħajja setgħana ta' nsett.
nibqgħu jien u int, 'il bogħod miż-żmien mitkejjel
'il barra minn spazji mkenna,
u f'ċirku karettun tal-bagħal
nitħaddnu f'dimensjoni ġdida.

dak in-nhar nagħmlu festa, u s-skiet
jobżoq ħsiebna f'orġja tgħajjibna,
f'għajnejja univers iħabbat, għarrex imħabbti
f'ruħi nifs iż-żiffa ifli mħabbtek.
flimkien naħarqu ktieb il-poeżija
li qtajt waħda waħda mat-triq u għidt: "dawn tiegħi",
u l-prinċipessa ta' tfulitna terġa' ħielsa
mill-qabda tal-poeta se jwelled poeta
bħal ħajja twelled il-mewt
iżda qatt il-poeżija,
u terġa' mar-riħ l-għanja ta' kull żmien
u jerġa' l-poeta li mhux poeta...
u lsieni fqir ma jkomplix,
naqta' l-aħħar warda għal fuq l-artal
-l-għalqa tal-battalja -
u niskot nara.

**JOE SALIBA**
(Minn: *Vjaġġ*, 1995)

## POESIA

Come in un sogno
tu mi hai parlato
nella mia lingua.
Ma io incantata
credetti di dormire
quasi non accettai quello che succedeva.
Nessuno mi aveva mai così stupita.
Giorni dopo...
Con grinta cammino.
Tutto prende vita.
Nei fiori mi riconosco
con un semplice tocco.

**JOSETTE BALDACCHNO**
(Minn: *Mużajk*, 2003)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL ROWENA GRECH DWAR *KTIEB TAS-SĦAĦAR*, KKM, 2022.

**Minn fejn ġejja din l-idea tiegħek li terġa' tinterpreta f'dawl modern il-ħrejjef tradizzjonali?**

Kbirt b'dawn l-istejjer bħal ħafna tfal, fosthom il-famużi ħrejjef tal-aħwa Grimm u ta' Disney. Iżda iktar ma bdejt nikber iktar bdejt insib lili nnifsi nirrelata mal-ħrejjef ta' Grimm li rari kont tiltaqa' ma' tmiem feliċi, xi ħaġa li spiss taffaċċja fil-ħajja adulta. Tajjeb ukoll li wieħed ikun jaf li l-ħrejjef oriġinali ma kinux jiddistingwu bejn udjenza adulta u t-tfal.

Inħobb naqra ħafna kotba moderni li jittrattaw kemm ħrejjef u kemm stejjer mitoloġiċi b'laqta kontemporanja. Li nsib ta' faxxinu huwa dwar l-arketipi li wieħed isib f'dawn il-ħrejjef u kif jistgħu jibqgħu relevanti sal-ġurnata tal-lum. Żewġ kotba li servew ta' ispirazzjoni kienu l-ktieb ta' John Connolly *The Book of Lost Things*, u *Beasts and Beauty* ta' Soman Chainani. Tul id-Diploma tal-Letteratura li kont qed nagħmel konna wkoll qed nesploraw dawn il-ħrejjef dwar veritajijet universali li kien jaffaċċja l-bniedem mill-bidu, bħall-għira, il-biża' mill-mewt, il-ġibdiet sesswali, il-politika, eċċ. Fl-istess perjodu ġejna wkoll esposti għall-filmat tat-*Tfajla bil-Barnuża l-Ħamra* minn perspettiva erotika li baqa' jberren f'moħħi.

Apparti dan, il-ġeneru tal-fantasija fix-xena Maltija nħoss li għadu pjuttost limitat u baqagħlu ħafna iktar fejn jista' jevolvi. B 'hekk xtaqt nesplora dawn il-ħrejjef u permezz tar-repertorju tagħhom stajt neżegwixxi temi li fihom x'tomgħod fi żminijiet kontemporanji. Il-qarrej implikat kien wieħed li huwa familjari mal-ħrejjef tradizzjonali.



Rowena Grech
[Ritratt meħud minn Claire Bonello]

**Kull kitba hija politika. Xi tgħid dwar dan f'rabta mar-rakkonti tiegħek f'din il-ġabra?**

Nemmen li kull kittieb, konxju jew mhux, jixtieq jimbotta d-dinja lejn il-perspettiva tiegħu. Għalkemm m'iniex xi fanatika tal-politika u meta nsegwi nammetti mhux dejjem jirnexxili nifhem minħabba n-natura u t-termini tas-suġġett innifsu. Iżda l-politika irrelevanti jekk tinteressanix jew le, id-deċiżjonijiet politiċi jaffettwaw kemm b'mod dirett u kemm indirett il-ħajja li ngħixu ta' kuljum. Allura nħoss li hu fid-dmir tiegħi bħala ċittadina Maltija kif ukoll kittieba li nipprova fejn nista' niġbed l-attenzjoni ta' dak li fl-opinjoni tiegħi inħoss li mhux qed isir b'mod ġust.

Wieħed mill-iktar fatturi li jirritani fl-ambjent politiku Malti




huwa l-partiġjaniżmu, tendenza li nsibu wkoll fil-festi u fil-futbol, donnha parti mill-psike Maltija, li jbatu minnha speċjalment il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna fejn forsi għax wieħed mhux imdorri jaħseb b'mod kritiku. Jekk tikkritika partit jew ieħor ifisser bilfors li int aħmar jew blu meta mhux il-każ. Nemmen li kull partit għandu l-ħażin u t-tajjeb. Din it-tema tispikka fl-istorja tad-*Daqqaq tal-Fifra* speċjalment fit-tmiem tal-istorja fejn il-protagonista jiddistakka ruħu minn din il-perspettiva partiġġjanata.

Ninnota wkoll tendenza egojistika aħħarija meta wieħed jiġi biex jivvota partit. Id-deċiżjoni ssir abbażi jekk il-partit ikunx għamillu pjaċir personali, irrelevanti l-pajjiż hux miexi 'l quddiem jew le. Ħokkli dahri u nħokklok tiegħek. Mentalità tassew perikoluża u individwalista għall-aħħar. Din il-frustrazzjoni toħroġ fl-istorja ta' *Ġakbu u x-Xitla tal-Fażola*.

Apparti dan f'Malta nħoss li hemm bżonn ta' partit ġdid, li jagħti iktar prijorità lill-ġid komuni tal-Malti. Il-ħsara irriversibbli li qed issir fuq l-ambjent, l-ispazji naturali pubbliċi li dejjem qed jitnaqqru, l-inġustizzja soċjali, il-prezzijiet redikoli tal-propjetà li l-pagi Maltin lanqas biss jibdew biex ikopruhom, il-mudell ekonomiku li qed jiffavorixxi lil dawk il-ftit li għandhom il-kapital, il-popolazzjoni li splodiet b'mod sproporzjonat, huma kollha temi li l-Malti qed jaffaċċja fuq bażi ta' kuljum u jsibu ruħhom f'diversi stejjer tiegħi bħal *Id-Daqqaq tal-Fifra*, *Ġabku u x-Xita tal-Fażola*, *Ċiklemfusa* u *Il-Ħwejjeġ tal-Imperatur*.

**Hemm paġna fejn issemmi l-"ħsejjes melodjużi" tal-istejjer miktubin fuq il-paġna. Dan hu element li inti taħdem ħafna fuqu wkoll, mela l-ħoss tal-kelma miktuba li mbagħad tinqara u tinstema'. Reazzjonijiet tiegħek?**

Għalija l-lingwa mitkellma hija mużika b'volum sottili. Il-ħsejjes fonetiċi huma melodija għal min għandu l-widna għall-mużika u kapaċi jisma' u jiddistingwi bejn ħoss u ieħor. Il-pawsa, ir-ritmu, l-użu ta' tonijiet differenti, nota għolja jew baxxa bħal meta wieħed isaqsi mistoqsija, il-volum tal-vuċi huma kollha strumenti li wieħed jista' jinqeda bihom sabiex iwassal b'modi differenti l-kelma mlissna u jħalli l-ikbar impatt mixtieq. Din l-arti napprezzaha ferm fil-ġeneru tar-rap.

**Kemm hu importanti s-senswali fir-rakkonti tiegħek?**

Is-senswali huwa parti min-natura umana u diversi mill-ġibdiet tagħna joriġinaw minnu. Nemmen ħafna fil-bilanċ tas-senswalità għaliex kemm jekk wieħed jirripressa tista' tkun perikoluża ferm u kemm jekk wieħed jimxi bix-xewqat tagħha mingħajr ebda tħaddim ta' rażan jista' jwassal għal riperkussjonijiet mhux mixtieqa.

Hemm ukoll dawk il-ġibdiet perversi li jitqanqlu frott ta' trawmi li wieħed ikun ġarrab f'ħajtu. Dawn jibqgħu preżenti u jiġu rrepetuti sa ma wieħed jiġi konxju ta' dak li hemm mistur fis-subkonxju u jibda jaħdem fuq dawn il-ġrieħi f'terapija jew ma' xi ħadd professjonali.

**Hemm ukoll partijiet li huma tqal qatigħ l-iktar minħabba dak li ma jintqalx. Xi tgħid dwar dan?**

Din l-emozzjoni ta' toqol żgur li kull wieħed u waħda minna ġarrab xi darba jew oħra. Insib ruħi mtaqqla meta nsib lili nnifsi quddiem ċerti sofferenzi u inġustizzja, u l-kitba hija t-tieqa tiegħi fejn nipproċessa dawn is-sitwazzjonijiet diffiċli li nipproġetta fuq il-karattri u stejjer li noħloq.

**X'kienu l-istudji tiegħek l-iskola, u anki aktar tard? Fejn tidħol il-ġibda tiegħek għall-Malti u l-letteratura? Minn fejn joriġinaw dawn?**

Jiena studjajt ix-xjenzi u ħdimt f'diversi oqsma ta' laboratorji differenti fejn ipprattikajt diversi analiżi b'metodi differenti. Il-Bijoloġija u l-Mikrobijoloġija huma żewġ suġġetti tassew għal qalbi.

Kont niġri bil-kotba mindu kont ċkejkna anki meta kont għadni mhux kapaċi naqra. L-istampi kienu jsaħħruni u l-hena tiegħi kienet noħloq l-istejjer bil-figurini tal-annimali. Meta kbirt ftit oħra tgħallimt inħobb komponimenti b'titli fittizji u kont inqatta' ġranet niffantasizza fuq l-istorja li rrid noħloq. Tista' tgħid kbirt bil-kotba ta' Trevor Żahra iżda meta sirt żagħżugħa ma kontx insib daqstant kotba li jolqtuni u waqaft kemm nikteb u kemm naqra l-Malti għal snin twal.

Meta kelli madwar tletin sena skoprejt li hierġa Diploma Fil-Letteratura Maltija l-Università u xtaqt nippruvaha. Imbagħad minn hemm intbaħt b'ħafna iktar awturi ġodda li serquli qalbi u erġajt bdejt nieħu gost naqra bl-ilsien tiegħi.

Fl-istess żmien kont applikajt ukoll għal Taħżiż li kien għeni biex nesplora metodi differenti fil-kitba kreattiva. Wara għamilt il-kors tal-Qari tal-Provi li għeni ferm iktar fl-ortografija u l-binja tas-sentenzi.

**Min huma l-kittieba favuriti tiegħek?**

Maltin: Rita Saliba, Gioele Galea, Loranne Vella, David Aloiso, Daniel Schembri, Immanuel Mifsud, Lara Calleja, Ryan

Falzon, Alex Vella Gera, Aleks Farrugia, Nadia Mifsud, John Bonello, Walid Nabhan,Trevor Żahra.

Barranin: John Connolly, Haruki Murakami, Richard A Knaak, John Boyne, Isabel Allende, Madeline Miller, J.K.Rowling, Tolkien J.R.R, Pat Barker, Hoover Colleen, Martin Laird, Thomas Keating, Richard Rohr.

**Min hi Rowena Grech bħala bniedma? Xi tkun qed tagħmel meta ma tkunx qed tikteb?**

Iffissata fuq il-mużika u nesplora ħafna ġeneri differenti minn klassiku sa' mużika metal u elettronika. Napprezza s-sbuħija estetika tat-tpinġija, inħobb ħafna l-ħwejjeġ għaliex għalija dik hija arti oħra ta' kif wieħed jesprimi ruħu, nara films u serje sci-fi u fantasija, nara dokumentarji xjentifiċi speċjalment ta' David Attenborough, il-fotografija, u nilgħab bil-playstation. Importanti li playstation u mhux Xbox!

**Xi jmiss?**

Xi żmien ilu ppubblikajt storja fuq is-sit diġitali ta' Aphroconfuso bit-titlu ta' *Medusa* li akkumpanjajt b'serje oħra ta' fotografija. F'din l-istorja ttrattajt b'mod sottili fl-istorja mitoloġika il-Post Tramautic Stress Disorder, xi ħaġa li nissara magħha jien, u xtaqt inqajjem iktar kuxjenza dwarha.

Bħalissa qed naħdem fuq proġett ta' djarju konfessjonali tal-ħajja personali tiegħi, u fuq manuskritt ieħor tal-ġeneru ta' fantasija, imma għad baqa' sew xi jsir fuqhom.



## POEŻIJA TA' MĦABBA

Inti tafni u tagħrafni
ibqa' ħares hekk bil-ħlewwa
lejja - ftit bogħod minni.

Titlaqnix, għax jien mingħajrek
ma nsostnix, naqa' fil-ħedla,
anke l-muża taf tħallini
bħal nibbies fis-sentimenti,
u ma nħobbx aktar il-fjuri,
jew it-tajr ħafif sabiħ.

Dawwar ftit driegħek madwari
poġġi rasek fuq spallejja
imma le, hekk forsi wisq,
ibqa' biss ħares ftit lejja.

**IMELDA SERRACINO INGLITT**
*(Minn: Mużajk, 2003)*



## SURREALIŻMU

X'qegħdin jaraw għajnejja?
Nugrufun iswed iħammeġ l-uċuħ,
nies mexjin rashom 'l isfel,
xebbiet iwelldu tjur
u ġuvintur jieklu għadamhom
f'sakra li taħbi x-xtur.

Għajnejja saru t-titkibha
li tofroq iġbla u nirien;
it-twiebet tal-iħirsa
arbulati fl-irkejjen
jixhdu tad-dinja l-għerf,
waqt li fis-swali
fejn id-dawl jinfirex
nara uċuħ mgħottija
u xofftejn imbiċċra.

X'qegħdin jaraw għajnejja?
Lilek, u lilek u lilek
u t-toqol tal-abiss
li fih ser jintemm kollox.

## KREATTIVITÀ

Blokka irħam
maqtugħa minn muntanja
u mwassla
sal-istudju ta' skultur...

... u jħares lejha,
u jarġa' jħares lejha
sa' ma f'daqqa waħda
jilmaħ ġo fiha figura,
li trid ta' bilfors toħroġ
minn dak il-qabar,
biex tara d-dawl
u tgħaxxaq bi sbuħitha
lil kull min lejha jħares.

U l-iskultur,
bl-iskalpell f'idu
jnaqqax dik il-qoxra
u dikment titfaċċa
opra tal-arti, ħajja,
maħluqa m'id umana.

**VINCENZO MARIA PELLEGRINI**
(Minn: *Kwiekeb ta' Sliem*, Edizzjoni Ħeġġa Letterarja, 1984)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JITKELLEM MA' GABRIEL LIA DWAR *POĠĠI*, 2024

*Dan il-ktieb kien parti mill-proġett Artivisti tal-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Malti għall-Arti*

**Poġġi hu qabel xejn prova ċara tal-imħabba tiegħek lejn l-ilsien Malti. Minn fejn ġejja din? Kemm ilha fik?**

L-imħabba għall-ilsien Malti ilha miegħi sa mill-bankijiet tal-iskola tal-Primarja għax minn dejjem niftakarni nieħu interess f'xi qawl u nħabbel moħħi biex noħloq l-aktar komponiment kreattiv. Fl-2015 meta kont skola sekondarja fis-Seminarju tal-Arċisqof ir-Rabat, l-għalliema tal-Malti ta' dak iż-żmien, Ms. Phyllis Debono, kienet innominatni għall-Premju Frans Sammut għal persuni li jaħdmu biex jissaħħaħ u jixtered l-użu tal-Malti fl-iskejjel, fost l-istudenti u l-edukaturi. Ma bsartx imma rbaħt u dik kienet serviet t'inkoraġġiment kbir tant li fl-Università mal-Komunikazzjoni l-Malti kien l-għażla naturali.

**Meta tnisslet l-idea ta' dan il-proġett? Għaliex l-isem *Poġġi*?**

*Poġġi* bħala ħsieb twieled qabel il-pandemija imma ngħata l-ħajja f'dak il-perjodu ta' lockdown. Jiena u nikber bdiet issir l-ħena tiegħi li nitkellem mal-anzjani, tant li anzjana Ħaż-Żabbar saħanistra bdiet tgħid (bħala ċajta) li jiena n-neputi tagħha. Għal xi sjuf flimkien ma' sħabi għamilt volontarjat f'dar tal-anzjani u kompliet tikber fija l-imħabba għal dawn il-persuni minjiera ta' stejjer u emozzjonijiet. Maż-żmien għaraft li l-istorja ta' bniedem kapaċi tkun isbaħ minn kull artifatt f'mużew imma wkoll kemm hawn solitudni u forsi għalhekk li kapaċi naqbad konverżazzjoni ma' kulħadd. Meta ntgħażilt għall-iskema Artivisti li tħares lejn l-arti bħala mezz



Gabriel Lia [Ritratt ta' Miguela Xuereb, minn newsbook.com.mt]

t'attiviżmu organizzata mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Aġenzija Żgħażagħ, mill-ewwel għedt li rrid naħdem fuq dan is-suġġett, imbagħad faqqgħet il-pandemija u ridt inkun kreattiv biex nara kif xorta waħda se nwettqu. *Poġġi* jistiednek tpoġġi ħdejn il-persuni li qed inlaqqgħek magħhom, tpoġġi ma' dawk ta' madwarek, u tpoġġi miegħek innifsek biex tpoġġi ruħek fiż-żarbun tas-solitarju.

**Kif tiddeskrivi l-kontenut ta' dan il-ktieb: poeżija jew proża?**

Taħlita ta' poeżiji personali u oħrajn t'anzjani, anedotti miġbura b'mod informali ħafna minn persuni fil-gallariji, oħrajn wara xi persjana u anke mingħand dawk li ssograw idaħħluni ġewwa.

Uħud mill-konverżazzjonijiet għandhom laqta ġurnalistika snin qabel jien dħalt fid-dinja tal-media. *Poġġi* fih ukoll silta minn djarju ta' bużnanna li waqt il-pandemija kienet qed tikteb għan-neputijiet tagħha bil-għan li meta jikbru jaraw




kif kienet qed tgħix imbiegħda minnhom. F'din il-parti nibqa' leali lejn l-ortografija tagħha biex nieħu ritratt ta' kif kien qed jitħaddem l-ilsien Malti mill-popolin fl-2020. Fejn hemm djaletti jew kliem kollokjali ppruvajt nippreservahom għax inħoss li huma parti mill-karattri li ltqajt magħhom.

**Hemm ukoll il-partijiet fil-korsiv, oħrajn fuq paġni suwed bi kliem abjad. Għaliex dan kollu?**

Il-korsiv jintuża biex nagħmel distinzjoni bejn min qed jitkellem, biss kultant ninqeda bih biex ngħaddi ħsibijiet li kienu għaddejjin minn moħħi waqt dik id-diskursata. Tieqa fuq moħħi.

Il-paġni suwed b'tipa bajda huma rikorrenti fil-ktieb. Huma storja fi storja, għax waqt li qed taqra poeżiji u stejjer qosra ssib ukoll dawn il-paġni suwed li fihom notamenti ta' telefonati li kien qed ikolli ma' anzjan anonimu. Dħalt f'inizjattiva li dak iż-żmien kienet qed torganizza l-għaqda non-governattiva Prisms bil-għan li tpoġġi f'kuntatt anzjani li kienu qed iħossuhom waħedhom. Immaġinak iċċempel persuna li ma taf xejn fuqha għajr isimha u kunjomha. Din hi l-istorja ta' anonimità li tissarraf fi ħbiberija sinċiera... imma hemm ħafna tiġrib.

**Imbagħad hemm ukoll element ieħor ewlieni: ir-ritratti. Min jarahom jinduna li huma marbutin ma' tema unika u l-isfond hu dak Malti. Xi tgħid dwar dan?**

Waqt il-pandemija kont nimxi ħafna, pereżempju xi drabi minn Raħal Ġdid sa Wied il-Għajn u miegħi dejjem kont inġorr il-kamera. Jien naffaxxina ruħi bil-fotografija tat-triq u meta ġbidt dawn ir-ritratti mhux dejjem ħadthom bl-iskop tal-pubblikazzjoni. Hemm ir-ritratti bil-kulur li huma diġitali u dawk suwed bl-abjad li huma analogue. Taħlita ta' elementi tradizzjonali u oħrajn moderni. Rajt li r-ritratti kapaċi jibbilanċjaw u jgħinu l-istejjer u l-anedotti għaliex jgħinu l-immaġinazzjoni tal-qarrej. Fihom infushom ukoll ikomplu man-narrattiva għax juru sens ta' waqfa jew stennija u huma wkoll jissottolinjaw is-sens ta' solitudni u l-idea tal-bniedem maqsum f'mitt biċċa. Ħafna drabi naraw biss parti mill-persuna preżentata, pereżempju r-riġlejn. L-isfond hu Malti u Mediterranju għal aħħar biex indaħħal sens akbar ta' familjarità. Fil-fatt ħafna immaġinaw li dak li intervistajt seta' kien nannuhom.

**Naf li inti taħdem fil-qasam tax-xandir u tal-ġurnaliżmu. Kif jintrabtu dawn mal-proġett *Poġġi*?**

Għal dawn l-aħħar snin ħdimt bħala xandar ma' RTK103 bil-qari tal-aħbarijiet, l-analiżi tal-ġurnali u l-preżentazzjoni ta' programmi ta' diskussjoni għaż-żgħażagħ filwaqt li nagħmel rappurtaġġ ukoll għal Newsbook Malta. Għaldaqstant nista' ngħid li bbumbardjat bl-aħħar aħbarijiet. Fil-linja tax-xogħol tiegħi jiena nfittex ħafna li nittratta stejjer umani, realtajiet li ftit nies qed jitkellmu dwarhom u l-istess għamilt bil-proġett *Poġġi* għax ħassejt li għandi ntanbar aktar dwar kemm hawn solitudni. Dan għamiltu mhux biex intaqqal lil dak li jkun bil-qtigħ il-qalb imma biex inkattar sens ta' sensittività u li nagħrfu li aħna wkoll kapaċi nagħmlu differenza fil-ħajja u l-burdata ta' dak li jkun, iva, anke jekk din tinstema klixè. Jiena wkoll jeħtieġ li nagħmel ħafna iktar u noħlom li *Poġġi* jitqies dokument storiku għaliex ġabar l-emozzjonijiet ta' perjodu fl-Istorja tagħna imma wkoll għodda ta' attiviżmu soċjali.

Naħseb li x-xandir tani l-kuraġġ u l-kunfidenza li nippubblika dan ix-xogħol bħala awto-pubblikazzjoni għaliex emmint li kapaċi nippromovih u noħorġu fid-dieher minkejja l-ispejjeż u snin ta' sagrifiċċji li ġabet magħha din il-ġabra. Kienu erba' snin ta' perseveranza biex ma naqtax qalbi u nħalli kitbieti f'kexxun għaliex bqajt nemmen li hawn bżonn aktar diskussjoni dwar l-emozzjonijiet li qed inġarrbu.

**Min hu Gabriel Lia meta ma jkunx qed jaħdem jew jikteb?**

Jekk possibbli nkun qed ngħum (anke fix-xhur xitwin) jew qed nagħmel xi mixja tajba fil-kampanja. Probabbli xorta waħda nkun qed noħlom b'xi proġett ġdid jew qed nippjana meta se naqta' ftit mir-rutina f'xi pajjiż ieħor. Niddedika wkoll ħafna ħin għall-volontarjat speċjalment maż-żgħażagħ għax l-imħabba u l-providenza t'Alla f'li rajt f'ħajti nixtieq li naqsamhom ma' aktar persuni. Iva, nammetti ma tantx insib ċans inpoġġi.

**Xi jmiss issa?**

Nixtieq li *Poġġi* jilħaq aktar persuni u jkun punt ta' tluq għad-diskussjoni biex naħdmu aktar biex innaqqsu s-solitudni u nsiru nafu aħjar il-persuni li jgħixu madwarna.

Riċentement kont wieħed mir-rebbieħa ta' Studio Francis Ebejer, li qabel kien il-Premju Francis Ebejer li issa qed jieħdu ħsiebu Teatru Malta, Spazju Kreattiv u t-Teatru Manoel, u x-xogħol tiegħi ntgħażel minn Spazju Kreattiv. Għaldaqstant issa rrid inpoġġi (kemm inħobb nużaha bħala kelma hux!) moħħi hemm biex nirfina dan ix-xogħol teatrali.

Ġejt inkarigat inħejji l-kitba għall-ewwel edizzjoni tal-kunċert 'Kuraġġ' b'risq il-Malta Community Chest Fund bil-għan li nwasslu stejjer ta' tama u numanizzaw din il-ħidma. Fix-xhur li ġejjin kitbieti se jidhru f'diversi pubblikazzjonijiet, fosthom fl-edizzjoni ta' din is-sena ta' 'Leħen il-Malti', fil-ktieb *Tnax-il* li hu pubblikazzjoni tar-Reġjun tal-Lvant u f'antoloġija li qed iħejji Glen Calleja.

Sadanittant nixtieq li nkompli nuri l-ġmiel ta' ilsienna anke bħala poeżija mitkellma.

Jekk tixtieq kopja tal-ktieb u aktar dettalji dwaru u d-diversi proġetti li qed naħdem fuqhom wieħed jista' jagħmel kuntatt miegħi fuq liagabriel7@gmail.com.

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MAL-POETA U KITTIEB MIS-SERBJA NEDELJKO TERZIĆ

*Nedeljko Terzic (1949) twieled f'Sremska Mitrovica, is-Serbja, u huwa kittieb Serb prominenti, awtur ta' 50 ktieb. L-ewwel poeżiji tiegħu dehru diġà fl-1956 meta kien student. Il-kitbiet tiegħu dehru f'aktar minn mitt ġabra u antoloġiji poetiċi kemm fis-Serbja kif ukoll f'pajjiżi differenti. Hu anki rebbieħ ta' diversi premji letterarji kemm f'pajjiżu kif ukoll lil hinn minn art twelidu. L-ewwel ktieb tiegħu kien* Silence with the plains *(1975).* The Lake at a Glance *(1980) kien l-ewwel ktieb ta' poeżiji bilingwi tiegħu (Serb-Sloven). Sa mill-1982 il-kotba tiegħu ġew ippubblikati fl-Italja, l-Awstralja, l-Ingilterra, ir-Russja, il-Bulgarija, il-Greċja, Franza, is-Slovenja, il-Maċedonia ta' Fuq, il-Montenegro, il-Kroazja, it-Turkija, il-Ġappun, il-Ġermanja, fost pajjiżi oħrajn. Il-poeżiji tiegħu ġew tradotti f'bosta ilsna.*

**I know that your first poems were already published when you were 18 years old. When and where did your love for poetry come from?**

I lived in the countryside and in school in 1956 we didn't have books, which we didn't get until two years later. My first contact with the book was like touching a magical object that I must preserve so that nothing bad happens to it. Reading and memorizing poems was crucial to my love of poetry. I published poems as a boy in children's magazines, and as a writer I published my first poem in 1969. I was 19 at the time.

**Who are your favourite writers or poets? Any Serbian writers or poets to be noted and read?**

We all learn from traditional national poetry, and as we grow older, we accept various influences. I loved Spanish lyrics and contemporary Serbian poets. They were Federico Garcia Lorca and the Serbian poet Miroslav Antic. Serbia has many good writers and Nobel laureate Ivo Andrić.



Nedeljko Terzić




**You studied archaeology and worked in the theatre sector. Did these two worlds influence your writing and poetry?**

As a young writer, archaeology was my inspiration and enabled me to write a book of poetry for children in 1979 about how children experience museums and how they behave when they can touch some exhibits with their hands. At that time, the subject was very original and those poems of mine were included in many anthologies. A few years later, I made a drama text out of these poems and directed a play for children. That theatre performance won many awards. I was also the first writer in Serbia who wrote monodramas for five-year-old children. It took some great courage but also brought a great success.

**You write both poetry and prose. Which of these two styles of writing do you prefer most? Are there any favourites among your published books? Why?**

I am one of those writers who writes poetry and prose. In the beginning, poetry was my great inspiration, and then prose as a great challenge. I write both for adult readers and for children and young people. However, I dedicated more prose to children and young people. My new book *Condor's dream* begins with a story, and on all the other pages there is a small poem translated into many languages. I would single out my book of poetry *Roar and hush* as well as the book of prose *Living Portraits in the Basement Windows*. The titles of these two books speak about one topic, a lonely man and his destiny.

**What are the themes you write about mostly? Where does your inspiration come from?**

Themes accumulate in each person's soul, and then appear as ordinary stories in the company of friends or as works of art or literature in the hands of authors. My topics are lonely people, how they endure loneliness and what decisions they make on their own. Themes of love and passion prevail in poetry. Mother, father, child is the thematic triangle that is my focus in books for children and young people. Sometimes there is irony, sarcasm and satire in my works when I feel that I need to highlight something.

**Do you prefer the traditional or the modern poetic style? Why?**

The traditional style has found its place in the literary history of all countries. Every young writer must start from it in the world of literature, look for his own way and search for himself in that magnificent space of literature. We all have our own thoughts and we need to be recognizable, to be original. I have been on the tracks of contemporary poetry and prose for half a century.

**The world of poetry and writing is a perfect opportunity to meet people and travel all over the world. Is this so in your case? How?**

Poetry is a universal language because it is understandable to all peoples of the world. It is much easier to reach distant friends through regular mail. We must unite in one mission to create hope for man and faith in the future. Not all of us have the money to travel, but our poetry has it's own ways of getting anywhere. Poetry is truly both a path and a tool for new readers. Poetry must be the global language of the world. I live in the small town of Sremska Mitrovica where the politicians would not understand and accept my mission in the world. Because of this, I have to go through a lot of suffering and unhappy moments. When I save money, I spend it on the path of my poetry. I was in the USA, European countries, Russia, Turkey, Tunisia, but my poetry was on all the continents even without me. In my 76 years, I have not travelled much, even though the paths of poetry ask me to. I'm sorry that I didn't give a friendly hug to many poets of the world, but we keep in touch every day, thanks to the internet!

**Translation helps one's poetry and writing to be read and appreciated by a wider readership. What are your reactions about this?**

I have long been like a bird in the sky and like fish in the water in translation spaces. The first translation of my book of poetry *Lake on the Palm* was into Slovak in 1980. That book was translated by the writer Miroslav Demak. The Italian writer Giacomo Scotti translated this book into Italian and it was printed in Napoli in 1982. To date, I have 48 translations of my books. My book for children and young people *The jolly Olympics* was printed in Serbia in 2015 and later translated into 18 languages. In the book *Condor`s dream* there is a small poem "Tragic play of words" of six lines and this little pearl of literature was translated by 118 writers and translators from 94 countries of the world into the languages, dialects and local languages of their countries.

**The poet as a political subject and voice of what is happening around us. Your thoughts?**

A poet is a man, and a man is part of a great human community governed by political systems. To this day, no political system has been set according to the life of an ordinary person because there is no understanding, tolerance, love and emotions. A poet has these qualities, and a poet will never be a political weapon. A writer who builds a political career loses his qualities because he is given orders on what to do, and when independent, he is the master of his thoughts and the work he creates.




**How important is it for writers and poets to visit schools regularly and talk directly to the younger generations?**

That is very important today and tomorrow, but there are not as many writers in the world as there are schools and young people in those schools. Symposiums of young people who love books and writers should be organized. After such symposia, the young people who attended them should convey their opinion to their generations. It is the right path that has its own future.

**What does Nedeljko Terzić do when he is not working or writing? How do you describe yourself as a human being?**

When Nedeljko Terzić was young, he wanted to become an actor. That didn`t happen and he became a journalist. His emotions were strong and led him to the path of poetry and writing books. Nowadays, it is always interesting when a young actor, a retired journalist and an active writer meet. Everyone has their own story and I'm never bored. This means that, in me, they live a very dynamic life.

**Future projects?**

As a writer, I can't say for sure what I will write because projects are a relative thing in art, but that's why projects are necessary in any other job. In my literary workshop, I am finishing a book of travel poetry and a book for children and young adults about the love of a sparrow and a swallow.

**What are your thoughts about plagiarism in literature?**

Plagiarism is the last and most dangerous enemy of literature. It is an evil greater than any predator. Especially in small countries, like the one where I live, plagiarism is immediately visible. I think plagiarists are the most heinous criminals of today. For them there is an international law called "Bern Convention" and it should be implemented.

## TRAGIC PLAY OF WORDS

The Sky in a nest
The nest on the Sky
A hole in the nest
A cloud beside the nest
The nest in the wind
A bird without nest.

**Translated by Zorica M. Petrovic**

## TRAGICO GIOCO DI PAROLE

Il cielo in un nido
Il nido nel cielo
Un buco nel nido
Una nuvola accanto al nido
Il nido nel vento
Un uccello senza nido.

**Traduzione di Giacomo Scotti**

## LOGĦOB TRAĠIKU BIL-KLIEM

Is-Sema f'bejta
Il-bejta fuq is-Sema
Toqba fil-bejta
Sħaba maġenb il-bejta
Il-bejta fir-riħ
Għasfur mingħajr bejta.

**NEDELJKO TERZIC**
***Is-Serbja***
**Translator into Maltese language, Naomi Cutajar**
**(Minn: *Kondor's Dream*, Sremska Mitrovica, 2022)**

## BARCA BIANCA, UNGHIE BLU

Ho una casa Bianca
senza recinto
l'ultima sulla strada.
È venuta sù con i mutui.
Bevo vino bianco,
forgio ferro nero,
costruisco bianche barche mondiali.
Quando mi picchi sul ditto
l'unghia si fa blu come il mare
per la mia barca bianca.

**NEDELJKO TERZIC**
**Traduzione di Giacomo Scotti**

# Reċenzjonijiet




# Rakkonti

# Kitbiet oħra

# ID-DJALETTI WIRT IL-KOTRA

**Kitba ta' Philip Borg**

Din il-kitba mhix xi studju akkademiku għax dak qasam wiesa' u fond għall-istudjużi li jimirħu, ifittxu u jfanndu fuq kif tnisslu u evolvew l-ilsna. F'din il-kitba ġbart dak li għext, xi ħsibt, x'osservajt jew stħajjilt. Nikteb dwar żmieni fil-Mosta - ir-raħal li sar belt - imma l-istess ħsibijiet jgħoddu għal bosta rħula oħrajn li għaddew mill-istess trasformazzjoni demografika.

Minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer tagħna, l-emigrazzjoni domestika kienet u baqgħet proċess kontinwu, kultant imgħaġġel minħabba ċirkostanzi jew għanijiet differenti. Kien għalhekk li tul is-snin infirdu minn xulxin irħula ġirien biex faqqsu oħrajn ġodda b'parroċċi differenti. Iċ-ċaqliq demografiku wassal ukoll għal aktar djar u appartamenti biex ġew definiti territorji distinti, bosta drabi b'toroq maqsumin bejn naħa u oħra.

Dawn il-qasmiet seħħew iktar fil-bidu tas-snin disgħin tas-seklu li għadda bil-ħolqien tal-Kunsilli Lokali. Fil-bidu tagħhom, kif jiġri dejjem f'ħaġa ġdida, inħolqu anomaliji fejn, per eżempju, iċ-ċimiterju ta' raħal spiċċa f'territorju ta' raħal ieħor, jew irħajjel li dejjem kien parti mit-tali raħal tpoġġa fil-limiti ta' raħal ieħor. Ma damx wisq biex instabu rimedji imma kienu meħtieġa emendi b'avviżi legali u tibdil fl-allokazzjoni tal-fondi u ta' ġurisdizzjoni.

**Emigrazzjoni jew invażjoni?**

Dan kollu kompla jistabilixxi l-effetti - tajbin jew inqas tajbin - ta' territorji b'komunitajiet aktarx ġodda, għad li kollha ġarrew magħhom tradizzjonijiet qodma - fejn ftit u fejn aktar. Iċ-ċaqliq ta' familji sħaħ minn raħal għal ieħor jaf joħloq taħlit u tibdil etnografiku, imma m'għandux jitqies bħala invażjoni. L-invażur ma jafx għajr jimponi l-'ego' kulturali tiegħu fuq is-serenità tradizzjonali tan-nies tal-post. M'hemmx agħar milli n-nies tal-post ikunu mġegħlin iħossu rwieħhom barranin f'darhom!

Meta tkun emigrant - anki f'raħal fuq gżira hekk żgħira bħal tagħna - mhux dejjem issibha ħafifa titħallat u tassimila d-drawwiet u l-gosti tan-nies ta' dak ir-raħal. Jien kont mort



ngħix il-Mosta fejn sibt ruħi milqugħ. Anzi, imbuttat biex nersaq 'il quddiem u nitħallat f'kull qasam tal-ħajja tar-raħal. Iktar u iktar jekk ikun f'demmek li jkollok nitfa ħajra li timpenja ruħek soċjalment… u mhux biss 'saħħa u bonġu'! Infatti sibt ruħi mdeffes f'firxa ġmielha ta' attivitajiet - minn dawk ċiviċi u politiċi għal dawk kulturali. Tellgħuni fil-Kunsill Lokali mill-ewwel għadd u fdawni b'tilja karigi fl-għaqdiet u l-każini.

**Milqugħ biex tgħin**

Li ma tkunx imwieled hemm u tagħti daqqa t'id hija ħaġa tajba. Jekk tingħata spazju biex tgħin, għala għandek tiċħdu? Imma li tiżżattat u tipprova timpressjona kemm taf u timponi, huwa żball. Għax ħadd daqs il-werrieta proprji ma jafu xi jfisser u kemm jiswa dak il-wirt. Ħadd daqshom ma jifhem id-drawwiet u s-snajja' ta' ommijiethom u missirijiethom, wisq iktar jekk trabbew bil-ħobża jew ħbejża li temgħuhom dawk li għexu b'dawk is-snajja' tal-imgħoddi li forsi llum qed jogħsfru.

Niddejjaq ninnota li donnhom jistħu jitkellmu kif iħossu u kif jafu minħabba t-taħlit ta' nies li emigraw f'pajjiżhom. Fl-istess nifs ngħid li m'hemmx agħar milli tiżżattat biex tbiddel id-drawwiet tal-oħrajn – minn fuq li laqgħuk fosthom! Fl-aħħar mill-aħħar ebda wieħed mill-irħula mhu maqtugħ għalih b'xi fruntieri… imbagħad, fi gżira hekk ċkejkna!

Iżda xorta nemmen li min bħali kien mar joqgħod hemm, milqugħ kemm hu milqugħ, stmat kemm hu stmat, m'għandu qatt jippussessa ruħu minn wirt li mhux tiegħu. Jiswa li jinteressa ruħu, jitgħallem dwaru, jesponih, jgħożżu u jmidd idejh mal-bqija biex iħarsu u jmexxih 'il quddiem. Dak hu l-aħjar sehem li jista' jagħti.

**Il-valur tal-wirt**

Ngħid hekk għax fil-Mosta hemm wirt ta' kultura li fih is-seħer u l-preġju tiegħu. L-arti u l-istorja mhumiex esklussivament minquxin fil-ħitan żonqrin tar-Rotunda maestuża. Hemm bixriet oħra mxerrdin madwar ir-raħal li llum kiber fid-daqs ta' belt. Iżda jkun għajb li taħt din l-espansjoni demografika jew residenzjali jintradmu u jintilfu tant tifkiriet li jixhdu l-ġenju ta' dari!

Saħansitra l-ilsien li bih tkellmu dejjem, bl-aċċent u d-djalett tagħhom – dak ukoll huwa biċċa ħajja mill-wirt kollettiv. Hawn ukoll jidħol il-kunċett li dwaru bdejt nikteb: ħadd minna li mmorru ngħixu f'raħal ieħor m'għandna l-jedd nimponu fuq in-nies ta' dak ir-raħal. Fl-aħħar mill-aħħar, bid-djalett u mhux, xorta nistgħu niftehmu – aħna lkoll Maltin! La ġejna għal dan, l-agħar meta l-Malti nbiċċruh



b'ħafna tilqit ta' kliem barrani meta għandna tagħna!

Ngħid għalija ninsteħet meta, pereżempju, in-nies lokali nfushom jibdlu t-ton u l-pronunzja ta' kliemhom meta jiġu biex jitkellmu mal-ġar jew ġara għax ikunu ġew minn barra r-raħal!

**It-taħlit għandu siwi**

Il-familji jikbru u l-ulied jitħalltu, imorru fl-istess skejjel, jiltaqgħu fl-istess għaqdiet u jfittxu l-istess imkejjen għad-divertiment. Tassew li minħabba f'hekk, drawwiet qodma jew endemiċi tar-raħal – bħad-djalett – jintesew jew jisfumaw, bħallikieku b'hekk tikber l-integrazzjoni ta' min mar jgħix hemm. Wisq iktar illum f'soċjetà kosmopolitana u multi-kulturali fejn irridu nsalvaw dak li kien u għandu jibqa' tagħna...

Dan jgħodd għal kull raħal ieħor fejn kien hemm tkabbir bil-miġja ta' aktar residenti minn irħula oħra. Jgħidulha emigrazzjoni domestika.

Kulma semmejt jinħass żgur f'żoni kbar bħal Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ, Ħal-Qormi, in-Naxxar, Ħal-Tarxien, ir-Rabat, il-Mellieħa, Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq u rħula qodma oħra li minnhom faqqas xi subborg jew irħajjel. U dejjem bl-isfumaturi tad-djalett li tnissel u jibqa' jiġri fil-vini tal-memorja tal-qrib u tal-bogħod, inkunu fejn inkunu.

**Id-djalett u l-identità**

Meravilja mbagħad il-varjetà ta' djaletti fil-gżira oħtna Għawdex, b'komunitajiet ferm iċken imma kollha bi djalett li jvarja minn ftit ħbula raba' 'l bogħod. Distinti fl-identità iżolana u daqstant ieħor jiddistingwu lilhom infushom fl-identità tal-villaġġi varji mnejn ikunu ġejjin. Għax dak l-għerq tan-nisel. Fuq kollox huma l-ħafna għeruq varji li jagħtuna identità bħala komunità - kemm jekk kbira, kemm jekk iżgħar!

Fuq kollox, id-djaletti tal-irħula eżistew qabel intagħżlet il-lingwa standard. L-ilsien nazzjonali b'ebda mod u b'ebda forma ma jwarrab id-djaletti li minnhom huwa mnissel! U anki meta nitkellmu bil-Malti standard, jekk inkunu mrawmin fid-djalett, xorta jinħass in-nisel mit-tonalità u mill-kadenzi fi kliemna. Xejn ħażin f'dan għax fl-aħħar mill-aħħar, it-ton ta' kliemna, frott id-djalett, juri l-identità tagħna. Juri min aħna u kemm aħna ġenwini. Ngħid għalija, dejjem irbatt id-djalett mal-valur tal-ġenwinità fit-taħdit. Kif jista' qatt ikun li fil-qalb ta' qalbna xi darba għandna għalfejn nistħu mill-identità u n-nisel tagħna?

**Qabel noqtlu Lsienna**

Ngħid dan kollu għall-użu tal-kelma Maltija bejnietna l-Maltin u l-Għawdxin. Ma qistx ukoll il-ħafna barranin, turisti u ħaddiema, li jkollna nużaw it-tieni lsien uffiċjali - l-Ingliż - biex nikkomunikaw magħhom. Ngħid dan għax quddiem din ir-realtà iktar riċenti, flimkien tat-taħlit fi kliemna stess u l-ħakma mgħaġġla tad-dinja diġitali, tikber l-isfida biex nevitaw li ma ndumux wisq biex nibdew nokorbu li darba kellna l-Ilsien Malti!

Ilsienna bid-djaletti kollha tiegħu jibqa' parti mill-identità tagħna għax joħroġ il-mod kif naħsbuha skont il-karattru tagħna. Jorbotna ma' ta' qabilna u, nittamaw, ma' ta' warajna. Għalhekk wirt għani. Kull wirt jibqa' għażiż - inkluż id-djalett tal-post. Wirt hu dejjem prezzjuż - la tinsih, la taħbih, la tarmih u wisq inqas tistħi tużah, turih u titkellmu !

Evviva l-kelma tagħna,
il-leħen dejjem magħna...!
li jibqa' sbejjaħ dejjem
għax hu li jibq'għalina
il-ġawhra l-aktar bnina
u f'qalbna l-isbaħ għana!




## *L-IMĦABBA OĦT IL-ĠENN* – Rumanz ta' Richard Attard, Horizons 2024

**Xi ħsibijiet waqt il-qari tiegħu - Patrick Sammut**

F'dan ir-rumanz ġdid tiegħu Richard Attard jippreżentalna taħlita ta' elementi familjari, verosimili, drammatiċi u soċjo-politiċi. Mill-ewwel naqraw bl-inċident li jkollu l-protagonist, Brian, imma anki kliem Cain jidwi f'moħħna: is-sitwazzjoni morali ħażina li tinsab fiha Malta llum u l-parlamentari li moħħhom biss fil-vot.

L-awtur ma jħalliniex naljenaw ruħha mir-rakkont waqt il-qari tiegħu; anzi, iktar kemm naqraw iktar nindunaw li hemm ħwejjeġ misturin u problemi li ma dehrux mill-ewwel, fosthom il-Mażunerija u relazzjoni bejn il-koppja fejn mhux kollox ward u żahar.

Hemm partijiet fejn l-awtur jagħtina tagħrif storiku: dwar il-Mażunerija, il-Fanal ta' Delimara, l-isport kombattiv tal-Krav Maga, Alessandro Cagliostro, il-ballu tal-Qamar t'Awwissu, l-Isptar Mount Carmel, l-Ordni tat-Templari, il-Kantilena ta' Pietru Caxaro, u iktar.

Bħal dejjem għall-ewwel niltaqgħu ma' bosta fili narrattivi maħlulin fejn jiġu introdotti persunaġġi u minirakkonti ġodda li bil-mod il-mod jibdew jissawbu flimkien biex jiffurmaw ir-rakkont ewlieni. Strutturalment ir-rumanz hu magħmul minn kapitli qosra u dan ikompli jħeġġeġ lill-qarrejja jaqraw bla ma jegħjew.

Attard jinkludi għadd ta' ingredjenti li jagħmlu dan ir-rumanz interessanti u li jżommok bħala qarrej: inċidenti, sessjonijiet tal-psikoanaliżi, vjaġġi passati fl-Ewropa u fl-Orjent, laqgħat ma' Xarifi u Gran Mastri, studju tal-mediċina, rinkarnazzjoni, okkult, alkemija, kabbala, Brian Balzan u l-umiljazzjonijiet li jkollu jgħaddi minnhom f'Kordin u fit-Taqsima Forensika ta' Mount Carmel, il-Mażunerija fil-Vatikan, il-kwistjoni tal-abort jekk għandhiex tgħaddi jew le mill-Parlament, u l-bqija. Hemm drabi meta jiġu inklużi anki termini speċjalizzati bħal Trolley Problem jew Sacrificium Intellectus (237).

Il-qarrej jistaqsi x'interess għandu l-Prof. Cain De Giovanni fi Brian Balzan, il-protagonist, u għaliex dejjem jgħidlu biex ma jitkellimx ma' ħaddieħor dwar Cagliostro.

Interessanti l-fatt li diġà minn kmieni fir-rakkont, l-awtur jagħti ċertu ħjiel ta' kif tista' tiżvolġi l-istorja. Dan jinnutah biss il-qarrej attent. Dak li seħħ f'kapitli 15 u 16 – xeni drammatiċi u emozzjonanti tassew - mhuwiex sorpriża għall-aħħar ladarba l-awtur b'xi mod sa minn qabel ipprepara lill-qarreja għalih.

Jasal waqt meta r-rumanz jieħu l-għamla ta' rakkont investigattiv fejn il-verità eventwalment trid titla' fil-wiċċ. Bil-mod il-mod nifhmu wkoll li bejn il-miżżewġin Cain u Klara De Giovanni hemm baħar jaqsam daqskemm hemm bejn it-tajjeb u l-ħażin. Imma l-awtur bħal ifakkarna li wara kollox dan huwa kollu parti min-natura umana li għandha minn dawn iż-żewġ estremitajiet.

Iktar kemm wieħed jimxi 'l quddiem fir-rakkont ta' Attard iktar tiżdied l-importanza tal-personaġġ ta' Pinu, "it-tifel", minkejja li kellu 30 sena. Hemm ukoll ittrattata t-tema tad-destin fuq naħa u tar-rieda ħielsa tal-bniedem fuq l-oħra: "... ħajjitna bħal ktieb mhux mitmum... kultant ikun hemm min jiddeffes u jiktbilna fuqu. Imma ħafna drabi aħna stess ikollna l-opportunità niktbu fih u nonqsu milli nagħmlu dan." (140) L-introduzzjoni ta' Sonia u Jake fil-ġrajja żgur li tagħti nifs ġdid lir-rakkont. Naqraw b'waqtiet ta' azzjoni u wara ta' rivelazzjonijiet ta' sigrieti li ilhom mistura deċennji sħaħ. Nistaqsu: X'inhi r-rabta bejn Mons. Pace, Pinu u Klara De Giovanni?; Għaliex lil Brian Balzan jibgħat għalih in-Nunzju tal-Vatikan f'Malta?



Richard Attard
[Ritratt: ktieb.org.mt]

Hija interessanti r-referenza intertestwali għas-serje televiżiva 'Game of Thrones' f'paġna 207. Interessanti anki r-rabta bejn Brandanu Caxaro, Albrecht Dürer u l-Mażunerija. Insibu wkoll referenzi għal persuni li għexu fir-realtà, fosthom patri Fsadni, il-Prof. Godfrey Wettinger, patri Mark Montebello u Raymond Saliba, preżentatur tal-programm televiżiv 'Il-Kollezzjonist' u assistent kuratur tal-Mużew tal-Katidral.

Hemm waqtiet meta r-rakkont ta' Attard ifakkar f'rakkonti detective bħal dawk miktubin minn Umberto Eco jew Dan Brown, ladarba f'kollha nsibu r-rabta bejn storja, misteri, kripti, nies li għebu, u iktar.

Dan kollu jagħmel mir-rumanz *L-Imħabba Oħt il-Ġenn* ta' Richard Muscat xogħol li jinqara bla tbatija, mexxej, li jżommok u jġagħlek tħossok parti minn dak li qed iseħħ, u fl-istess ħin jagħtik pjaċir. Huwa rumanz ieħor li għandu jħajjar lill-pubbliku Malti joqrob iktar lejn u jħobb iktar il-qari b'ilsien art twelidna, il-Malti.

## IL PROFUMO DEL PANE FRESCO

L'inverno è arrivato da tempo.
I suoni della strada sono svaniti
e si perdono nella neve
che copre la città.
Alberi innevati,
crisantemi tardivi ricoperti di neve,
e il tappeto del parco
è morbido e scricchiola sotto i piedi.
Cammino lentamente
per non ferire la tenerezza dei fiocchi di neve,
per risvegliare ricordi e memorie
di qualcosa da tempo dimenticato.
I passi di qualcuno mi seguono,
mi volto indietro: non c'è nessuno da nessuna parte!
Un profumo familiare aleggia da qualche parte,
ma quelli non sono crisantemi,
è il profumo del pane appena sfornato.
Come può questo profumo
essere così vicino al cuore?!
È come se mia madre l'avesse mescolato,
ma lei non c'è!
Come una torta de festeggiare, come...
I ricordi abbondano e in ognuno di essi
c'è del pane e qualche dolce.
Le mie narici solleticano e mi giro,
e i gradini mi portano a un panificio lì vicino.
Prendo i soldi dalla tasca e compro i miei ricordi,
ricordi d'infanzia,
il sapore della felicità
e del calore della casa dei genitori.
Le vacanze si svolgono davanti ai miei occhi,
Anno nuovo, Natale, compleanni, festeggiamenti...
In ogni caso,
la cosa più importante,
era sempre il pane appena sfornato.
Ricordo ancora la tenerezza
delle dita che lo impastavano,
dei sorrisi della famiglia e della gioia dei bambini!
L'anima del pane!

**ALIKI TELESKU**
(Ċipru)





## FIL-ĦARGA TA' 'IL-PONT' TA' OTTUBRU 2024...

**Jikteb Victor V. Vella mill-Awstralja**

L-edtorjal tkellem fuq riżultat ta' survey li sar fuq il-qari f'Malta. Is-survey, għamlu mim għamlu, imma ma kienx imqassam pereżempju fi professjonisti, studenti, nies b'edukazzjoni medja, u dettali bħal dawn li jagħtuk idea ċara iżjed tas-sitwazzjoni tal-qari f'Malta. Mhix ħaġa kbira li xi darba smajtu li saħansitra l-klima ta' Malta ma tantx tinkoraġġik li taqra: iva, fis-sajf għad-dell jew għall-frisk ta' broxka fuq ir-ramel jew miġbura fix-xitwa għall-kenn tas-sħana tad-dar jew ta' ħuġġieġa żgħira. Għax il-klima ta' Malta mhix bħal tar-Russja jew tal-Ingilterra fejn tinkoraġġik li toqgħod ġewwa u taqra. Aħna aktar nippreferixxu, jew konna, noħorġu nippassiġġaw u nargumentaw u nitkellmu milli noqogħdu naqraw. Iva, tgħid aħna iżjed soċjali minħabba l-klima?

Jista' jkun li hemm xi raġuni oħra: għaliex ma naqrawx. Iva, tiġi r-risposta tas-soltu: aħna m'aħniex imdorrijin naqraw jew nisimgħu minn ċkunitna xi storja tal-fatati, avolja ma konniex nifhmu kollox imma xorta kienet tiftah bieb għall-istejjer li setgħu jiġu wara. U din tat-tradizzjoni naħseb li hi waħda mir-raġunijiet prinċipali għax ma naqrawx. Biex taqgħad, hemm il-moda ġdida li daħlet li issa nippreferixxu naraw milli naqraw. Meta taqra trid tikkoncentra u tuża l-immaġinazzjoni u l-moħħ. Meta tara, jiġifieri tuża għajnejk, dawn tħallihom jistrieħu u tuża biss l-għajnejn u l-widnejn li għandna tnejn ukoll. Tista' wkoll tagħlaq widnejk għax l-istampa 'tgħid' kollox. Flok il-qari tista' wkoll tisma', u tafu li smigħ tar-radju għandna biżżejjed u mir-radju ġieli kien joħroġ ħafna qari bħalma kien jagħmel Charles Arrigo dari fuq ir-Rediffusion (fejn sejjer b'rasek!) li kien qari popolari ħafna man-nisa tad-dar. Iva, daż-żmien għandna l-audios u s-cds kif darba kont fissirt li kif qalli wieħed, 'Nieħu pjacir nisimgħek fil-karrozza waqt li nkun insuq jew wieqaf fit-traffiku', għax kien iwaddab cd li kont irrekordjajt u joqgħod jisma'. Li jista' jkun sinjal li, iva, il-qari mhux popolari daqskemm imissu imma almenu d-deżert tal-qari fih xi siġra 'l hawn u 'l hinn.

Hemm il-kwistjoni l-oħra: kemm hu interessanti dak li qiegħed jinkiteb? Bil-Malti jew bl-Ingliż? Id-dinja tal-kitba tant hi vasta li s-survey jew minn għamlu ma qagħadx ifittex it-tip tal-qari: qari ta ġurnal jew ta fiction/rumanz/ jew ta' magazines, jew ta' poeziji jew ta' drama. Il-qari hu vast u varjat: jekk tieħu ktieb jista' jkun rumanz, esejs, poeziji, text book li jekk pereżempju tistudja l-Ekonomja allura taqra l-kotba li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett, li sfortunatament saret ħaġa komuni li saħansita professur jista' tant ikun bravu fis-suġġett tiegħu imma mbagħad ikun limit, ngħidu aħna, f'ċertu fiction jew poeżiji jew drama. Ma tagħtihx tort għax illum kull suġġett sar dinja għaliha!

Milli jidher is-survey kien izjed jimmira lejn il-qari bħala gost, bħala mogħdija taż-żmien. Allura tidħol il-mistoqsija: Għaliex taqra? - u jkolli nżid - li taqra xi ħaġa barra t-texbooks. It-texbooks jiġifieri li tuża l-iskola jew l-università, jiġifieri dak il-qari li se tiggwadanja xi ħaġa minnu biex tgħaddi mill-eżami. U hemm ir-raġuni l-oħra: li taqra għall-gost, biex tistrieħ u tgħaddi ż-żmien. Qari bħal dan ċerti nies, nispera li mhux il-ħafna, imma iqisuh bħala 'telf ta' żmien' jekk mhux ukoll 'bla bżonn'. U jaqa' taħt l-umbrella tal-poezija, tal-pittura, tal-mużika, jekk mhux ukoll tar-reliġjon. Dawn mhux se jqallgħuk flus, jirraġuna l-bniedem komuni. Allura?

Jirraġuna, jien x'jimpurtani x'għamel Marku Falzun, li lanqas kien jeżisti jew jekk 'it-tfal jiġux bil-vapuri'? Dan hu l-ikbar nuqqas għax li ma tarax skop ta' xi ħaġa, l-iżjed il-gost ta' xi ħaġa li għandha x'taqsam direttament jew indirettament mal-ħajja u mhux bilfors max-xogħol, jew mal-qligħ tal-flus, allura jista' jkun li qegħdin nitilfu l-għeruq prinċipali tal-ħajja għax il-ħajja mhix bħalma kienu jgħajtu r-Rumani *panem et circenses*, kif fil-fatt sirna, imma hemm xi ħaġa iżjed importanti. Kultant niltaqa' ma' nies li waslu biex jirtiraw imma mhuma dilettanti ta' xejn ħlief tat-televixin. Li tistennieha għax meta kienu iżgħar iva kienu jaħdmu u jistinkaw u ma tantx kellhom ċans ta' qari u l-bqija. Imbaghad meta jirtiraw iħossu n-nuqqas ta' xi ħaġa fil-ħajja tagħhom. U l-qari hu wieħed minnhom. Bħal ħafna affarijiet/ suġġetti oħra, il-qari, biex ngħid hekk, jekk jitwieled miegħek hemm ċans li jikber miegħek .

Xi ħadd, forsi tlaqqmuh pessimista, kien qal: "Il-ħajja hija żmien twil ta' kwiet u dwejjaq u kultant issir eċċitanti b'xi gwerra." U jekk iddawwar għall-ħajja tal-individwu tista' tgħid li iva hi ħajja ta' xogħol, inkwiet u kultant, b'niskata jew ftit iżjed ta' ferħ u ta' kuntentizza. U għalhekk jidħlu l-hobbies li avolja tmur tistagħad u ma taqbad xejn imma tistrieħ! Jew għalhekk taqra storja fuq ir-Russja jew l-Amerka ta' 70 sena ilu u titgħallem xi ħaġa u fuq kollox tistrieħ u

tħaddem l-immaġinazzjoni u l-għerf li jkollok. Dak is-serħ u l-gost li taqra xi ħaġa fuq l-imħabba, fuq il-ħajja ta' żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża, ta' kif kienu jgħixu u jilbsu ta' tfal li kienu fl-Ingilterra ta' Charles Dickens, jew kemm ħabbew lil xulxin Romeo u Guljetta... u titgħallem fuq is-sbuħija u t-traġedji fil-ħajja u kif solvewhom! Għax il-qari jġegħlek tosserva nies, tosserva n-natura, ġlied, u għira u mħabba u dubji u veduti. Rigward in-natura, min jaf qatx rajtu jew ħassejtu jew innotajtu din ix-xena li ddeskriva Dun Karm fl-introduzzjoni tiegħu fil-poezija 'Żjara lil Ġesù' fejn kiteb:

Kienet il-ħabta
li d-dwieli jinżgħu u lis-sid iroddu
l-aħħar għenieqed u maż-żiffa ħelwa
itir il-weraq isfar u jitgħajjeb
in-nir tas-sema bil-ħajbur u tibda
l-ewwel newba tax-xita.

... li barra deskrizzjoni, jekk tħobb tpinġi malajr iġġiegħlek tħażżeż xi ħaġa. U jekk tħobb il-ħsejjes tal-mużika fiha x'tisgosta u jekk tħobb is-sempliċità tal-veduta u taż-żmien jew tal-istaġun, u jekk dawn ma jolqtukx għall-ewwel iġegħluk tibda tħoss u tinnota u toħloq fik ix-xewqa li tiftakar jew tgawdi dak iż-żmien tas-sena. Li wara kollox iżżidlek u jew tiftaħlek tieqa oħra iva żgħira fil-ħajja tiegħek u bħal għasfur li mingħajr ġwienaħ imma jixtieq itir tħoss li tinqata' xi naqra mill-art.

Iva, intift ftit fir-romantiċiżmu. Imma dak hu parti mill-ħajja li jsebbaħha u jekk tidra taqra tista' tintilef u malajr tibda tkabbar il-ġwienaħ!

## UTOPIJA

Qegħdin wieħed ħdejn l-ieħor
fis-skiet ma jiġġildux.
Hawnhekk m'hawnx nies jitgħajru
jew nies ma jitħamlux.

Hawnhekk ħadd ma jilmenta
bl-istorbju tal-ġirien.
Hawn tolleranza sħiħa
u paċi kullimkien.

Hawn qatt ma tisma' għajta
u ħadd ma jgħid fuq ħadd.
Hawnhekk ma jsirux kawżi
u kollox ta' kulħadd.

Ma ssibx minn jgħajrek iblaħ
jew min jimlik bit-tajn
jew jaqla' qlajjiet fuqek
għax int minn tal-oħrajn.

F'dal-post mimli bil-fjuri
m'hawnx żgħir u lanqas kbir.
Hawn biss din it-tfakkira:
Trab kont u trab issir.

**EMMANUEL ATTARD CASSAR**





## FRAR TAL-QLUB

Iqumu l-arċiera mir-raqda,
darba f'sena fl-erbatax.
Kupidjani jikkaċċjaw,
bil-qwies jimmiraw.
Mimlija u msebbħa l-bukketti,
hux ta' wegħdi u ċerimonji
jew ta' mħabba u riunjoni.
Kemm jolqtu qlub sinċerament?

**JONATHAN BALZAN**




Dan il-ktieb jagħmel parti mis-sensiela 'Flimkien għexu ferħanin għal dejjem', li tinkludi r-rumanzi *Iżfen Miegħi*, *Dar l-Imħabba*, *Teżor*, *Isabella u r-Raġel tal-Maskra*, *Qabel Ngħidlek Iva*, u *Bħal Eva bit-Tuffieħa.*

## *IL-ĦABIB TAS-SORU TAL-KLAWSURA* ta' Chris Azzopardi, Wise Owl Publications, 2024

**Jikteb Michael Cini**

Kemm ħadt gost naqra r-rumanz *Il-Ħabib tas-Soru tal-Klawsura*, miktub minn Chris Azzopardi. Rakkont miktub b'mod mexxej, b'Malti idjomatiku imma fl-istess ħin pjaċevoil, tant li żammni bil-kurżità biex naqrah mill-ewwel ftit paġni. U ma tlaqtux minn idejja qabel ma lestejtu kollu biex nara kif kienet se tispiċċa din l-istorja.

Il-ġrajja ddur madwar Katrina, tfajla tar-raħal b'ħajja sempliċi li għall-familja tagħha, partikolarment għal ommha, kien rigal kbir li waħda minn uliedha kienet se tidħol soru. Tant hu hekk li din malajr xandret l-aħbar mal-erbat irjieħ.

Madanakollu, minbarra l-vokazzjoni kien hemm fatturi oħrajn li kienu se jġiegħlu li din it-tfajla biex tissakkar f'monasteru għal għomorha. Fost dawn kien hemm ukoll li żżomm l-għaqda fil-familja tagħha li kellha tant għal qalbha.

Imma d-dubji mill-vokazzjoni fi tfajla żagħżugħa ma setgħux jonqsu. Speċjalment meta f'moħħha kienet għadha tittormentaha t-tbissima ħelwa ta' Karlu, ġuvni li ftit qabel kien xeħet għajnejh fuqha.

Għalhekk, minkejja x-xewqa devota tagħha li tagħti ħajjitha biex tkun l-għarusa ta' Ġesù, il-kunflitt ta' f'qalbha kien kbir. Il-ħsibijiet kienu jkidduha. Id-dubji bdew jherruha. U t-tbatija li bdiet għaddejja minnha biex tagħraf tassew jekk din il-vokazzjoni kinetx tassew tgħodd għaliha, kienet qawwija.

Tant hu hekk li biex ma titfixkilx u tkun ċerta mill-ħajja li riedet, kellha tagħmel bosta sagrifiċċji, penitenza u talb. B'hekk ma tibqax iżjed bejn ħaltejn dwar liema triq kellha tagħżel sabiex b'hekk, teħles mid-diffikultajiet u d-dubji li kellha kemm f'moħħha, kif ukoll f'qalbha għal Karlu.

Imma minkejja kulma għamlet, ix-xewqat intimi li kienu jimlewlha qalbha, daħħluha fi ġlieda kontinwa magħha nfisha. Tant hu hekk li bdiet tagħmel f'qalbha. Is-solitudni li kienet tilqagħha fiċ-ċella ċkejkna tagħha bdiet tikolha, is-skiet beda jifniha, u n-nuqqas ta' wens mill-familja kien insopportabbli.

Għalhekk, id-deċiżjoni tant importanti dwar liema vokazzjoni riedet taċċetta kellha teħodha... illum qabel għada. Imma tgħid, lil min kienet se tiċħad... qabel ma jkun tard wisq?

## SE NDUMU?

Se ndumu naqraw stejjer?
Nifirħu lkoll flimkien;
ilbieraħ mar u għadda,
għada mhux dak li kien.
Ġejjieni nifs il-fjuri
jimraħ b'qalb ta' vjolin;
ġejjieni ta' għanjiet ħelwa
iferraħ kull miskin!
Temmen jew le, ibqa' imxi,
id-"Dawl" hu kullimkien;
il-"Kbir" idellel fuqna:
ilsiera jew sidien.

**KARMENU MALLIA**





## TLIETA

**Rakkont ta' Joseph Bonello**

Kmieni wara nofsinhar inżilna sal-Birgu biex nieħdu kafè għand Ta' Nikol. Il-klijenti kienu għal qalbhom jieklu u jixorbu kemm taħt is-saqaf kif ukoll fuq l-imwejjed ċkejkna barra l-ħanut. L-aktar li kien hemm kienu turisti. Il-bqija kienu parruċċani li jafu lil Duminku, issa sid il-ħanut, u lil missieru li joqgħod għassa bilqiegħda wara l-bank.

'Te?' offrieli Elija hekk kif sibna post f'rokna tal-ħanut.

'Te... tajjeb. Nieħu te.'

Duminku resaq fuqna u ħares lejn Elija. 'Int kafè, u s-sinjur?'

'Te... kif taf tagħmlu int!'

Il-ħanut milli jidher kien iċken għax ir-rokna fejn konna kellha qatgħa ta' ġebla differenti u b'inqas ħsara. Il-gwarniċun oriġinali tas-saqaf kien jieqaf sal-parti l-ġdida wkoll. Anki l-madum ta' taħtna kellu xeħta oħra. Madankollu l-atmosfera ferriħija fil-ħanut kienet xi ħaġa komuni għal kulħadd.

Imdendlin mal-ħajt kien hemm xeni tal-Port il-Kbir, ħafna minnhom minfuħin bl-umdu tal-ħajt. F'rokna mas-saqaf kien hemm imdendlin tlitt iqfief tar-raffja b'disinji ta' lwien differenti. Mal-ħajt warajja kien hemm arloġġ antik li darba raqad għal dejjem fit-tlieta u kwart. Wara Elija kien hemm gastra soda bi statwa ta' anġlu sabiħ tal-kartapesta b'id waħda titmattar 'il quddiem waqt li żżomm xena żgħira tax-xemx tielgħa qalb tliet għoljiet żonqrija bi ftit siġar 'l hawn u 'l hinn. Wara l-bank tax-xogħol, żmien twil ilu xi ħadd dendel gwarniċ bi flus tal-karta barranin fih.

'Te għas-sinjur u kafè għalik.'

'Grazzi, Duminik.'

Ir-riħa tal-kafè mitħun frisk spikkat fuq kull riħa oħra fil-ħanut. Duminku deher qisu mekkuk idur bil-klijenti tiegħu.

'Min jaf kemm ra nies hawn ġew, Elija!'

'Staqsi lil missier Dumink u tara jgħidlekx. Il-ħanut qabad sew taħt idejn missieru. Tarax lil missieru llum – bilkemm jiflaħ imidd pass. Trid tarah meta kien fl-aqwa tiegħu: jgħanni, ikanta bl-Ingliż u jaqbad jiżfen mal-klijenti barranin, ħafna minnhom baħrin, ħalli jallegrahom u jdawwar ir-rota bil-birra u l-inbid li kien ibigħ. Terġa', il-ħanut jaf lil missier missier Dumink li ta' raġel bil-għaqal li kien dejjem ra kif għamel biex idawwar sold u, jgħidu, meta xeħet għajnejh fuq din ir-rokna xtraha b'xejn mingħand wieħed li kien inieġħel il-bhejjem hekk kif qatagħha li jżarma bl-età. Il-ħanut malajr tkabbar u minn dak iż-żmien 'l hawn l-imwejjed biss jistgħu jgħidulek kemm raw nies kuljum.'

'L-arloġġ bil-ħsara?'

'Dik opra ta' Pisani. Ma tantx issib issewwih malajr.'

'Il-qfief għaliex imdendlin hemm? Min se jużahom?'

'Ħadd! Għamluh xogħolhom. Dawk ta' missier missier Dumink. Ġabhom miegħu mit-Turkija fejn qatta' xi żmien.'

'U dawk il-flus tal-karta?'

'Xhieda ta' kultura oħra. Nannuh kellu żaqq daqs dinja bit-Turkija. Fi żmienu erħilu jgħid kemm qala' flus jaħdem ir-raffja u xogħol ta' tined hemmhekk. B'sebgħu l-werrej kien ifiehem lil kull min jistaqsih dwarhom kemm isarrfu fi flus Maltin, kif qalagħhom u għaliex dendilhom hemm.'

'L-anġlu?'

'Biċċa xogħol ħelwa. Għandu sebgħu ż-żgħir t'idu mtajjar. Anki x-xiħ kellu sebgħu ż-żgħir imtajjar!'

'Tgħid min ħareġ jixbah lil min?'

'Jgħidu li d-demm jiġbed!'

'Tassew! Ma kienx pittur wkoll ix-xiħ?'

'Ma jidhirlix. Għaliex?'

'Stħajjilt li pitter ix-xeni tal-Port hu.'

'Dawk ordinarji u bla preġju. Biss dik ta' id l-anġlu... dik

għamilha f'ħakka t'għajn baħri Ingliż, Roy Arrowpoint. Tista' tara ismu isfel, fin-nofs. Tant kienet għal qalb ix-xiħ li dendilha hemm ma' id l-anġlu b'qafla.'

'Kemm ilek tiġi hawn, Elija?'

'Ħafna.'

'Ħafna... ħafna kemm?'

'Missieri mill-Birgu u miegħu nafni niġi hawn sa minn ċkuniti.'

'Għidli, kemm tbiddel il-ħanut minn żmien ix-xiħ?'

'Xejn, kważi xejn. Duminк bidel is-siġġijiet tal-fagu u għamel dawn. Il-bqija kull ma tara mikul bix-xogħol.'

'Ikolli ngħid li qatt mhu se jbiddel xejn dan Duminк.'

'Għaliex? Madankollu lanqas nara lok għal dan. Il-ħanut jintgħoġob kif inhu.'

'Ara tifhimhiex bħali. Hemm rabta kbira bejn Duminк, nannuh u l-armar tal-ħanut.'

'Kif?'

'Duminк aktarx hu bniedem sensittiv ...'

'Hekk hu, u ta' qalbu f'idu.'

'Sensittiv u konservattiv. Dak li ħalla x-xiħ ma jridx ibiddlu. Jaf li x-xiħ kellu qalbu marbuta mat-Turkija. Ir-rabta ħadet xejra sentimentali, u naħseb nostalġika. Ħares ftit. X'ħin juri l-arloġġ?'

'Dak wieqaf.'

'Dak waqqfu x-xiħ fit-tlieta u kwart bi ħsieb. Jekk tħares sew lejn idejn l-arloġġ tara li t-tnejn jimmiraw lejn in-numru tlieta.'

'Eżatt!'

'Mela nista' ngħidlek li l-arloġġ m'għandux ħsara.'

'M'iniex nifhem.'

'Min jaf għaliex hemm tlitt iqfief imdendlin hemm fuq? Jekk tħares lejn ix-xena f'id l-anġlu tara tliet għoljiet.'

'Forsi t'Għawdex.'

'Tat-Turkija.'

'Kif taf?'

'L-anġlu stess qiegħed jipponta idu pariġġ l-arloġġ.'

'Kumbinazzjoni.'

'Fuq tlieta toqgħod il-borma! Agħti kas ta' isem l-artist tal-pittura tat-tliet għoljiet.'

'Roy Arrowpoint.'

'Arrowpoint. Kollox jipponta f'direzzjoni waħda – lejn il-lvant. Sa l-istess xena turi xemx tielgħa mil-lvant! Dawk tliet għoljiet magħrufa biss mix-xiħ. Fil-fatt, ma fihom ebda karatteristika fiżika partikolari u allura għandhom xejra simbolika biss, aktarx marbuta man-numru tlieta.'

'Tassew, tassew!'

'U x-xiħ qatt ma qallek xejn.'

'Qatt – għallinqas ma niftakarx.'

'U qatt ma kien se jgħidlek għax ix-xiħ kellu rabta sentimentali ma' dawn l-affarijiet – kienu jfakkruh f'xi ħadd, f'xi ħaġa...'

'F'martu. Missieri jgħid li martu kienet mara l-ġmiel tagħha u taf tħobb. Mietet żgħira u ħallietu bi tlett itfal.'

'Dik hi mela. Ikolli ngħid li għandi raġun.'

'Naħseb!'

Qomna u ersaqna biex inħallsu mal-bank. Ridt inħallas jien. Waqt li beda tiela' l-kont ressaqt il-flus lejn Duminк li laqa' idu għalihom. Bl-id l-oħra minn taħt il-bank ħareġ mazz ritratti antiki u żgħar daqs tal-logħob juru xeni tad-dawra tal-Port il-Kbir.

'Agħżel wieħed, iflih tajjeb u qiegħdu lura fil-mazz bla ma turihuli,' qalli Duminк waqt li fetaħ il-mazz imrewħa wiċċu 'l isfel. Hekk għamilt. Deherli li l-post fir-ritratt kont familjari miegħu. Ħawwad ir-ritratti sew għal kemm-il darba u silet ritratt.

'Ara hux dan,' qalli waqt li għażel preċiż dak ir-ritratt li kont għażilt jien.

'Dak hu. Kif għamiltha?'

'Xi darba staqsi 'l Elija. Dak ukoll dejjem jagħżel l-istess ritratt li għażilt int illum.'

'Prosit. Il-bqija u l-irċevuta, jekk jogħġbok!'

'Diġà tajthomlok u ġbarthom. Insejt?'

'Jista' jkun,' għidtlu bla ma ħarist lejh, u tlaqna 'l barra.

Ksirna mal-ewwel kantuniera u ġbidt lil Elija għal Triq il-Miratur u dritt għal fuq is-sur tal-Birgu.

'Ħares 'l hemm, Elija, mhux dak hu l-post li rajna fir-ritratt?'

'Hekk hu.'

'Mela imxi lura d-dar. Inħoss li aħjar immur nistrieħ għax qiegħed nitħawwad.'

'Duminк tiħux għalih. Dak tgħidx kemm hu dħuli.'

'Int taf tbill subgħajk fil-logħba tiegħu, hux? Imma aħjar daqshekk. Saħħa, Elija. Narak id-dieħla.'

'Saħħa. Taħseb xejn.'

Wasalt ħdejn il-karozza u l-arloġġ tal-knisja daqq it-tlieta u kwart. Jien u ntella' ċ-ċwievet tal-karozza mill-but tal-ġlekk sibt li magħhom kelli l-bqija tal-flus u l-irċevuta.



# XEMX JEW STILLA

**Novella ta' Mario Attard**

Is-Sur Zammit kien jinsab miexi l-kuritur kollu tal-iskola b'karta ta' pitazz tixxejjer f'idu l-leminija u pass jew tnejn warajh kien hemm student tal-primarja imidd passi tqal. Ħarstu kienet ta' xi ħadd li kien qiegħed jistenna li jaqlagħha. "Għaddi Sur Zammit."

L-għalliem, wara li kien ħabbat il-bieb tal-uffiċċju tas-Surmast, daħal u miegħu daħħal lill-istudent li issa ħarstu iktar isserjat. Kellu wiċċ ta' wieħed imbikkem.

"Hawn, Sur Bezzina, ara x'xemx ġibtlek! Ħares lejn dan il-komponiment u ara x'jidhirlek." L-għalliem għadda dak il-komponiment lill-kap tal-iskola.

Sakemm dak il-komponiment kien jinsab jitgħarbel mis-Surmast, dak it-tifel ħass imsarnu neżlin f'saqajh. Moħħu beda jhewden dwar liema kastig seta' jingħata u xtaq kieku seta' li jagħżel l-eħfef wieħed.

"Qed tara xi xmux tagħtini biex ngħallem sena wara sena!" Qal wara ftit is-Sur Zammit. "U fil-klassi mhux xmux biss għandi... għandi qmura, tiġieġ, ħmir... Mur ġo razzett u l-annimali u t-tjur kollha li ssib, issibhom ukoll fil-klassi tiegħi."

Dak l-imsejken biċċa ta' tifel ħassu jissawwat aktar milli kieku qala' daqqtejn bil-pointer inkella xebgħa biċ-ċintorin.

"X'tgħidli, Delia? Dan inti ktibtu jew kitbitulek oħtok iż-żgħira?" staqsieh is-Sur Bezzina huwa u jħares lejn l-għalliem b'nofs daħka.

L-istudent ma tkellimx.

"Mela ma titkellimx? Reġa' staqsieh is-Surmast.
"Imma fil-klassi jredden, Surmast. Qisu tellerita," qal is-Sur Zammit.
"Kitba bħal dik lanqas l-ispiżjar ma jagħrafha." U s-Surmast Bezzina reġa' faqqa' nofs daħka.
"Ikolli ngħid is-Surmast ma jafx jidħak sewwa," ħaseb Delia.
"X'se nagħmlu bih lil dan iż-żarmuġ, Sur Zammit?"

"Naħseb bil-klassi kollha ma nafx x'se nagħmel." Wieġbu s-Sur Zammit.
"Ara, Delia... Irridek terġa' tikteb dan il-komponiment pulit, bil-mod u bil-għaqal. Irrid narah miktub mingħajr spelling mistakes. Għada, kif iddoqq il-qanpiena ta' nofsinhar, qabel tmur id-dar, ejja bih ħa narah."
Dak kien il-kastig li tah is-Surmast.
"Iva, Sur Bezzina."

Kienet lejla li fiha l-ħmar il-lejl kien imdendel fuq rasu. Delia għamel ħiltu l-ewwel biex jikteb dak il-komponiment pulit u wara biex ma jagħmilx żbalji ortografiċi.
Kitbu u reġa' kitbu. Staqsa u reġa' staqsa lil ħuh il-kbir kif jinkiteb numru ta' kliem.

"Jaqaw għandek xi punishment?" Kienu l-ewwel kelmiet li qallu ħuh meta mar jistaqsieh għall-ewwel darba. Dik il-kelma punishment ħassha daqs weġgħa kbira fl-istonku tiegħu. Ma kienx jista' għaliha.

"U jekk ma nagħmilx kif qalli s-Surmast, nistenna punishment ieħor!" Qal f'qalbu flok wieġeb lil ħuh.

Minn taħt il-friex, mgħotti kollu kemm hu, għax kien imdorri jorqod qisu katavru mkeffen, kemm-il darba kien joħroġ rasu għax kull darba kien jara wiċċ is-Sur Zammit u wiċċ is-Surmast b'nofs daħka. F'widnejh weħel il-ħoss taż-żewġ kelmet monosillabi, 'Int Xemx!"

Delia sa fl-aħħar raqad, imma minn ħin għal ieħor kien jinstema' jitqalleb, daqqa naħa u daqqa oħra, u f'dak is-skiet tal-lejl kull ħoss jinstema' t-triplu.

*  *  *  *

Delia mexa l-kurutur tal-iskola.
"Għaddi" instama' leħen is-Surmast minn ġewwa l-uffiċċju.
Imbagħad ... "Huwa int, Delia. Għaddi, għaddi."
"Ġibtlek il-komponiment, Sir." Leħen l-istudent kien jinħass jitriegħed. Kien qed jibża' mill-kelma 'punishment'.

Is-Sur Bezzina ħa f'idejh il-komponiment minn idejn l-istudent u beda jiflih. Ra l-ewwel u t-tieni faċċata iktar minn darba.
"Dan għamilulek ħuk?" Staqsieh is-Sur Bezzina.
"Le, Sir. Jiena għamiltu. Bdejt nistaqsih kif jinkiteb xi kliem imma kollox jiena ktibt. Kważi l-istess kliem tal-




komponiment tal-bieraħ."

Delia siket u sammar ħarstu fuq is-Surmast. Imbagħad, meta ra li ma qalx kelma u kultant jagħtih ħarsa minn taħt il-għajn, l-imsejken student daħal ġo qoxortu u msarnu ħasshom neżlin ma' saqajh. Dak il-ħin kien lest li jaqta' rasu barra li l-ewwel kelma li kien se jgħidlu sejra tkun 'punishment' ieħor!

Ħadd minna l-qarrejja ma jista' jagħtih tort li jaħseb hekk. Fil-klassi tas-Sur Zammit dik il-kelma qatt ma falliet darba matul il-ġranet tal-iskola, ġimgħa wara ġimgħa. Kienet tieqaf tistrieħ fi tmiem il-ġimgħa u fil-vaganzi sakemm ma jibqgħux jirrepetuha l-ħitan tal-klassi! It-tfal kienu jieħdu r-ruħ meta tasal il-ġimgħa jew il-vaganzi tal-Milied u tal-Għid. Imma l-iktar il-vaganzi tas-Sajf, għax anki lis-Sur Zammit jinsew.

"Prosit, Delia!"
Delia ma jafx x'laqtu. "Prosit jew punishment qalli?" staqsa lilu nnifsu ġo qalbu. Min jista' jlumu. Iż-żewġ kelmiet jibdew bil-p u t-tnejn ukoll jispiċċaw bit-t.

"Prosit, Delia."
Delia seta' jneħħi kull dubju li kellu.

Is-Surmast deher sodisfatt u mhux ftit ukoll.
"Qed tara! Issa ma ngħidlekx xemx għax issa sirt Stilla!"
Delia dera jara lis-Surmast Bezzina jfaqqa' nofs daħka. B'wiċċu aħmar nar u b'leħen dgħajjef daqs min ma jiflaħx jitkellem qallu "Sorry, Sir."
"Sorry għalfejn, Delia. Qed tara kemm inti kapaċi meta trid. Ġibtli komponiment tajjeb ħafna, bi preżentazzjoni vera neat."

Is-Sur Bezzina deher sodisfatt tassew bl-istudent li kellu quddiemu, mhux biss għax ħa t-tagħlima li xtaqu jieħu minn dik tal-bieraħ imma wkoll għax ħass li quddiemu kellu student li kapaċi jirnexxi. U jekk sħabu tal-klassi jagħmlu sforz bħalu, is-Sur Zammit ma jgergirx iżjed li dejjem jagħtih l-agħar tfal imma minflok b'wiċċu minn quddiem jgħidlu "Grazzi, Sur Bezzina. Tajtni klassi vera għal qalbi!"

"Mhux se ttini punishment, Sir?" Iddubita l-istudent.
"Punishment! X'punishment, Delia?" Wieġbu bħal wieħed mifxul is-Sur Bezzina. "Mil-lum 'il quddiem se nibda nsegwik. Ma tagħmilx ħażin jekk tagħmel kuraġġ lil sħabek tal-klassi biex jagħmlu bħalek."

* * * *

Wara l-bieb tal-garaxx kien hemm daqs tmien ġuvnotti bil-basket tal-iskola f'idhom jistennew. Meta nfetaħ ħarġu għaxar studenti, ġuvnotti wkoll. Flokhom daħal il-grupp l-ieħor u ngħalaq il-bieb tal-garaxx.

"Kemm huwa Sir tajjeb is-Sur Delia" bdew jgħidu wħud mill-ġenituri li kienu wasslu lil uliedhom għal-lezzjoni tal-privat. Ġenitur minnhom żiedet: "Is-subien tiegħi huwa għallimhom fil-form five. Nittama li Mark is-sena d-dieħla jkun f'tiegħu. Hekk ikun għallimhomli kollha huwa u ma jiddispiaċinix."

* * * *

Is-Sur Delia kien dilettant tal-qsari. Kellu qsari mal-faċċata ta' barra tad-dar tiegħu. Taħt l-erba' ħitan tal-opra morta fuq il-bejt, kellu wkoll sensiela ta' qsari, tal-ward u le, fosthom dawk bżonnjużi bħal nagħniegħ, ħabaq, tursin u karfus. Bis-saħħa ta' hekk, meta l-mara tiegħu tispiċċa bla

tursina jew nagħniegħa, ma tħabbilx rasha u ma titlifx il-borma.

Darba minnhom mar jixtri l-vitamini minn ħanut tal-pjanti f'Tal-Barrani.
"Bonġu. Għandi daqsxejn ta' problema għax l-isweet pea qiegħda trabbi bħal moffa, qisu tajjar u qiegħda timrad. Għadha lanqas ħarġet fjura waħda meta s-soltu ssebbaħ il-bieb ta' barra għax iddur ixxeblek miegħu." Beda jgħid is-Sur Delia lill-bejjiegħ.

Il-bejjiegħ kien żagħżugħ fil-għoxrinijiet. Qagħad jisma' bil-kwiet imma ħarstu kienet turi ċerta kurżità.
"Dak hu! Iva, dak is-Sur Delia" qal b'konvinzjoni f'qalbu. Imbagħad ...
"Tiftakarni Sir. Buttigieg jien. Kont imqareb imma issa m'għadnix."

Addio l-moffa u l-isweet pea u l-fjuri li ma kinetx għadha ħarġet waħda!
Wara li għasar ftit moħħu, is-Sur Delia għarfu. "Kont ngħallmek fil-Form Five. Niftakrek. Kif inti, orrajt?"
"L-iskola? Għadek tgħallem hemm?"
"Iva, hemm għadni, sakemm ma jfettillhomx jagħtuni transfer u jibagħtuni Għawdex." U faqqa' daħka kif kien jidħak is-Surmast Bezzina.
"Bezzina għadu hemm? Mhux is-surmast," staqsieh il-bejjiegħ u issa l-eks student.
"Iva, hemm għadu. Kiber issa."
"Li mhux għal ġieħ wiċċek, nisplodi f'xebgħa ... kliem mhux xieraq." F'daqqa waħda Buttigieg tmasħan. "Kull meta jiġi fi ħsiebi nirvilla."

Is-Sur Delia pprova jikkalmah u pprova wkoll jippreżenta lis-Sur Bezzina, għalliem bħalu, minn lenti iktar xierqa.
"Taf li minħabba dak ħadt isem ħażin mal-iskola kollha u kelli nitlaq."
Każijiet bħal dawk is-Sur Delia kien sema' waħdiet u dak ta' Buttigieg kien wieħed minnhom. Imma tal-lanqas is-sodisfazzjon li ħass kien li fi kliem dak il-bejjiegħ, fih kien jara teacher li kapaċi jifhem lill-istudent u jgħinu kemm jista'.

*   *   *   *

Dakinhar filgħaxija, is-Sur Delia nbidel u sar Buttigieg, il-bejjiegħ tal-pjanti. Sar l-istudent bil-punishment imdendel fuq rasu jekk ma jiktibx mill-ġdid il-komponiment, li skont is-Surmast trid tkun il-vera xemx biex tiktbu.

Bejn taqliba 'l hawn u taqliba 'l hemm, is-Sur Delia raqad imma meta waqaf jitqalleb ra lil Buttigieg bil-komponiment f'idu fil-bieb tal-uffiċċju tas-Surmast Bezzina. U ra lis-Surmast xejn kuntent u wiċċ Buttigieg beżgħan. "Xemx bqajt, Buttigieg!"

## TRAB IL-KWIEKEB

Hemm waqtiet waħxin
matul il-lejl
meta id taħfnek minn ġewwa
u ċċaqlaqlek jienek,
terremot...!
Dal-jien magħmul minn
infinità ta' atomi
li għal nitfa żmien
iltaqgħu u ffurmawk.

F'dis-siegħa mdallma
tħossok vulnerabbli
fjura tat-tfief
tiżżarma f'kuntatt
ma' żiffa riħ
jew kważi...

Ikun il-waqt waħxi
il-waqt fakkari
li aħna m'aħna xejn
ħlief trab tal-kwiekeb
jiġġerra mal-univers
li straħ u ħa l-għamla tagħna
biex ftit wara
jerġa' jisfuma fix-xejn
u jkompli triqtu
fil-baħħ etern...

## NIBQA' NĠORR...

Nibqa' nġorr il-pitazz miegħi
b'lapes skur marsus ġo fih
sabiex meta l-jum ibatti
kliem id-dawl inħażżeż fih.

Anki meta l-jum jirtira
u d-dlam lejli jaħkem sew
nibqa' d-dawl ngħożż imqar f'qalbi
kliem ta' ferħ nikteb hemm ġew.

Ħallih jonfoħ ir-riħ b'saħħtu
u l-maltemp jisbel qatigħ,
fuq il-paġna b'lapes f'idi
'nfittex kenn f'irkejjen sbieħ.

Nibqa' nġorrhom it-tnejn miegħi
ngħożżhom daqs ħbieb kbar minn tiegħi.

**PATRICK SAMMUT**




## *FIS-SAJF TA' ŻEWĠT IBLIET* ta' Salv Sammut, Horizons 2024

**Apprezzament ta' Patrick Sammut**

Dan ta' Salv Sammut huwa rumanz ta' 214 paġna, li jinqasam f'żewġ taqsimiet ewlenin. Fil-bidu nsibu riflessjoni introduttiva miktuba mill-pinna tal-kittieb Paul P. Borg, intitolata "Fis-Sajf ta' Żewġt Ibliet – X'Deherli Minnu". Il-kapitli mhumiex twal u l-istil tal-kitba huwa wieħed mexxej.

Fil-bidu tal-istorja Sammut joħodna l-Imdina, fejn jintroduċina ma' żewġ protagonisti: l-avukat Albert De Gabriele, u Valeria, speċjalista tat-tqala u Taljana li tgħix Malta u taf l-ilsien Malti. Iż-żewġ personaġġi għandhom interess komuni fil-poeżija.

Mill-Imdina, it-tieni kapitlu joħodna f'Ruma. Valeria hija bniedma li tiġġieled favur id-drittijiet tat-tarbija fil-ġuf. Fl-ajruport ta' Ruma, il-ġinekologa tiltaqa' ma Stefano u nifhmu li xi darba kien hemm rabta sentimentali bejniethom.

Mill-ewwel nagħrfu element komuni fir-rumanzi ta' Sammut: anki hawn tinħass l-importanza li jagħti għad-dettalji topografiċi u toponimiċi. L-awtur jurina li huwa familjari mal-ispazji fejn jambjenta l-azzjoni tar-rumanz tiegħu, u dan jintrabat mat-tema tal-vjaġġ, imma anki mal-fatt li matul ħajtu bħala trejdjunjonist Sammut ivvjaġġa ħafna. Nindunaw ukoll li fl-isfond tar-rakkont ta' Sammut hemm anki s-snin twal ta' esperjenza li qatta' fi ħdan għaqdiet letterarji u kulturali differenti. L-awtur iberraħ il-mod kif jaħdmu l-għaqdiet letterarji f'kollaborazzjoni ma' entitajiet diversi.

Fost l-avveniment li jseħħu fir-rumanz niltaqgħu ma' serata letterarja organizzata f'Palazzo Falson, fejn jiġi mniedi ktieb ta' poeżiji bil-Malti miktub minn barranija li kisbet saħansitra ċ-ċittadinanza Maltija. Dan Sammut jagħmel enfasi fuqu, fi żmien meta Malta qed timtela b'barranin li ma jafux ilsien art twelidna. Aktar 'il quddiem Sammut jikkritika l-istat tax-xandir lokali f'rabta mal-kanali partiġjani.

Fost il-mekkaniżmi letterarji li Sammut iħaddem matul ir-rumanz insibu l-flashback, li tgħinna nifhmu aħjar il-preżent billi nifhmu x'seħħ fl-imgħoddi; u anki l-alternanza tal-ispazji fejn jambjenta l-azzjoni, f'dan il-każ bejn Malta u l-Italja. Sammut jagħtina wkoll ċertu tagħrif ta' natura storika, bħal meta jikteb dwar ix-xewqa tal-Għarab li jibnu l-Imdina fejn illum hemm l-Imtarfa. L-ispazji fejn jambjenta l-azzjonijiet tar-rumanz huma bosta: apparti l-Imdina (Palazzo Falson) u Ruma (l-ajruport ta' Fiumicino), jissemmew spazji miftuħin bħall-Ġnien Howard (ir-Rabat), Buġibba, il-Landrijiet u l-Imtaħleb, imma anki spazji magħluqa bħall-klinika ta' Valeria, Mater Dei, l-għassa tal-pulizija jew kamra f'lukanda. Permezz ta' dawn l-ispazji Sammut jippreżenta lil Malta bħala waħda mill-persunaġġi tar-rumanz tiegħu, bil-ġonna, bliet medjevali, swar, baħar u karatteristiċi speċifiċi oħrajn tagħha.

Hemm ukoll it-test fit-test, f'dan il-każ, l-iskript tal-kritiku letterarju miġjub fil-korsiv, u poeżija mill-ġabra poetika ta' Valeria. Mela hawn Sammut bħal jgħaqqad f'paġna waħda tliet ġeneri letterarji differenti: ir-rumanz, il-kritika u l-poeżija. Sammut jinkludi wkoll partijiet deskrittivi li għandhom mir-romantiċiżmu, b'bosta riferimenti għall-elementi naturali bħall-qamar, is-sħab, l-għelieqi, u l-kwiekeb. Insibu għalhekk il-lingwaġġ poetiku fil-proża.

Bħal dejjem, insibu dawk l-avvenimenti li jagħtu nifs ġdid lir-rakkont. Dan iseħħ permezz taż-żjara fil-klinika ta' Valeria min-naħa ta' tfajla ddisprata. Is-serqa ta' bott pilloli b'xi mod jippreparana għal dak li jmiss.

Hemm ukoll il-metanarrattiva, ladarba Valeria Martinelli fir-rumanz ta' Sammut tfassal draft tar-rumanz tagħha *Taħt Sema Griż*. Permezz ta' dan Sammut jittratta l-proċess tal-kitba, tal-irfinar tagħha, jew "il-mixja twila ta' ħolqien ta'

ktieb.” (p. 138) Kemm hu veru mbagħad, it-tieni taqsima mhi xejn ħlief ir-rumanz li kitbet il-protagonista Valeria mqiegħed ġewwa r-rumanz ewlieni ta’ Sammut. Filwaqt li r-rumanz ewlieni hu miktub minn Malti, Salv Sammut, mill-perspettiva ta’ Malti, ir-rumanz sekondarju hu miktub mit-Taljana Valeria, mela mill-perspettiva ta’ barranija. Però, fl-isfond jibqa’ dejjem Sammut, dak li matul ħajtu vvjaġġa tant u hu familjari ma’ bosta bliet Ewropej ewlenin.

F’din it-tieni parti jissemmew spazji bħall-Università ta’ La Sapienza ta’ Ruma, imma anki l-belt ta’ San Gimignano. Fir-rumanz sekondarju, dak ta’ Valeria, il-persunaġġi ewlenin huma Gabriella u Fabio. Fil narrattiv ieħor hu d-dramm bejn il-ġenituri mifrudin ta’ Fabio, Giorgio u Angelica, u l-inkwiet ta’ bejniethom. Hemm kapitli f’din it-tieni parti li jiffukaw daqqa fuq persunaġġ, daqqa fuq ieħor, u permezz ta’ dan Sammut joħroġ iktar l-aspett uman ta’ kull wieħed minnhom. Tiġi inkluża anki ittra miġjuba fil-korsiv u li toħodna lura fiż-żmien. Anki hawn titħaddem il-flashback, biex bħala qarrejja nifhmu x’wassal biex il-ġenituri ta’ Fabio jinfirdu. Strutturalment hawn insibu kapitli jalternaw bejn preżent (ir-relazzjoni bejn Gabriella u Fabio) u passat (Angelica/Giorgio/Luca). Fi tmiem dan ir-rumanz ta’ Valeria jaħkmu elementi bħar-rikonċiljazzjoni, il-ftehim, il-maħfra u fuq kollox ir-rispett lejn il-ħajja umana permezz tal-għajta ta’ Anġelica kontra l-abort wara li tgħaddi minn esperjenza diffiċli li tkissirha psikoloġikament.

Hu hawn fejn Gabriella (il-persunaġġ maħluq minn Valeria) u Valeria (l-awtriċi tar-rumanz ġewwa r-rumanz ta’ Sammut) isiru ħaġa waħda, leħen wieħed kontra l-abort u favur il-ħajja. Fi tmiem ir-rumanz toħroġ ċara l-idea li l-mara għandha dak li r-raġel qatt ma jista’ jkollu: “... il-ħila li ġewwa fiha, mara tnissel u twelled ħlejqa biex tkattar l-umanità!”

## INKWADRATURI TAL-MOĦĦ

*lil Maurice wara tant snin*

għandek twejqa maqtugħa ġo bieb
li tagħti inkwadratura
għal fuq l-arloġġ tal-knisja

meta stedintni nittawwal
deherli arloġġ iffriżat
kompożizzjoni tisfida d-dimensjoni
tal-ħin u tal-ispazju

qisu lbieraħ qisu għada
mingħajr qisu

ma nbidel xejn ħabib

**ALBERT MARSHALL**
(Minn: *Poeżiji 1964-2019*, Horizons, 2019)

## TAĦT IS-SALIB

Issa li l-folla siktet
u ’l hemm qiegħda tterraq,
tkarkir il-krakar nisma’ għaddejja, għaddejja
minn fuq il-passi ta’ saqajn l-ikbar bniedem.

Issa li l-folla siktet
lejn dik l-għuda nersaq
fuq irkoppti ninżel
rasi b’qima nbaxxi.
Minn taħt il-għajn
imċaflas fit-tajn nara
qorq iċ-ċenturjun jgħatti riġlejh godlija
jistennew li jxolju
sabiex lura lejn darhom iterrqu.
Issa jdejh lanza jagħfsu
lesta għall-aħħar ritwal xejn divin
frott liġi kiefra ma tagħrafx ħniena.

Issa li l-folla siktet
ngħolli ħarsti lejn l-ikbar bniedem mejjet
minxur b’rasu mitluqa tħares lejja.
Kif jista’ jkun?
Il-lanza tersaq u sal-qalb tinfed
biex jintemm ir-ritwal.

Qatra demm tintelaq, taqa’ u tgħaddi ma’ wiċċi
tiċċaflas fuq żrara għal dejjem ħamra.
Idi nressaq, iż-żrara niġbor, fil-ħorġa nqegħedha.

Kollox mitmum...
... imma ż-żrara se tibqa’ b’għozza għandi.

**JOSEPH BONELLO**






## JIEN U NAQRA *ALLAT TAL-QERQ* ta' Ben Agius, Horizons, 2024

**Jikteb Patrick Sammut**

L-istorja ta' dan ir-rumanz tibda *in medias res*, mela fin-nofs ta' xi ħaġa li diġà seħħet. B'hekk jitnisslu l-kurżità u t-tensjoni fil-qarrej mill-bidu nett. In-narratur, Samwel Dimech ta' 38 sena, joħodna ġewwa għassa tal-pulizija fejn huwa stess – mela tintuża l-ewwel persuna singular, il-'jien' – jirrapporta delitt. Minkejja dan mill-ewwel jitnisslu dubji – imwassla permezz ta' kliem rikurrenti fir-rumanz bħal "ċpar", "dlam", u "duħħan" - dwar jekk id-delitt kienx alluċinazzjoni ta' bniedem li għex trawma xi żmien qabel.

Spazju ieħor li nittieħdu fih huwa l-uffiċċju ta' psikoterapista. Huwa hawn fejn il-qarrej jifhem li l-protagonist-narratur jinsab fi ġlieda biex jerġa' jakkwista lura l-memorja tiegħu. L-awtur jiddeskrivi sewwa x'ħass il-protagonist meta ħabat u fetaħ rasu f'inċident, u dan permezz tas-sinestesija, mela billi jwaħħad flimkien iktar minn sens wieħed: "In-nies għaddejja minn miegħi kienu biss tiżliġa ta' kulur u fwejjaħ; uċuħ mingħajr identità." (46)

F'dan ir-rumanz ta' xeħta polizjeska, dak li hemm mistur wara ċ-ċpar tal-memorja jibda jinkixef bil-mod il-mod bħal leħħiet qosra ta' dawl, flashbacks li kollha flimkien u gradwalment jiffurmaw il-puzzle sħiħ ta' x'seħħ qabel l-inċident. L-awtur bħal jagħti ċerta vitalità lid-dijeġesi (il-ġrajja) billi jinkludi fiha elementi verosimili bħal tbagħbis ta' materjal tal-kostruzzjoni, tower cranes, tradimenti, u qtil jew għajbien ta' persuni, fosthom ġurnalista. F'rabta ma' dan, huwa proprju f'paġna 79 fejn insibu l-ewwel referenza diretta għat-titlu tar-rumanz: "Ma xtaqtx inkun wieħed minn dawk l-allat tal-qerq li jemmnu illi biex tagħmel in-negozju trid bilfors tqarraq u tikkorrompi." Huwa hawnhekk ukoll fejn tidħol it-tema tad-denunċja soċjali.

Il-kliem "ċpar" u "sħab" jieħdu tifsiriet differenti. Hemm drabi meta "ċpar" tintrabat mal-kunċett ta' aljenazzjoni quddiem il-korruzzjoni ("Għalaqt għajnejja fiċ-ċpar bħalma kienu jagħlqu għajnejhom ilkoll... jagħlqu għajnejhom għall-ħruġ tal-permessi abbużivi...", 79-80). L-isħab jiddeskrivi sewwa kif iħossu Sam għal tant żmien wara l-inċident ("... sħab iswed ċomb bħalma kelli f'qalbi u f'ruħi.", 83). Dan l-inċident ta' Sam bħal jaqsam ħajtu fi tnejn - qabel u wara -, u lil Sam fi bniedem maqsum fi tnejn – Sam fl-imgħoddi, bid-dnubiet u n-nuqqasijiet tiegħu, u Sam ta' wara, bis-sensi ta' ħtija.

Huma proprju l-flashbacks li Sam ikollu bil-għajnuna tal-psikoterapewta li jiskopri eżattament dak li seħħ fi ftuħ ir-rakkont. Hi xi ħaġa li tixxokkja kemm lilna l-qarrejja u saħansitra lill-protagonist, għalkemm l-awtur jerfagħlna aktar sorpriżi 'l quddiem ladarba l-verità tibqa' mistura u l-protagonist jibda jiddubita dwar is-sessjonijiet psikoterapewtiċi tiegħu filwaqt li jgħaddilu l-ħsieb li wara l-fatti koroh seta' kien hemm storja ikbar. X'seħħ fil-verità qabel l-inċident ta' Sam donnu jinbidel minn żmien għal ieħor: Sam isir jaf b'verità possibbli oħra minn fomm ġurnalista investigattiva. Iċ-ċpar tad-dubji dwar x'seħħ verament ikompli jbatti sakemm naslu għas-soluzzjoni-kixfa ta' x'ġara eżattament.

Aktar mistoqsijiet: min hija l-mara li Sam kien ra fuq it-televiżjoni? X'seħħ mill-kollega tiegħu Ray Briffa? Min jipprova jtajjar lil Sam? U r-raġel tad-daqna bit-truf bojod li ra jsegwih? Kemm hi importanti d-differenza bejn l-ittra B u n-numru 13?

Ir-rakkont jieħu s-sura ta' mixja jew vjaġġ ta'għarfien minn sitwazzjoni mdallma u mċajpra għal waħda ta' dawl u ċarezza bil-protagonist jeħles mit-trawma li ħakmitu għal xhur twal. Hemm waqtiet ta' tensjoni u qtugħ ta' nifs li jaqtgħu mir-ritmu xi drabi kajman li jintrabat mal-parti investigattiva.



Ben Agius
[Ritratt minn Facebook]

Tiġi inkluża wkoll l-intertestwalità, mela r-relazzjoni bejn ir-rakkont preżenti u films magħrufa, fosthom *Rocky* (122).

Ta' ċerta importanza huma ż-żewġ kwotazzjonijiet li jintroduċu ż-żewġ partijiet tar-rumanz: "Dawk li ma jiftakrux l-imgħoddi tagħhom, ikkundannati jirrepetuh...", ta' George Santayana, u "Il-verità rari hija safja, u qatt sempliċi...", ta' Oscar Wilde. Din it-tieni parti toħodna minn Malta għal Sqallija fejn jaħkem l-ambjent tal-kriminalità organizzata.

Joħroġ sewwa l-kuntrast bejn żewġ dinjiet: fuq naħa dik vjolenti tal-mafjuż Salvatore Gambino; fuq l-oħra, dik tal-imħabba tas-saċerdot żagħżugħ Don Filippo.

Inħoss li hemm xi nuqqasijiet fir-rakkont, dettalji li bħal donnhom jiġu minsija: Kif l-ispettur Sant ma staqsa xejn dwar il-marki tat-tbenġil madwar għonq Sam wara li sefa attakkat, kważi maqtul? X'seħħ mis-siringa li Sam kellu f'idu malli stenbaħ fl-uffiċċju tal-psikoterapewta maqtula? Min-naħa l-oħra, punt pożittiv huwa l-fatt li r-rumanz hu miktub kollu kemm hu f'lingwa nadifa, ma ddarrasx, imma xorta waħda effettiva u li tilħaq l-għanijiet tagħha.

Dan ta' Ben Agius huwa rumanz ieħor b'ritmu li jistieden lill-qarrej jibqa' jaqra sal-aħħar. *Allat tal-Qerq* huwa rumanz sabiħ u adattat għal kull min iħobb id-detective story u l-element investigattiv.

## MIN PINĠIHOM DAWK IX-XENI?

Min pinġihom dawk ix-xeni?
Min għamilhom daqshekk sbieħ?
Min żewwaqhom dawk l-ilwien?
Liem pittur?
Trankwillità,
baħar benniena,
iħajrek titfissed ġo fih,
waqt li jsellem il-bidu ta' jum ġdid.
Sema jkanġi b'kuluri sottili,
rigal għal min jaf japprezza,
il-ġmiel tan-natura.

**CHARLES MIFSUD**

## IX-XEMX TĦEĠĠEĠ NIRIEN

Ix-xemx tħeġġeġ nirien
iżżerżqet fl-għarb
imgħaġġla biex issib
il-kenn ta' darha
imbagħad intebħet bihom
tieqa fl-inħawi msaħħra
jarawha sejra
u x-xemx mgħaġġla nirien
naqqset il-pass
qisha trid tiddandan
trid tgħajjat ġmielha lilhom
ċkejknin umani.
Imdendla waqt sublim
bejn tmiem u bidu
leħħet messaġġ ħanin
li le, mhix tiddandan bi ġmielha,
xtaqet biss tieqaf mgħaxxqa
waqt misruq magħhom...

**LINO SPITERI**
(Minn: *Għaliex ix-Xewk...*, P.E.G., 1998)



# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## BAMBIN F'MAXTURA

F'maxtura bi zkuk tas-siġar,
fuq tiben saqqu bla molol,
ksieħ f'dahrek jizzerzaq 'l isfel,
b'nifs il-ħmara s-sors ta' sħana.
Ħallini xalla ngeżwirlek,
papoċċ tas-sodda nlibbislek,
piġama li tiġik m'għandix,
'mma nnewwillek kutra tkebbek.
Forsi taħfirli ta' lsieni
u tfejjaq lil moħħi maħnuq,
b'rieda li tinbet f'ġulbiena,
ħa nxerred bir kliem ta' ħniena.

JONATHAN BALZAN

## POXT

fiż-żmien kien iħokk ħafna,
mat-tempji tal-inċens
snin wara nkixef waħdu,
illi kien poxt immens.
nixtieq insib għalih kliem mhux bħal poxt
imma nzertajt li jiena ma ngħidx "pett'ne",
imma ngħid moxt.

MARIO GRISCTI

## LIL OLIVER

U jiena ħajti kollha domt biex fhimtek,
x'ridt tgħid fil-vrus imnebbħa bħal profeti,
bħal min il-bieb imbexxaq iħallilek
u tibqa' bla ma taf għandekx tazzarda
timxi 'l quddiem, nkella tmur tinħeba.
Warajk ukoll insus domt ħajti kollha
bil-pass meqjus biex lanqas ħoss ma nagħmel
biex għad xi darba forsi jirnexxili
noqrob ftit lejk u nħossni tlajt fis-sema
imbagħad jekk nibqa' l-art ħadd ma jintebaħ.
U fhimt, tgħallimt il-mixja li rrid nimxi
distanzi twal li għad irrid interraq
mingħajr ma naf jekk għadx xi darba nasal
fejn jista' lili jilħaq id-dawl tiegħek.

ALFRED GRECH

## KITBA

Għadni sal-lum ma nafx xi ktibt fit-trab
b'sebgħek werrej,
'mma naf li l-kitba tiegħek kellha l-qawwa
li twaqqa' l-ġebel fl-art mill-id qattiela
ta' kull xellej.

Li kelli nagħraf x'kienet
dil-kitba misterjuża
li dehret fl-art maħżuża
dakinhar
bil-qalb kont inxandarha
mitt darba b'leħen ċar
mad-dinja kif iddur

biex terġa' ta' kull darba twaqqa' l-ġebel
minn id kull aggressur.

CARMEL G. CAUCHI

## META TIDĦOL IŻ-ŻIFFA

Meta tidħol iż-żiffa minn fuq il-baħar
it-tifkiriet isiru petali fraġli jittajjru fil-bogħod
fejn għadhom jgħixu dawk li ħallewna
u li leħinhom jiġi jżurna biss fil-ħolm.

Meta tidħol iż-żiffa minn fuq il-baħar
nerġa' nintilef f'dak li kien tarrafli n-nannu
li ħajjitna mfassla u miktuba fi ktieb
u li l-kwiekeb siekta juruna t-toroq tal-imgħoddi.

Kultant nismagħhom l-ilħna tagħhom
imbagħad nintebaħ li huwa biss l-għajjat tal-gawwi,
qalbu maqsuma ifittex ftit tal-kenn
meta tidħol iż-żiffa minn fuq il-baħar.

U nerġa' lura fuq dak ix-xatt ta' ilħna jirbumbjaw,
ta' rdumijiet bla qiegħ u ta' mewġ jitniehed,
infittex bħal miġnun lil dawk li kienu u li issa telqu
meta tidħol iż-żiffa minn fuq il-baħar.

**STEPHEN CACHIA**

## IR-RIĦ LI JIBQA' JINGĦI

Ir-riħ li jibqa' jingħi
bejn iz-zkuk tal-awrikarji
donnu ruħ mitluf ifittex
'il-ġisem li biegħdu 'l hinn minnu;
jingħi melankoniku
bħal mara għadha tfittex
l-identità miksuba u mitlufa
fil-ġnien tal-eden mal-gidma tal-frotta
mis-siġra pprojbita;
bħalma raġel mitluf jingħi
f'inċertezza ... iżommx irġulitu
jew jintelaqx mal-kurrent
tal-ħlejjaq b'uċuħ jixhdu l-qerq,
jew jibqax waħdu solitarju f'dinja
li ċaħditu u huwa ċaħad lilha
għax m'emminx fl-ipokresija
tal-kotra umana mitlufa
f'għata ta' kortesija.

Ir-riħ li jibqa' jingħi
indeċiż f'liema staġun
qiegħed jonfoħ.
Ilbieraħ kien sħun ...
Illum qed jiksaħ.
Il-bniedem tħawwad u xejn m'għadu xorta.
Kollox jagħmel bla ħsieb ta' previżjoni ...
Mitluf f'indeċiżjoni.
Għalhekk,
ir-riħ jibqa' jingħi
minn bejn iz-zkuk tal-awrikarji
bħal ruħ ma sabitx kenn
tiġġerra 'l hawn u 'l hinn
bla direzzjoni.

**SALV SAMMUT**
(Minn *Tħarbix*, 2013)

## ILLUM

Fuqha niżel dawl mis-Sema,
l-għażiża Qaddisa Marija,
għax ħabbha l-Mulej
u f'dik id-dija
nisslet lil Ġesù tarbija
biex tagħna jkun Feddej.

Imm'issa m'hemmx kliem
sabiex lilna jfisser
l-għala dan l-għadab għall-gwerra
bejn aħwa u ġirien,
fejn qerda u nirien
mibegħda u herra
f'dil-gwerra
li tkisser kull tama ta' mħabba
fejn Ġesù kien trabba.

Sriebet twal ta' suldati
sa snienhom armati
kuljum għaddejjin,
fejn l-Anġli għannew ferħanin
bħalissa neżlin
bombi jsaffru kull ħin.

**ALFRED CARUANA RUGGIER**

## INT IL-BENNEJ

Int għaġint it-tajn,
għaqqadt ġebla ma' ġebla,
ġebla fuq ġebla,
ta' ħajt bla fili
biex tistorli ħajti.
Mulej, Int il-Bennej;
Int għażilt il-barriera,
Int ħaddimt in-naġġara,
Int taf min jiena Jiena.

**JOHN MALLIA**

## WERQA LI GĦAMLET ŻMIENHA

Imkidda mill-buffuri jonfħu fuqha,
il-werqa sfajra nqalgħet minn mal-fergħa;
gerbibha r-riħ mat-triq imxarrba, jsuqha
sa fuq xifer għadira tleqq bħal mera...

U fl-ilma l-werqa lemħet sfuret wiċċha,
u ftakret fl-aħdar illi kellha darba;
u fehmet li April issa kien spiċċa,
ħadilha daħka u ħallielha karba...

U dawret wiċċha minfuq l-ilma l-werqa,
u reġgħet ftakret dlonk fl-aħħar rebbiegħa,
fl-għasfur li għanna ħdejha, mbagħ'd bis-serqa
tar 'l hemm mill-ġdid u mxennqa għalih ħallieha...

Ftakret fil-weraq l-oħra illi bħalha
kienu taru mar-riħ u tgerbbu magħha,
matul it-triq imxarrba, u staqsiet għala
bdiet tnin bil-mod, u bdiet tħossha bla saħħa.

Ix-xita żdiedet u l-għadira faret,
u l-werqa ngarret f'xifer il-bankina;
minn hemm għal ġo gandott, u 'l isfel daret
bla setgħet tifhem x'ġara sew, miskina!

Fil-bogħ'd instemgħu tokki ta' qanpiena,
iħabbru tmiem ħajj'oħra, u ħafifa
ruħ oħra nħliet mar-riħ, u talbet ħniena
waqt li ggranfat mal-libsa tal-Ħarifa;

'Mma din 'l hinn imbuttatha, u kaxkritha,
flimkien mal-ilmijiet, lejn il-bankina;
minn hemm ir-ruħ tiżfen mar-riħ ħassitha,
sakemm lemħet bħal dawl fit-tarf ta' mina;

U r-ruħ lemħet il-werqa ħdejn riġlejha,
ġabritha u daħħlitha ġewwa xagħ'rha;
imbagħ'd qajla qajl refgħet 'il fuq għajnejha,
u tal-eternità rat l-ewwel xrara!

**ALFRED PALMA**

## GWERRA

Fuq il-fruntiera għajjat suldat lil ħuh
Fejn huma wliedna u t-tfajliet ta' dari
Achtung! Ħitan tal-azzar! Ħitan tal-konkrit
Katavri mal-art iġsma bojod mikxufa ta' nisa u rġiel
mitquba bil-balal, mikula mill-isqra bil-ġuħ.
Ejjew naqbdu triq oħra - il-ħajt ta' bejniethom ħajt tal-konkrit
Seh'mna l-mibegħda u l-madmad tas-sid.
L-aħħar tfajla li bist - l-aħħar mara li rajt
ġisimha mikxuf mormi fil-widien
Għalina l-gwerra - int ħija jien huk
l-azzarin fuq spallejna nitgħajru nitbagħdu se noqtlu 'l xulxin
Il-Lhudi ta' Betlem priġunier magħluq ġewwa ċella
għada nixkubettjawh
hu u dieħel fuq ħmara
f'nofs Pjazza fil-Vjetnam,
fit-Tempju ta' Missieru
f'Gerusalemm.

**ĠUŻÈ AQUILINA**
(Mill-Paġna Letteratura, l-orizzont, 21 ta' Marzu, 1972)

## FILGĦODU

Quddiemi s-siġar tat-tin u l-bajtar
li r-riħ tas-sajf kesa bit-trab,
lil hemm il-baħar ikħal, bajdani,
fil-bogħ'd jinfirex sa jmiss is-sħab.

F'dil-ħemda kbira t'għodwa sabiħa
is-sriedek jiddnu nisma' fil-qrib;
nismagħhom jgħidu wieħed lil ieħor,
lil xulxin jgħidu: saħħa ħabib!

Dlonk jiġri ħsiebi u fik niftakar
li bgħid minn artna ilek tinsab;
u saħħa lilek minn qalbi ntenni,
saħħa li nibgħat lilek mas-sħab.

**ANASTASJU CUSCHIERI**
(Minn: *Cuschieri: Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*, Lux Press, 1967)

## MIN INT?

Rajtha, b'xagħarha mħabbel fuq spallejha
fit-triq weħidha, tħares imbikkija,
donnha qed tfittex 'il xi ħadd b'għajnejha:
it-triq kienet bla ħoss... ħemda waħxija.

Kellha ħarsa ta' biża'; fuq xufftejha
karba ta' wġigħ, wil-qalb tħabbat qawwija,
u dmugħ ta' demm kien nieżel ma' ħaddejha;
tħassartha, u għidt ġo qalbi: 'Din min hija?'

Kienet għajjiena: f'xatt il-baħar strieħet;
il-mewġ kien aħrax jogħla w jaħbat magħha,
u nxteħet fl-art bħal bniedma mingħajr saħħa.

Ħsiebha ma seħħx (għaliex il-Paċi riedet)
u flokha sabet ġlied u mard bil-qtajja'.
Saqsejtha: 'Int min int? 'Weġbitni: 'Il-Ħajja!'

**ĠUŻE CHETCUTI**
(Minn: Il-Malti, Diċembru 1940)

## THE CAROB TREE

The air smells of pollution,
time rips the living and the dead.
There was a world once that loved
and was loved, and fresh fruit
was for everyone's taking.
There was always a harmless sun
behind coloured clouds.

Now the sun hurts the ozone.
Eyes close exploring narrow lanes,
lost in some forgotten valley
where a carob tree grows.
The car park is full and soon
the tree will be removed.

I wanted to come here again to feel
the breeze scented with jasmine,
that grows alongside the carob.
But now the jasmine's dried stalk
clings to the wall tied by cobwebs.
There's a stench of urine
and decaying human faeces.
No more will perfumed jasmine flowers fall
white-washing the soil.

Life is like an echo;
it starts strong then fades,
full of youth and old age.
No longer does the child

run with his dog at his side through
the swaying wilderness,
there is a highway in its midst.
Now, with the onset of darkness,
only my shadow is happily at play
immune to finality, but soon to fade.

**RAYMOND FENECH**
(Minn: *Growing with the shadows*, Adelaide Books, 2018)

## SALMO 2024 A.D.

È questa tua terra Signore?
È questo chi siamo noi,
la creta carne vivente,
specchio del tuo amore?
La stessa plasmata dalle Tue stesse mani?
..... Oggi sta morendo in fretta quella carne;
muore in questo istante,
annegata, col suo sogno di libertà
sciolto in un mare arcigno ed avido.
Muore, schiacciata sotto le macerie di guerra;
vite diventate pedine,
giostrate senza pietà sulla scacchiera dei potenti.

Il fumo di Caino è sempre più denso,
inquina giorno dopo giorno il cielo;
Abele, morto, giace ancora, vittima di suo fratello.
..... Siamo rimasti noi, poveri reduci,
vittime degli angeli ribelli del nostro secolo.
Cercano di creare i loro nuovi dei
gli angeli ribelli caduti in terra,
vite computerizzate, automi, fabbricati dentro laboratori sterili.
..... Stiamo vagando su sabbie mobili, ignari di noi stessi,
carne ridiventata creta,
Creta molle priva di spirito,
umanità persa, in balia del suo stesso progresso.

..... Abbi pietà Signore!

**JANE MICALLEF**
(Poeżija rebbieħa tal-Premju Speċjali "Nosside - Teàgene di reghion" 2024)

## SALM 2024 AD.

Tgħid din art ġensek Mulej?
Dan hu li jsawwarna,
it-tafal li ħa l-ħajja u sar mera ta' mħabbtek,
it-tafal magħġun mill-istess Idejk?
Illum, b'ritmu mgħaġġel
qiegħed jinqered u jmut dan laħmek.
Ħolm il-ħajja jdub fix-xejn,
miblugħ fil-fond ta' baħar kiebi.
Qiegħed imut, misħuq bla ħniena
taħt it-tiġrif tal-gwerra;
Ħajjiet pedini f'logħob imxajtan
taħt is-swaba' tal-poter.
Id-duħħan ta' Kajin
dejjem aktar sfiq u mtaqqal
jinfirex f'kutra mniġġsa lejn is-sema;
Abel, għadu minxur għal tulu mejjet
l-istess vittma friska ta' ħuh qattiel.
U aħna, l-imsejkna li fadal
sfajna vittmi tal-anġli ribelli
li hakmu d-dinja fis-seklu tagħna.
Isawru awtomi, allat ġodda f'ħajjiet komputerizzati,
bnedmin bla ruħ, mitmugħa dehen artifiċjali.
..... Ninsabu mitlufa, nagħżqu b'riġlejna f'ramel miexi,
għorba, ma nagħrfux lilna nfusna.
Sirna laħam li reġa' nbidel f'tafal,
tafal mitluq bla spirtu.
Umanità mifxula, mitlufa,
vittma tal-istess kisbietha.

..... Ikollok ħniena Mulej!

**JANE MICALLEF**
(Poeżija rebbieħa tal-Premju Speċjali "Nosside - Teàgene di reghion" 2024)

## PASSI FIL-BORRA

Il-passi fil-borra memorja bla forma
jistennew il-milja ta' ħajja spjetata

illum hawn għada hemm

tfittex bħall-ħaddiema mitlufa f'minjera
tibża' bħall-mara fuq il-mobile tibki
għax qed ikellmuha l-iħirsa minn naħa l-oħra
abbandunata bħall-ittri li qatt ma impustajt.

it-tmiem mhu ta' ħadd.

**JOHN P. PORTELLI**

## KULL META MEWĠA

Kull meta mewġa taħkem it-tarf t'oħra,
u lkoll imorru jilħqu l-artijiet,
aktarx jogħlew u jqanqlu ragħwa sfiqa,
iwasslu fil-bajjiet it-tislijiet.

U tant għalhekk illejla se nistenna
jasluli minn xi ibħra minsijin,
fejn darba ħallejt ħsusi qajla jgħumu
fid-dija tfuħ tal-kwiekeb imnewnin.

Għax nafhom sew, dawn l-ibħra dejjem grati
għal dak li spiss bgħattilhom tul iż-żmien,
u jibqgħu jilqgħu vrusi sa ma fl-aħħar
ninġarr mal-mewġ u niddu għad flimkien.

**CHARLES BEZZINA**


Deyan Sudjic
Język rzeczy
Dizajn i luksus, moda i sztuka.
sposób przedmioty nas uwodzą?
Karakter

# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## SEARCH OF TRANQUILLITY

We descend the last few steps from that airy world above
tonight we have come seeking reflection
ror those in search of tranquillity,
but to be hugged forever by the wonder of its ecstasy
emerging from and receding into mysteries larger
than any individual life
What childishness is it that while there`s a breath of life
looking at the sea with a dreamy sadness is changing itself
in the brightness of the midnight
For the moment, many have lost that honour
like an ancient river flowing from the mountains to the sea
That peace, love and joy the soul thirst for is light years away
and when kindly falls the night,
by following the wind we lead our fate.

**Dr. BRAJESH KUMAR GUPTA "MEWADEV"**
*L-Indja*

## THE TRAIN

The train, the iron monster
that ruthlessly wiped off the Leopardi's dream,
broke frantically towards North.
vigorously devouring the kilometres
on the wet road
these first days of the new year.
The carriages running in space
sometimes even through the grey blinding
fog of the day.
Behind remain and begin to grow
the kilometres left alone after the abandonment.
I'm myself running with it,
among the temporary passengers
hoping to come back or stop the time.
Trains are not spaceships that fly high
out of gravity.
There the passengers are foreigners
among them.

**ARJAN KALLÇO**
*L-Albanija*

## ODYSSEY

The woman's cry echoes
within the inner realm of thoughts,
where an echo
has begun to toll the bell of snow.

Does it herald a time of war,
or was the swallow's scream
my cry struck by the wave of the sea?

When you are once again a lion
and not a wounded deer,
I shall demonstrate to you
how one dies with a lance in hand.

Wisely shall I live mine.

**MARIANA STRATULAT**
*Is-Serbja*

## DUST OF THE VIRTUAL WORLD

Stop for a while, put on the brakes,
you can still patch up the pieces of yourself
which you scattered endlessly.
Keep your dignity, save yourself!
Your kisses burst through the stage,
hearts scattered on the screens of one's phones,
in each, a part of your secrets.
You forgot your initial goal,
and it changed over time, grew,
changed form, name and image.
You buried the meaning of love in the mud,
trust, loyalty and asked for them in return.
Remained only words, unimportant, insignificant,
limping in your dreams that you dream while awake,
during the day you are visited by nightmares
with the image of some evil witches
and your fairy tale was filled with all kinds of signs.
The unknown X in the math problem
does not get its value.
Physiognomy has changed,
you shoot at point blank range
and the target gets further and further away.
Until when?

**ALIKI TELESKU**
*Ċipru*

## ASSENZE (ESISTERE)

*(a "nonno Engenio")*

Siamo pieni di assenze - il tempo
quotidiano ci carica un fardello
pesante ingombrante - a fatica
senza rendersi conto sopportabile
che del vivere stesso è ormai sostegno

Tutto il vuoto che è fuori ci riempie
di noi quando eravamo con loro
- a condividere tracce di futuro -
che ormai saranno parte del nostro essere
come lo furono del nostro esistere

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
*L-Italja*
(Minn: *55 cose in versi*, AliRibelli, 2023)

## BALLATA PER UNA DONNA

Alzati donna e brandisci una rosa
tu sei sorella, sei pane, sei sposa.
Ecco le spine infilzare la carne
se stillano gocce di sangue e dolore
mammelle di burro già danno il perdono.
Sotto la gonna ambrosia e tormento
se chiudi gli occhi non sentirai nulla.
Vola più in alto di un monte innevato
la tua libertà è in un sogno mai stato.

**LUCILLA TRAPAZZO**
*L-Italja*
(Minn: *Rune*, AliRibelli, 2022)

## MARE SPEZZATO

All'alba giardini sempre in fiore.
Nuvole rosa riempiono cieli capovolti.
Ma tra le dita scorrono storie al capolinea.
Sale la febbre di nodi mai sciolti.
Un filo rosso segna il punto di non ritorno.
Rami secchi lacrimano abissi.
Silenzi in frantumi riempiono l'aria.
Una treccia di mani bucano l'etere.
Raccogli l'onda e spezza il mare.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
*L-Italja*

## DEATH

Nor dread nor hope attend
a dying animal;
a man awaits his end
dreading and hoping all;
many times he died,
many times rose again.
A great man in his pride
confronting murderous men
casts derision upon
supersession of breath;
he knows death to the bone —
man has created death.

**WILLIAM BUTLER YEATS**
*L-Irlanda*

## RECOVERY

"Here I am why this senseless fear?
The night is over, the day will soon arise.
You hear. The shepherds' horns already sound,
and stars grow pale over the rosy glow.

"The path is straight. We are at the edge.
Down in the village the little bell chimes.
Roosters on the fences greet the light
and the earth steams, fertile and happy.

"Here it is still dark. Fog like a river flood
swaddles the black clumps of bilberries.
But the dawn on bright stilts wades in from the shore
and the ball of the sun, ringing, rolls."

**CZESLAW MILOSZ**
(Minn: *New and Collected 1931-2001*, Penguin, 2005)
*Il-Polonja*

# Minn Fuq

## 1- Ixkaffa









## *DIN IL-ĠAWHRA TA' PAJJIŻNA* ta' Tyrone Grima, Horizons, 2024

Dan hu rumanz ta' 270 paġna tal-ġeneru queer, b'rakkont li jiċċaqlaq fi spazju bejn ir-reali (is-sitwazzjoni politika f'Malta, għalkemm din ma tissemmiex espliċitament, mill-bidu tat-tieni nofs tas-seklu 20 sal-preżent) u l-mistħajjel jew fantastiku (bil-kapijiet tal-partiti politiċi li kapaċi jtiru u t-tfal tal-blata tax-xitan). Hemm waqtiet li għandhom mis-surreali bħat-taqtigħa bejn l-ajkla u għasfur iċken, imma anki mill-element oniriku (il-ħolm). Hija interessanti l-idea li l-awtur jinkludi ġewwa t-test ewlieni test ieħor miġjub b'tipa korsiv bl-istess isem tar-rumanz prinċipali, mela *Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna*, imma miktub mill-persunaġġ mistħajjel Dr David Stils. F'dan ir-rumanz naqraw dwar vjaġġ ta' pajjiż matul perijodu partikolari, imma anki dwar vjaġġ ta' individwu, in-narratur. Apparti Leli u personaġġi oħrajn, protagonista oħra f'dan ix-xogħol hija l-Mewt. Huwa wkoll rumanz li jista' jissejjaħ multi-ġenerazzjonali. Apparti hekk, xi partijiet minn dan ir-rumanz kienu jeħtieġu ċertu kuraġġ biex jinkitbu u jinħarġu għad-dawl, tant li jistgħu jdarrsu saħansitra lil ċerti qarrejja. Imma hu fatt li dan hu wieħed mill-ftit rumanzi bil-Malti li jitkellmu b'mod liberu, anki grafiku, dwar il-ġibdiet sesswali-emottivi bejn l-irġiel. Lejn tmiem dan ir-rumanz jinħass li l-kitba tiegħu hi mod kif jinħallu għoqiedi. Fi kliem l-awtur stess: "Fl-aħħar mill-aħħar ir-rumanz huwa dwar it-trawma interġenerazzjonali li tgħaddi mhux biss minn ġenerazzjoni għall-oħra fil-familja, imma minn ġenerazzjoni għall-oħra fil-pajjiż. Il-ġrieħi tal-imgħoddi jintirtu."

## *ĠO BAĦAR JISKURA SAD-DLAM* ta' Gioele Galea, Horizons, 2024

*Ġo Baħar Jiskura sad-Dlam* (259 paġna) huwa t-tielet parti minn serje – wara *Tħabbat Xtaqtek* (2028) u *In-Nar għandu Isem* (2020) - fejn Fra Gioele f'għamla ta' djarju intimu u spiritwali jwasslilna l-mixja tiegħu lejn is-solitudni sabiex jitwaħħad ma' Alla. Il-qarrej li jtemm dan it-tielet volum iħoss ukoll li r-rakkont għad irid jissokta. Dan il-ktieb għandu żewġ livelli: dak uman fejn Galea jirrakkonta episodji importanti minn ħajtu - familjari, nazzjonali, u internazzjonali - mela waqtiet meta jżomm saqajh sodi mal-art, u dak li joħodna f'dimensjoni lil hinn mid-dinja fejn ngħixu ta' kuljum, dinja fejn hemm is-skiet, ir-riflessjoni, il-laqgħa mal-uġigħ u n-Nar, il-profondità spiritwali. Għandhom il-piż tagħhom il-ħolm u anki ċerti viżjonijiet li jikteb dwarhom. Il-proża tiegħu tfakkar ħafna fil-kitba ta' Thomas Merton, filwaqt li l-versi tiegħu, inklużi anki f'din il-ġabra, ifakkru fil-versi ta' Patri Marjanu Vella. Is-sabiħ ta' dan il-ktieb hu anki li Gioele jwassal ħsibijietu bl-ilsien tagħna, l-ilsien Malti, ilsien li kapaċi jwassal kull emozzjoni u ħsieb meta mħaddem minn min jafu sewwa. Jinħass li l-kitba b'xi mod hawn isservi bħala 'ankra' imma wkoll bħala 'qlugħ' matul il-vjaġġ ta' tiftix li jagħmel l-awtur, spiss maħkum minn-sens ta' insikurezza u dubju, ladarba l-Alla li spiss iddur lejh jibqa' sieket u joħloq fik uġigħ, forsi anki disperazzjoni. Xi drabi jinħass ukoll li qisu hemm linja li tifred bejn il-bżonn tal-esperjanza tat-twaħħid komplet ma' Alla ("Alla dlam") fuq naħa, u l-ġenn fuq l-oħra. Il-qari ta' dan il-ktieb hi esperjenza li mhux ta' min titlifha.




# *THE FIELD* ta' Ricky Caruana, 2024

Dan mhux l-ewwel ktieb li Ricky Caruana qed jikteb dwar is-suġġett. Hawn però jitlaq minn spazju limitat li huwa tant għal qalbu - l-għalqa tiegħu fejn jgħaddi ħin twil jaħdem l-art u jirrifletti -, biex joħodna fi spazji ħafna iktar wesgħin u illimitati bħalma huma l-univers u l-istess ħsieb. *The Field* għandu mill-awtobijografija ladarba Caruana jikteb ukoll dwar tiġrib personali li bis-saħħa tiegħu ġarrab kemm telfiet kif ukoll rebħiet, sar jaf bnedmin differenti, u ħadem f'bosta oqsma li dejjem għallmuh minn xiex inhi magħmula d-dinja tal-bniedem imma anki l-univers li ngħixu fih. L-istil ta' kitba mħaddem huwa sempliċi u għalhekk jinftiehem bla diffikultà, mexxej, poetiku, profond, u anki emozzjonali. Jaf iħallat u jalterna bejn waqtiet serji u traġiċi u oħrajn iktar ħfief u komiċi. L-ispirazzjoni ta' Caruana ġejja direttament mill-ħamrija, mill-art, imma anki mill-għerf li nsibu fil-Bibbja, fit-tagħlim tal-Buddha, fit-*Tao Te Ching* ta' Lao Tzu, fix-xogħlijiet ta' kittieba u ħassieba bħal Shakespeare u Schopenhauer. Matul il-qari ta' dan il-ktieb nifhmu li Caruana minkejja li qabeż l-erbgħin sena għadu tifel ġewwa propju għax jara seħer f'kollox, dinja sħiħa anki fl-iċken ħwejjeġ, u jħobb kull ħlejqa u ħolqien. L-għalqa hija l-klassi fejn jitgħallem dan kollu, imma anki spazju li joffrilu kenn minn dak kollu li hu ikrah fid-dinja, fejn kollox huwa mkejjel bil-flus. Mis-sitt kapitlu 'l quddiem il-ktieb jieħu xejra iktar spiritwali ladarba Caruana jikteb dwar Alla li jinsab fina u aħna parti minnu, dwar l-għarfien li aħna lkoll aħna parti min-narrattiva sagra tal-evoluzzjoni, dwar il-Mewt filwaqt li jistaqsi jekk din hix verament it-tmiem, u dwar il-pjan kbir ta' Ommna n-Natura. *The Field* għandu wkoll il-partijiet xjentifiċi tiegħu ladarba fih naqraw dwar l-evoluzzjoni mill-batterji għall-Homo Sapiens, il-Matrix, it-teleskopji Hubble u James Webb, il-kunċetti tat-terraformazzjoni u tal-kwantum, il-fissjoni nukleari, il-bijo- u n-nanoteknoloġija, u ħafna iktar. Dan ta' Ricky Caruana huwa ktieb li jistedinna nieqfu ftit mill-ġirja panikuża ta' kuljum u nirriflettu dwar dak li ilu madwarna bla ma nagħtu kasu għal eluf twal ta' snin. Fl-aħħar mill-aħħar The Field huwa stedina biex inkunu iktar pożittivi, altruwisti, kemm lejn ħutna l-bnedmin, kif ukoll lejn kull ħlejqa naturali li nsibu madwarna. Ifakkarna li "Life is beautiful, once you understand its natural flow."




# *RAPHAEL & CLAY. AN EPHEMERAL SUMMER* ta' Melissa Saliba, 2024

Dan huwa l-ewwel ktieb ta' din il-kittieba Għawdxija. Huwa rumanz qasir ta' 100 paġna u li jinqasam f'disa' partijiet u Konklużjoni. Kull parti jew kapitlu hija maqsuma f'taqsimiet iqsar dejjem biex il-qarrej ma jiddejjaqx jaqra kapitli twal ħafna. Saliba toħodna f'post jismu Hopetown, villaġġ rurali qrib il-baħar li fih jirritorna Raphael, raġel żagħżugħ f'nofs it-tletinijiet tiegħu, fejn iqatta' ftit jiem ma' ibnu, Clay, qabel ma dan tal-aħħar jgħaddi minn esperjenza sfurtunata fejn kważi jitlef ħajtu wara ħabta bil-karozza li kien qed isuq missieru stess. Huwa hawn meta naqraw dwar id-diqa, il-kollass, kif ukoll is-sens ta' inkredulità u ħtija, segwiti minn vojt bla qiegħ f'alternazzjoni ma' emozzjonijiet qawwija. Fl-aħħar mill-aħħar dan kollu jwassal għall-għarfien li kollox inbidel darba għal dejjem. Filwaqt li jagħti ħajja lil għadd ta' tifkiriet, Raphael jiltaqa' ma' spirtu ta' mara tal-baħar li tagħha jitlob l-għajnuna. Dan huwa rumanz li għandu mis-surreali, imma anki mil-logħba kumplessa bejn l-emozzjonijiet u għadd ta' sigrieti. Xi ħbieb ta' Raphael jintroduċuh għal Celine, mara żagħżugħa, li għall-ewwel tidher bħala l-antiteżi perfetta tal-mara l-oħra, imma mbagħad nagħrfu li hemm numru ta' karatteristiċi komuni bejniethom it-tnejn. Dan kollu jwassal għal narrattiva imprevedibbli fit-taqsimiet li jsegwu. Fid-Daħla għall-ktieb il-kittieba tistqarr li dan huwa l-ewwel ktieb fost serje li biħsiebha tikteb u tippubblika. Saliba tiddeskrivi lilha nnifisha bħala dik li twasslilna esperjenzi u emozzjonijiet differenti tal-ħajja, u dan permezz tas-sengħa tal-kitba, tant importanti għaliha. Min jaqra dan ir-rumanz qasir jista' faċilment jidentifika ruħu ma' Raphael, ladarba bosta minna għaddew minn esperjenzi differenti ta' telfien matul ħajjithom. Għalhekk *Raphael & Clay. An Ephemperal Summer* jista' jservi bħala katarsi emozzjonali għall-qarrejja bħalma serva għall-istess kittieba.







## *REFFIEGĦA TAD-DELLIJIET* ta' Joe Camilleri, Horizons, 2024

Din hija d-disa' ġabra ta' novelli ta' dan il-kittieb Għawdxi. Din id-darba għandna ktieb ta' ftit iktar minn 300 paġna li jiġbor fih mal-20 novella ġdiuda ta' Camilleri. Il-kittieb fid-daħla għall-qarrejja jistqarr li: "... ir-rakkonti kienu biss punt tat-tluq għal aktar profondità. Biex nipprova nfannad fil-psikoloġija tal-karattri li mistħajla kemm mistħajla, huma mera ta' dak li aħna." Aktar 'l isfel huwa jikteb ukoll dwar l-"isbuħija tal-kelma Maltija, magħżula apposta għas-saħħa ta' dehritha, ta' passitha, tal-ħoss li toħloq u tar-riħa li twassal." Għalhekk, il-Malti li juża huwa dak li għandu mis-sbuħija tal-Malti ta' missirijietna. Hija proprja t-tip ta' kelma li Camilleri jħaddem f'dawn ir-rakkonti tiegħu li huma prova ta' kemm il-kelma artistika hija kelma ħajja. Il-baħħ, il-vojt, l-abbandun, l-assenza, imma anki l-kelma "dell" u l-lewn iswed huma kollha elementi rikurrenti fin-novelli tiegħu. Fost it-temi ttrattati nsibu ż-żwieġ li falla, il-vjolenza domestika, is-solitudni, l-uġigħ psikoloġiku, u t-tifkira. Jaħkmu wkoll ir-relazzjonijiet familjari: ulied-ġenituri, miżżewġin, aħwa. Il-kitba ta' Camilleri hi prova li min qed jikteb jaf sewwa xi jsarraf it-tiġrib uman, imma anki prova ta' bniedem li jifli u jgħarbel sewwa l-psike umana. F'din il-ġabra jingħata ħafna spazju lill-mara u lill-psike jew emottività femminili, filwaqt li n-novelli preżenti għandhom ħafna mill-arti viżiva. Għawdex huwa spiss l-isfond, bit-tajjeb u bil-ħażin, bis-sbuħija u bl-ikħal tiegħu. Fiċ-ċokon hemm ukoll il-kobor u l-universali. Jitħaddmu bosta similitudnijiet u metafori li jsaħħu l-aspett deskrittiv f'rabta ma' ambjenti miftuħin u fuq kollox stati ġewwiena.

## *ID-DAR TAD-DELLIJIET* ta' Salv Sammut, Horizons, 2024

Dan hu s-16-il rumanz ta' dan il-kittieb prolifiku. Jifrex fuq 281 paġna u li jinqasam f'bosta taqsimiet u kapitli. Hemm partijiet mhux innumerati u partijiet oħra innumerati li jieħdu l-għamla ta' kapitlu wara l-ieħor u dawn iwasslu sa numru 46. Hemm taqsima li jisimha "L-Ewwel Ġabra ta' tifkiriet—Perseveranza" (Kap. 1-22) u taqsima oħra intitolata "It-Tieni Ġabra ta' Tifkiriet—Diżillużjoni" (Kap. 23-46). Taqsimiet oħrajn iġibu l-isem ta' "Il-Pubblikatur" jew "Il-Pubblikatur u l-Kittieb" jew "Waqfien mill-Qari". Hemm ukoll il-Preambolu u l-Epilogu u t-Tislima aħħarija. Mela mal-ewwel daqqa t'għajn wieħed jinnota li l-istruttura narrattiva mhix waħda sempliċi imma kumplessa u li żgur tqanqal kurżità fil-qarrejja. Ir-rumanz jiftaħ b'poeżija fejn Salv Sammut jagħtina togħma ta' x'nistennew minn dan ir-rakkont ġdid tiegħu. Hu rumanz li jqanqal bosta mistoqsijiet fil-qarrej, fosthom: X'inhuma l-misteri li jissawru fid-Dar tad-Dellijiet?; X'relazzjoni hemm bejn il-baħar u l-masġar?; Għaliex il-passat jitħallat mal-preżent?; Għax kellu jkun hemm imħabba klandestina?; X'hemm moħbi fix-xwejjaħ tad-dar fil-masġar?; Liema ġrajjiet iseħħu lil karattri diżorjentati?; u Għalfejn l-iħirsa mistħajla jħufu fil-labirint ta' mħuħ diżillużi? Għal min hu familjari man-narrattiva ta' Salv Sammut jaf li l-kitba mistħajla tiegħu hija garanzija ta' storja li żżommok, mexxejja, mimlija b'varjetà ta' ingredjenti li jgħinu lill-qarrej ikompli jaqra b'ħerqa u enerġija r-rumanz u jieqaf biss meta jasal fi tmiemu.







## *L-AKBAR ĦABIB TIEGĦI. IT-TFITTXIJA GĦAL JACQUES* ta' Lorraine Galea, Pandora Publications, 2024

Dan huwa ktieb li jorbot ma' ktieb li ġie ppubblikat ftit qabel bl-isem ta' *L-Ikbar Ħabib Tiegħi*. Fiż-żewġ każi fuq il-qoxra taż-żewġ kotba hemm preżenti kelb. Fit-tieni ktieb - *L-Akbar Ħabib Tiegħi. It-Tfittxija għal Jacques* -, flimkien mal-kelb hemm ukoll tifel. Hekk diġà jagħtina idea tajba tal-kontenut u t-temi ttrattati fiż-żewġ kotba, fosthom it-tfulija, il-ħbiberija, u l-imħabba lejn l-annimali. Dan jintrabat mad-dedika li tagħmel l-awtriċi: "lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-annimali, mhux bil-kliem biss, iżda bil-fatti, speċjalment dawk li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom, dawk li jagħtu ħinhom u flushom billi b'mod volontarju jgħinu fis-santwarji tal-annimali u dawk li jitimgħu l-qtates ta' barra." Dan it-tieni rakkont jinfirex fuq ftit inqas minn 100 paġna u jinqasam f'7 kapitli. Il-font użat huwa kbir u skur u dan żgur li jkompli jgħin sabiex iħeġġeġ lill-qarrejja żgħar jaqraw bi pjaċir u kumdità dan ir-rakkont ħelu. Hawn Ralph u sħabu l-klieb jinsabu b'qalbhom maqsuma ladarba Jacques, il-kelb gwida ta' Jade, ġie rrapportat nieqes. Il-ħbieb huma konvinti li jsibuh, imma l-biċċa mhix waħda faċli daqskemm ħasbu. Il-qarrej żgur jistaqsi jekk fl-aħħar mill-aħħar Jacques jinstabx u jerġa' jingħaqad ma' Jade. Dan hu rakkont ambjentat fi spazji li aħna familjari magħhom, u miktub b'lingwa li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tuża u tifhem bla tbatija. Il-partijiet djalogati huma bosta u dan ikompli jirrendi lil din l-istorja iktar ħajja u awtentika. Hu rakkont li għandu mill-avventura, xi drabi anki mir-rakkont *detective*. U dan kollu mwassal permezz ta' ilsien art twelidna, il-Malti. Huwa rakkont sabiħ li għandu jistieden anki lill-barranin joqorbu lejn ilsienna.

## *PLANETARJU* ta' Nael Schembri, Pubblikazzjoni Faraxa, 2024

F'dan il-ktejjeb ta' 63 paġna Nael Schembri joħodna fuq vjaġġ interessanti: mid-dinja tagħna sat-tarf tal-Univers, il-post fejn "Alla qed jistaħba"? Mhux biss jgħinna nżuru l-pjaneti mbiegħda u naraw b'għajnejna meravilji ċelestjali, imma jlaqqagħna wkoll ma' allat u ma' mostri kożmiċi li jabitaw l-ispazju bla limiti. B'xi mod dawn kollha għandhom x'jgħallmuna dwar l-eżistenza. Permezz tal-kitba li tieħu l-għamla ta' proża u anki ta' versi, l-awtur Schembri, li hawn jilbes l-ilbies tal-astronawta, jgħin lilna l-vjaġġjaturi tal-ispazju nikkonfrontaw il-piż tal-umanità tagħna u l-potenzjal li jiksbu n-natura ta' allat. Hija odissea li tirrifletti l-ġlieda universali tal-iskoperta personali u t-traxxendenza. Ma' kull waqfa kożmika l-qarrej jiskopri li l-Univers mhux biss firxa wiesgħa, iżda anki mera tal-qalb u r-ruħ. Mela l-vjaġġ li nagħmlu - parti min-natura umana biex nesploraw, nitgħallmu, nikbru - hu wieħed li jirrepeti l-provi u r-rebħiet li lkoll niġu wiċċ imb wiċċ magħhom f'ħajjitna. Schembri jistedinna bħala qarrejja biex miegħu ngħaddu minn qalb il-kwiekeb u nikxfu l-misteri u l-veritajiet li jinsabu lil hinn mid-Dinja tagħna. Apparti l-Prologu, dan il-ktejjeb jinqasam fi 15-il taqsima qosra: id-Dinja; Venere; Merkurju; Xemx; Kometi; Marte; Ġove; Saturnu; Uranu; Nettunu; Pjaneti Nani; il-Faxxa ta' Kuiper; Kewkba Ġganteska Msewda; l-Univers; u 'Il Hemm. Fis-solitudni ta' dan il-vjaġġ twil immens tiegħu fl-ispazju, Schembri spiss jindirizzana bħala qarrejja u jipprova jwasslilna bi kliem sempliċi, kliem ilsien art tweildna, il-Malti, dak li qed iħoss u jara madwaru, filwaqt li l-kobor ta' madwaru jġagħlu jidħol fih innifsu u jirrifletti dwar l-ispazju inkredibbli li qed jivvjaġġa fih daqslikieku kien tfiefa mirkuba fuq il-kurrenti kożmiċi tal-univers.




## *LINGWA FUQ LINGWA* ta' Tarċisju Zarb, Tliet volumi, Kite Group/Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2024

Tarċisju Zarb huwa magħruf minn bosta kemm fil-qasam tat-tagħlim u tat-tgħallim, kif ukoll fil-qasam tal-Malti, tal-letteratura u tal-lingwistika. Huwa bniedem ta' kultura u ta' għarfien wiesa': jgħallem anki l-Psikoloġija, il-Filosofija, l-Għarbi (li fih hu diplomat), is-Soċjoloġija, u s-Systems of Knowledge. Bosta mill-pubblikazzjonijiet tiegħu huma ddedikati lil-lingwistika u lill-etnografija, u dan anki għax huwa bniedem li apparti li jaqra u jaħseb qatigħ, isib ukoll il-ħin biex jitkellem man-nies tal-lokal u jitgħallem minnhom.

Din id-darba qed jagħtina din it-triloġija bl-isem ta' *Lingwa fuq Lingwa*, sottotitolata 'Saġġi, tagħrif u taħriġ fuq il-lingwa u l-lingwistika, għall-istudenti tal-Malti fil-livell Avvanzat, Intermedju u għal min jogħġbu dan il-qasam ta' għerf-għarfien'. L-ewwel volum (279 paġna) jiftaħ b''Daħla' mill-pinna ta' Tarċisju Zarb stess, segwita minn 'Analiżi kritika ta' *Lingwa fuq Lingwa*', miktuba mill-mibki Prof. Charles Briffa. Il-kapitli li jmiss jittrattaw aspetti differenti tal-lingwa, fosthom il-komunikazzjoni, il-lingwa u l-identità nazzjonali; il-lingwa u l-moħħ; il-ħames funzjonijiet tal-lingwa; il-lingwa bħala medju uman; il-varjetajiet tal-lingwa; il-bilingwiżmu; is-self lingwistiku; it-tiswir u l-formazzjoni tal-kliem; il-mixja storika tat-tiswir tal-lingwa Maltija; u l-elementi ewlenin tal-Ilsien Malti.

It-tieni volum (324 paġna) jittratta elementi oħrajn tal-lingwistika, fosthom il-morfoloġija u s-sintassi; il-morfema zero; l-Isqalli u l-Malti; l-affissazzjoni Latina u Griega fil-Malti; tipi ta' struttura ta' sentenza; tempijiet komposti u verbi awżiljarji; il-punteġġjatura u s-sentenza; il-kliem kompost; eżempji ta' sinonimi; il-kuntrarji (l-antonimi); l-allomorfija fil-Malti; il-morfoloġija Rumanza; l-integrazzjoni; l-integrazzjoni tal-Għarbi, l-Isqalli, it-Taljan, l-Ingliż; il-Malti lsien imħallat; kliem missellef u kalki; is-semantika fil-lingwa Maltija; l-istilistika; il-kliem jinbidel; l-omonimi; it-tibdil lessikali; u il-metafora kunċettwali u l-metonimija.

It-tielet volum (251 paġna) imbagħad jittratta suġġetti bħall-iperonimi u l-iponimi; il-polisemija; il-metafora; il-metonimija; il-metonimija u s-sineddokija; is-semantika; lingwa u letteratura; lingwa f'kuntatt; Maltilingua/ Malteselingua/ مالطي lingua; il-grammatika tal-Malti għall-istudenti; noti ġenerali dwar il-lingwistika Maltija; u the Scribe's approach. Fl-aħħar parti tat-tielet volum hemm inklużi anki mistoqsijiet dwar il-lingwistika għal-livell Avvanzat u Intermedju.

Minn din id-deskrizzjoni tal-kontenuti ta' dawn it-tliet volumi wieħed jifhem li Zarb qed jagħtina stampa sħiħa, komprensiva, u aġġornata tal-fenomeni lingwa, lingwa Maltija u lingwistika. Dawn it-tliet volumi għalhekk huma għodda utilissima għall-għalliema tal-Malti f'kull livell, għall-istudenti, kemm tal-livelli sekondarju u post-sekondarju, imma anki għal dawk li qed jistudjaw il-Malti u l-lingwistika fl-Università jew livell terzjarju.

Dawn it-tliet kotba huma mogħnija minn stampi, ritratti, tabelli dettaljati - interessanti dik li tittratta l-oriġni u t-tifsira tal-kunjomijiet -, listi, komparazzjoni ta' konjugazzjonijiet ta' verbi jew qwiel u idjomi f'ilsna differenti, fosthom bil-Malti, bl-Isqalli, bit-Taljan, bl-Ingliż, u bl-Għarbi. Jagħtina wkoll bosta eżempji prattiċi meħudin minn testi letterarji differenti, minn dokumenti u mezzi tal-komunikazzjoni differenti, minn varjetà ta' taħdit li nisimgħu kuljum f'kuntesti diversi, u jislet definizzjonijiet u tifsiriet minn dizzjunarji ta' lingwi differenti.

Zarb jirreferi għal studjużi u personalitajiet magħrufin bħal David Crystal, Lera Boroditsky, Gaia Vince, Ewa Czaykowska-Higgins, Carl Wernicke, Pierre Paul Broca, Jim Miller, Marshall McLuhan, Claudio Iacobini, William Labov, Manwel Mifsud, Joseph Brincat, George Lakoff, u tant oħrajn.

*Lingwa fuq Lingwa* hija triloġija li għandha tinżel għasel u tiġi apprezzata qatigħ minn kull min għandu għal qalbu l-ilsien Malti, u anki minn min jixtieq jara r-rabta ta' dan ilsienna ma' lingwi differenti. Nifhmu wkoll li l-fenomenu lingwa huwa wieħed kumpless u varjat tassew, xi ħaġa li Tarċisju Zarb jirnexxilu jwasslilna b'mod iktar ċar b'tant sabar u dedikazzjoni.




## *META TASAL, TASAL* ta' John P. Portelli, Horizons, 2024

Il-bniedem li jaf li ġismu qed 'jitnaqqar' bil-mod il-mod. U li għalhekk minn bniedem tad-demm u l-laħam kif ilu minn twelidu jibdel lilu nnifsu fi kliem, versi, poeżiji, Poeżija. Bħal kull bniedem, John P. Portelli tad-demm u l-laħam jaf li xi darba jew oħra jrid jgħaddi mit-tranżitu aħħari... Imma intant qed jibdel lilu nnifsu f'essri li se jtul iktar fiż-żmien permezz tal-versi tiegħu. Ruħ il-poeta, il-kuxjenza tiegħu, din il-ħaġa astratta li nsejħulha 'jien' jew essri ġewwieni qed jinbidlu fi kliem stampat fuq il-paġna, kliem li jibqa' jidwi kull darba li qarrej jaqrah f'qalbu jew b'leħen għoli. *Meta tasal, tasal* hija ġabra ta' 46 poeżija li John P. Portelli kiteb dan l-aħħar. Fi vrusu hemm preżenti kemm it-tbatija personali, imma anki dik ta' kull min iġarrab il-mard fl-ewwel persuna; kif ukoll it-tbatija ta' poplu sħiħ, dak Palestinjan, imma anki kull poplu li jgħaddi mit-tiġrib tal-gwerra. Il-qarrej attent jinnota li xi wħud mill-poeżiji huma miktubin b'font normali filwaqt li oħrajn huma miġjubin f'font korsiv. Dan il-poeta jagħmlu biex bħal joħloq konverżazzjoni bejn poeżiji pjuttost personali u oħrajn dwar l-Ukrajina, il-Palestina, u l-Olokawst. Kollha kemm huma huma versi li għandhom bħala tema ewlenija l-Mewt u l-qirda tal-bniedem. Stilistikament Portelli jħaddem l-iktar il-vers u l-metrika ħelsin, bla rima, ladarba dik tiegħu hija poeżija moderna li tagħti libertà sħiħa lill-ħsieb u lill-kreattività tal-poeta. Bħala punteġġjatura jew mekkaniżmu letterarju Portelli jħaddem spiss il-mistoqsija retorika: dan ifakkar li l-poeżija moderna tinkiteb anki biex tqanqal bosta mistoqsijiet min-naħa tal-qarrejja, mela hija poeżija li ma tħallikx passiv imma tinvolvik.




## *GAMEWWIET MILL-IMGĦODDI*, ta' Mary Rose Mifsud, Faraxa, 2024

Din ta' Mary Rose Mifsud (168 paġna) hija ġabra ta' ħames rakkonti qosra li minnhom infushom huma prezzjużi proprju għax twieldu mill-imgħoddi, fihom hemm tant imħabba, u minnhom jixref tagħrif dwar żmien li bil-mod il-mod qed jintesa li kieku ma kienx għal tant kittieba, fosthom Mifsud stess, li b'dedikazzjoni sabu l-ħin jiktbu u jwasslu dan il-wirt tant sabiħ u li qiegħed jgħib. 'Is-Santa tal-Madonna tal-Ħerba' huwa rakkont retrospettiv fejn mill-ħolma ngħaddu għar-realtà. Anki f''Il-Qawl Traditur' tispikka r-relazzjoni bejn nisa ta' ġenerazzjonijiet differenti: naqraw dwar it-tagħlim utli li t-tfajla Louise ħadet mingħand in-nanna materna, Ġina. F''Meta s-Sitt Kmandament Qala' l-Inkwiet' insibu bosta ritratti deskrittivi ta' modi t'għajxien li llum intilfu jew qed ibattu. Kienet tradizzjoni Maltija li l-ġenituri jgħaddu lil uliedhom oġġetti prezzjużi, bħall-gamew, li kien jintlibes f'okkażjonijiet importanti u jintrefa' b'tant għożża. Meta kien jasal il-waqt l-ulied kienu jerġgħu jgħaddu dan il-ħaġar prezzjuż lil uliedhom, biex b'hekk dan il-wirt li fih ikun hemm bħal parti minn min ikun ġarru għal xi snin jgħaddi minn ġenerazzjoni għal ta' warajha. Għalhekk *Gamewwijiet mill-Imgħoddi* hu titlu li joqgħod sewwa għal din il-ġabra ta' rakkonti li Mary Rose Mifsud tgħaddilna b'imħabba. Hija ġabra ta' kitbiet li fihom hemm hija stess, l-esperjenzi li għaddiet minnhom bħalma għaddew minnhom eluf ta' Maltin tal-ġenerazzjoni tagħha. Huma rakkonti li żgur jgħinu lill-qarrej tal-lum jifhem ftit aħjar minn xiex għaddew missirijietna u ommijietna, kif kienet Malta tal-imgħoddi, u b'hekk jifhem ftit iktar l-għeruq tiegħu u hu min hu llum.


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont